

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011
Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema
L-Imġarr A.D. 2011
Festa 2017
Festa 2017

# Werrej


Messaġġ mill-President ..... 5
Kumitat Eżekuttiv 2015-2017 ..... 6
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali ..... 8
Messaġġ mill-Kaxxiera ..... 12
Messaġġ mill-Viċi President ..... 33
Messaġġ mis-Sindku ..... 37
Messaġġ mill-Asst. Segretarju ..... 40
Messaġġ mill-Kappillan u Direttur Spiritwali ..... 41
Messaġġ mill-Asst. Kaxxiera ..... 44
Messaġġ mill-P.R.O ..... 45
Messaġġ mill-Membru fil-Kumitat Eżekuttiv ..... 48
Message from a Member ..... 49
Messaġġ mill-Membru fil-Kumitat Eżekuttiv ..... 50
Messaġġ mill-Membru fil-Kumitat Eżekuttiv ..... 51
Naħsdu dak li qed niżirgħu ..... 52
Is-smigħ ta' mużika Klassika ..... 54
Is-soċjetà tagħna hija ħajja matul is-sena kollha ..... 56
Erġajt ingħaqadt mal-banda tal-Imġarr ..... 57
Sezzjoni Nisa ..... 59
Sezzjoni Żgħażagħ ..... 61
Rebħet dan kollu fi żmien qasir ..... 62
Minn Ħolma għal Realtà ..... 65
Messaġġ mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta ..... 66
Messaġġ mill-Għaqda Patrimonju u Festa Mġarr ..... 67
Bejn festa u oħra ..... 69
Servizzi mużikali ..... 80
Innijiet u marċi proċessjonali ..... 81
Marċi Brijuži li se jindaqqu ..... 85
Rendikont tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr ..... 89
Żewġ bandisti ġodda ..... 92
Il-proġett tal-każin ..... 97
Sehmi għall-każin tiegħi ..... 100
Joseph Fenech Kompożitur (1917 - 2010) ..... 104
Il-Platt Bnin: Gwida għal x'tiekol tul il-ħajja ..... 107
Mro Vincenzo Ciappara (1890-1979) – Il-kompożitur tal-innu popolari L-Imġarr Iben Marija ..... 108
Għal barkietek bla għadd ġew ..... 110
Nitolbu bir-Rużarju Mqaddes ..... 113
It-Talba ta' Marija ..... 114
Ir-rużarju li jpatti għal ħtijietna ..... 116
Il-Figura ta' Marija fit-Talb Popolari ..... 118
Inħarsu lejn Marija minn għajnejn Franġisku ..... 122
L-Għanja tal-Konvoj ta' Santa Marija ..... 123
Poema Marjana f'ġieħ l-Assunta ..... 126
Kronoloġija tad-datital-vari tal-Assunta f'pajjiżna ..... 129
Is-60 anniversarju tal-ewwel logħba tat-tim nazzjonali Malti ..... 132
L-Imġarr fi żmien il-gwerra ..... 137
Meta Grognet qabżitlu ..... 141
Orrizzonti Ġodda għat-Tempji ta' Żmien il-Ħaġar ..... 145
Meta sirt ħabib ma' President Amerikan li kunjomu sillaba waħda u jibda bl-ittra T ..... 149
Leli Cini u n-Niċċa ta' Santa Marija fl-Imġarr ..... 154
Il-ħidma tal-Kummissjoni Djakonija fl-Imġarr ..... 193
Il-Vulkan – Spettaklu tan-Natura ..... 196
A message from Andrea Kuypers ..... 200
Onward Fortissimo ..... 201
Miss World Malta 2017 Michela Galea Tirrakkonta l-esperjenza u l-opportunitajiet ..... 204
Min Irreklama ..... 208



Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Marija, Awwissu 2017

Editur:
Joseph Caruana

Qari tal-provi:
Chris Giordano
Roberta Keasley

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Maria Vella

Ritratti:
Awturi tal-artikli
Arkivji
Gordon Fee
Joseph Caruana
Michael Apap Bologna
Nicholas Apap Bologna
Raymond Muscat
Roberto Apap Bologna

Ir-ritratt tal-kopertina juri l-vara titulari ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema meqjuma fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru r-reklami, kontributuri tal-artikli, u tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li rreklamaw u lilkom li tapprezzaw din il-pubblikazzjoni.

Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà.

Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr.

Kull reklam li jidher f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni lis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.

Issettjat u Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**
**21649012, 99499084**

In-Nutar

# Dr Tony Abela

(Anthony Abela)

Deputat Parlamentari
tad-Distrett



jawgura kull suċċess

lis-Soċjetà Filarmonika

Marija Mtellgħa s-Sema

tal-Imġarr

u jitlob li ningħaqdu

u nagħtuha sapport tassew.



Tel:
21454008

Fax:
21456114

Mob:
99493541

E-mail:
tony@nutarabela.com


95 Sena Fostna




**P.L & R Excavations** (Tal-Palmier)

*General Excavation & Demolition works*
*Supplies of beams & old building stones*

Mobile: **79472898, 99498688, 99473250**



# Grazzi



**Giovanni Gatt**
*President*

Sena wara sena l-banda Mġarrija tidħol f'qalb kulħadd. Ħuti Mġarrin u residenti ġodda li ġejtu ġor-raħal tal-Imġarr, ħudu ħsieb il-banda, kemm fl-għajnuna kif ukoll fil-finanzi. Il-banda hija tagħkom. Din is-sena l-banda ħa ddoqq fil-parroċċa tagħna fil-festa kollha. Ftit jiem ilu kellna servizz ġdid, dak fil-festa ta' San Ġużepp, il-Kalkara. Daqqejna wkoll fil-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija, ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn u ta' San Duminku fil-Belt Valletta. Dan hu ta' kuraġġ għall-banda Mġarrija.

Ftit jiem ilu beda x-xogħol fuq il-każin. Ikun aħjar jispjega s-Segretarju s-Sur Joseph Caruana, għax ikollu ħafna kuntatti fuq dan il-proġett, flimkien mal-Perit David Vassallo. Dan qed jaħdmilna bla ħlas. Nixtieq nirringrazzja lis-Sur James Falzon ta' Falzon Land Rovers, li tana post biex nużawh sakemm ikollna l-każin lest, u tas-servizz tat-trasport li jagħtina bla ħlas. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Stephen Farrugia, li dejjem jgħinna meta jkollna bżonn inġorru xi affarijiet.

Grazzi lill-kumitat tax-xogħol volontarju li jagħti lil din il-banda. Grazzi lis-Sindku u l-kunsillliera kollha talli għal darb'oħra silfuna l-post. Grazzi lill-kumitat tan-nisa. Grazzi, Kappillan, talli tislifna l-maħżen għall-attivitajiet u ta' kemm tikkopera mal-banda. Grazzi lilkom, ġenituri u tfal kollha li intom impenjati fil-banda. Grazzi lill-Kor Regina Coeli. Grazzi lill-Imġarrin kollha tad-donazzjonijiet li tagħtu lil din il-banda.

Ejjew, Imġarrin, mal-banda fil-festa. Kunu parti minn din is-soċjetà mużikali. Grazzi wkoll lil dawk kollha li rreklamaw f'dan il-ktieb tal-banda. Grazzi lill-pulizija tax-xogħol waqt il-festa. Grazzi lil dawk il-ħwienet u individwi li dejjem joffru bibita lill-bandisti. Grazzi lis-Surmast u dawk kollha li jagħtu t-tagħlim tal-banda, u grazzi kbira lil din is-soċjetà mużikali.

Viva Santa Marija għal dejjem!




**All in One Bazaar**
Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr

We offer dry cleaning services, clothes alterations & shoe repair.

Also available clothes,shoes, underwear, bedsheets, gifts,bags, towels,crafts items etc.

*Kulleġġ San Nikola kinder uniform by Eagle Knitwear is available.*

**Mob: 7989 8045**



# Kumitat Eżekuttiv 2015-17

*Wara mix-xellug: Gordon Fee, Marlon Deguara, Angela Muscat, Maria Vella u Frank Schembri*
*Quddiem mix-xellug: Christian Vella, Colin Falzon (Viċi President), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Giovanni Gatt (President), Rose Apap Bologna (Kaxxiera) u Sandro Muscat*


MALTA SUNRIPE
A TASTE OF MALTA

A farmers-owned trade of Maltese Traditional Delicacies
Quality - Tradition - Culinary Heritage




Malta Sunripe Company Ltd., St Peter Street, Mġarr - Malta - MĠR1545
T: +356 2158 3269 - M: +356 7926 1490 / +356 7925 2339
E: msunripe@maltanet.net - W: www.maltasunripe.com

# Kumitat Eżekuttiv 2015-2017

## *Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D. 2011*

**Presidenti Onorarji**
In-Nutar Dr. Tony Abela
L-Onor. Dr. Godfrey Farrugia MP
L-Onor. Dr. Ian Borg MP
Is-Sur Louis Vella
Is-Sur Raymond Muscat
Is-Sur Michael Attard
Is-Sindku s-Sur Paul Vella

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxiera**
Is-Sinjura Rose Apap Bologna

**Assistent Segretarju**
Is-Sur Christian Vella

**Viċi President**
Is-Sur Colin Falzon

**Asst. Kaxxiera**
Is-Sinjura Anġela Muscat

**P.R.O**
Is-Sinjura Maria Vella

**Membri**
Is-Sur Gordon Fee
Is-Sur Sandro Muscat
Is-Sur Frank Schembri
Is-Sur Marlon Deguara

**Delegat tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana

**Rappreżentant Kummissjoni Festa**
Is-Sur Joseph Caruana

**Awditur**
Is-Sur Antoine Borg
FCCA FIA CPA

**Rappreżentant Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana
Is-Sur Christian Vella

**Surmast Direttur u Għalliem tar-Ramm u Perkussjoni**
Mro Tancred Grech
FLCM, LLCM,
B.A(Hons)Music, PGCE

**Assistent Surmast Għalliem tat-teorija**
Mro Mauro Spiteri
A(Mus) LCM., A.L.C.M.

**Għalliem Strumenti tal-Qasba**
Is-Sinjorina Beatrix Calleja
Dip LCM, ALCM, BMusLSM
Is-Sur Henry Fenech,
ALCM, Dip (musc)LCM

**Perit tal-Każin**
Il-Perit David Vassallo
BE&A(Hons), MSc., A&CE

**Konsulenti Legali**
L-Avukat Dr Mattia Felice
LL.B. LL.D.

L-Avukat Dr Noella Scriha

**Nutar tal-Każin**
In-Nutar Dr Tony Abela BA, NP, ND



# Raħal żgħir b'qalb kbira



**Joseph Caruana**
*Segretarju Ġenerali*

Għeżież Imġarrin u ħbieb,

Waslet festa oħra. Festa li nkunu ilna nippreparaw għaliha sena sħiħa. Però l-ħidma tal-għaqda tagħna mhix biss il-festa ta' Santa Marija. Il-festa hi biss il-vetrina tax-xogħol li nwettqu matul is-sena.

Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija li għal darb'oħra qed naqsam magħkom l-esperjenza ta' ħidmitna matul dawn l-aħħar tnax-il xahar. Kienu xhur ta' ħidma bla waqfien u xejn faċli. Wara l-festa tas-sena l-oħra l-kumitat iddeċieda li l-ewwel prijorità għandha tkun il-każin. Qbilna li nibdew dan il-proġett, għax jekk ma konniex se nibdew ma konna se nlestu qatt. Peress li l-proġett hu ambizzjuż ħafna u minħabba limitazzjoni ta' fondi, ġie deċiż li naqsmu dan il-pjan f'fażijiet differenti.

Kien propju ftit jiem ilu, nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2017, meta nbeda x-xogħol fuq l-ewwel fażi. Din il-fażi hu ppjanat li tkun lesta dan is-sajf. Sadanittant għaddej ix-xogħol tal-bdil tal-pjanti. Dan qed isir għax wara li rġajna analizzajna ftit il-bżonnijiet tal-għaqda tagħna, ħassejna li hemm bżonn li jkollna sala kbira li tkun tista' tintuża għar-rehearsals tal-banda kif ukoll għall-attivitajiet. Qed nippjanaw li sal-aħħar ta' din is-sena jkollna l-permessi kollha meħtieġa biex inkunu nistgħu nibdew it-tieni fażi. Jekk kollox imur kif ippjanat, qed inbassru li nibdew nużaw il-każin f'Jannar 2019. Data ambizzjuża ħafna, però mhux se naqtgħu qalbna. Nafu ċerti li se nsibukom dejjem warajna, u għalhekk m'għandniex għalfejn nibqgħu lura.

Imġarrin, issa hu l-mument tal-prova. Issa rridu nuru kemm verament aħna denji tal-motto ta' raħalna – 'Żgħir b'qalb kbira'. Aħna raħal żgħir b'qalb kbira u issa nistgħu għal darb'oħra, kif dejjem għamilna, nuru l-ġenerożità tagħna. Missirijietna hekk għamlu meta kienu qed jibnu l-knisja, l-istess għamlu meta nbena l-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija u issa aħna hekk ser nagħmlu biex inlestu dan il-każin. Imġarrin, għandna ħafna bżonnkom. Tibqgħux lura; il-ftit mingħand kulħadd u jirnexxilna. Għandna bżonn ukoll ħaddiema volontarji li jiġu jgħinuna fix-xogħlijiet li hemm bżonn. Iktar ma nkunu numerużi u ġenerużi iktar inlestu dan il-proġett malajr, u mbagħad uliedna u l-ġenerazzjonijiet ta' warajna jibqgħu grati lejna, kif aħna grati lejn missirijietna, li sawru lil raħalna b'tempju maestuż fil-qalba tar-raħal dedikat lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema. Issa jmiss il-każin tagħkom. Il-każin tal-festa ta' Santa Marija; għalhekk se nħalli f'idejkom… Grazzi, grazzi u grazzi!

Imma l-ħidma tagħna mhix il-każin biss. Għandna r-responsabbiltà li nkattru l-arti mużikali. Dan il-qasam aħna neħduh b'serjetà kbira. Ilkoll nafu l-progress kbir li sar f'dan il-qasam. L-iskola tal-mużika tagħna toffri tagħlim ta' livell għoli minn għalliema professjonali u b'esperjenza. It-tagħlim tagħna ma waqafx biss f'tagħlim tal-prattika, iżda ngħallmu wkoll it-teorija tal-mużika taħt il-kappa tal-London College of Music. B'sodisfazzjon kbir nixtieq ngħidilkom li f'dawn l-aħħar sentejn ressaqna diversi studenti għall-eżamijiet ta' barra, u dawn ilkoll kisbu riżultati tajbin ħafna. Il-parti l-kbira tagħhom ġabu distinction. Dan jimliena

bil-kuraġġ u juri li d-direzzjoni hi tajba. Hawn irrid nirringrazzja lis-Surmast Direttur tagħna Tancred Grech, li flimkien mal-Assistent Surmast Mauro Spiteri u l-għalliema Henry Fenech u Beatrix Calleja b'tant dedikazzjoni u impenn jgħallmu lill-allievi tagħna.

Biex inkomplu intejbu l-livell tal-iskola tal-mużika tagħna, f'dawn l-aħħar sentejn ħadna għajnuna mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ billi żewġ proġetti li ressaqna flimkien mal-Banda Birżebbuġa ġew aċċettati minn din il-fondazzjoni. B'hekk xtrajna apparat li kien bżonjuż għat-tagħlim kif ukoll ngħatajna sussidju għall-ħlas tal-għalliema tagħna u strumenti. F'din is-sena l-banda tagħna se tkompli titkattar billi se jingħaqdu magħha żewġ bandisti ġodda – Miriana Muscat bil-klarinett u Aleandro Deguara Vella bit-tanbur. Minn hawn nixtieq nawguralhom u nħeġġiġhom biex ikomplu jistudjaw ħalli jibqgħu jippromettu.

Il-banda tagħna għandha kalendarju varjat ta' servizzi mużikali. Dawn is-servizzi matul din is-sena żdiedu bi tlieta. Għall-ewwel darba fl-istorja, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr tellajna programm ta' marċi funebri fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr fi żmien ir-Randan. Ftit jiem ilu ġejna wkoll mistiedna biex nakkumpanjaw il-purċissjoni bil-vara titulari ta' San Ġużepp fil-Kalkara. B'dan is-servizz issa s-servizzi barra l-Imġarr telgħu għal erbgħa. F'dawn is-servizzi nħossuna ferm kburin li nkunu ambaxxaturi ta' raħalna. Issa fil-festa titulari ta' Santa Marija wkoll se nżidu servizz. Wara ħafna stennija u diskussjonijiet għall-ewwel darba fl-Imġarr se nagħmlu l-marċ ta' filgħodu. Dan se jkun nhar il-Ħadd 13 t'Awwissu, ġimgħa qabel jum il-festa. Hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li kkontribwew biex dan il-marċ seta' jkun possibbli li jsir, u nħeġġeġ lilkom biex ukoll tagħtu sehemkom.

Ninsab ċert li lkoll tafu li aħna nieħdu l-affarijiet bis-serjetà. Iżda dan mhux biżżejjed. Matul is-sena naħdmu bla waqfien biex niġbru l-fondi neċessarji biex nkunu nistgħu nwettqu l-pjanijiet tagħna. F'dawn l-aħħar xhur organizzajna diversi attivitajiet li kienu ta' għajnuna kbira għalina. Biex inkunu nistgħu nlaħħqu mal-ispejjeż ftit ġimgħat ilu nedejna l-iskema Sehmi għall-Każin Tiegħi.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja minn qalbi lill-Kappillan Mons. Kalċidon Vassallo tal-għajnuna u l-koperazzjoni tiegħu. Lis-Sindku s-Sur Paul Vella u lill-kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill Lokali, li dejjem kienu ta' għajnuna kbira għalina u laqgħuna f'darhom biex inwettqu ħidmitna. Lill-Perit David Vassallo, tal-paċenzja kbira li jieħu bija u tax-xogħol li qed iwettaq fil-proġett tal-każin; lill-Awditur Antoine Borg, li jaħdem id f'id mal-kaxxiera ħabrieka tagħna Rose Apap Bologna; lin-Nutar Tony Abela, li dejjem insibu ta' għajnuna meta jkollna bżonn xi parir. Ftit jiem ilu ngħaqdu magħna wkoll l-Avukat Mattia Felice u l-Avukat Dr Noella Scriha bħala konsulenti legali tagħna. Dawn kollha jagħtu s-servizz tagħhom bla ħlas u naħseb jixraq li nirringrazzjahom pubblikament, għax kieku ma jkunux huma jkollna ħafna iktar spejjeż biex nibqgħu mexjin.

Ringrazzjament speċjali ngħaddih lil sħabi tal-kumitat eżekuttiv, li naħdmu flimkien is-sena kollha, lis-sezzjoni nisa, is-sezzjoni żgħażagħ u l-kummissjoni banda, kif ukoll lill-bord editorjali. Inkompli billi nirringrazzja lill-kollegi tiegħi fil-kummissjoni festa u lil sħabna tal-Għaqda Patrimonju u Festi Mġarrin u s-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta tal-koperazzjoni tagħhom. Lilkom Imġarrin u emigranti, tas-sapport u s-sostenn tagħkom. Fl-aħħar nett irrid nirringrazzja lill-familjari tiegħi tal-paċenzja li jieħdu bija, speċjalment lil marti Vanessa tas-sapport li ttini u l-kuraġġ li tagħmilli biex niqa' għaddej.

Filwaqt li niftakru f'dawk li minħabba raġunijiet varji ma jistgħux jiċċelebraw il-festa magħna, nitlobkom tiftakru f'talbkom fil-morda kollha. Minn qalbi nawguralkom festa sabiħa, festa ta' għaqda ad unur Ommna Santa Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija u viva l-banda tal-Imġarrin!

# Vassallo Self Service

## Variety of Fruit, Veg, Groceries and Delicatessen

Main Street, L-Imġarr, Malta
Tel: 21579357
7905 3790 • 7961 9291
















# MIEGĦEK DEJJEM U KULLIMKIEN



**Mellieħa**
**59, Triq G.Borg Olivier**

GasanMamo
INSURANCE
*Nghinuk dejjem*

T: +356 2752 3672 | insurance@gasanmamo.com | gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Ltd. hi awtorizzata mill-MFSA.



# Nimxu ’l quddiem bil-għajnuna tagħkom



**Rose Apap Bologna**
*Kaxxiera*

Għeżież Imġarrin,

Bħal kull sena qed nippreżenta rendikont tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr AD 2011, għas-sena Ottubru 2015 – Settembru 2016.

## Dħul

Din is-sena kellna żieda fid-dħul, minħabba l-fatt li qed norganizzaw iktar **attivitajiet**, l-iktar ikliet, li issa qed isiru kważi kull xahar. Attività oħra li nbdiet f’Diċembru 2015 kienet **Milied għall-Banda**, fejn il-banda daqqet innijiet tal-Milied u xi allievi qraw ħsibijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ din il-festa qaddisa.

Dan barra **Flimkien għall-Banda**, li issa saret attività fissa fil-kalendarju tal-banda. F’din l-attività l-allievi li għandhom strument idoqqu xi silta mużikali biex juru t-talenti tagħhom. Wara dawn iż-żewġ attivitajiet dejjem nispiċċaw b’xi ħaġa tajba biex nieklu flimkien.

Id-dħul **tal-menswalit**à mingħand il-membri din is-sena naqas drastikament, filwaqt s-**Sezzjoni Nisa** kellha diversi attivitajiet, u dawn komplew jgħinu lill-banda tagħna finanzjarjament. Barra minn hekk il-membri ta’ din is-sezzjoni dejjem jagħtu daqqa t’id f’diversi ikliet li jorganizza l-kumitat, u minn hawn nirringrazzjahom tas-sapport li jagħtu lill-kumitat.

Dan id-dħul huwa importanti ħafna għalina għax minn dawn il-flus inħallsu lill-bandisti tas-servizz li jagħtu lill-banda tagħna, kif ukoll inħallsu lill-għalliema tal-iskola tal-mużika tagħna, kemm dawk tal-prattika kif ukoll tat-teorija.

## Ħruġ

Il-ħruġ żdied sostanzjalment. F’din is-sena li qed insemmu żdiedu l-postijiet fejn tajna s-servizz tagħna. Għall-ewwel darba daqqejna fil-Belt għall-festa ta’ San Duminku u f’Wied il-Għajn għall-festa ta’ Sant’Anna. B’hekk l-ispiża tal-bandisti żdiedet sew.

Dan minbarra li bħas-snin ta’ qabel tajna servizz tal-banda f’Ħal Lija u daqqejna fil-festa ta’ Santa Marija fl-Imġarr bla ħlas, kif ukoll erġajna tellajna programm ta’ mużika sagra fil-knisja parrokkjali (dan il-programm ukoll jittella’ bla ħlas).

Barra minn hekk din is-sena kellna l-ħames anniversarju minn meta twaqqfet il-banda, u biex nikkommemoraw dan l-avveniment irrekordjajna **CD** li jinkludi sett ta’ innijiet Marjani u marċi brijużi.

**L-ispiża tat-tagħlim** żdiedet sew ukoll. Dan għaliex minn 2 għalliema għal xi żmien kellna 4, u issa għandna 3 maestri jgħallmu.

Allievi għandna 14 jitgħallmu t-teorija u l-prattika u 17 jitgħallmu l-prattika biss. B’kollox 31 alliev, li minnhom 13 idoqqu mal-banda tal-Imġarr u anki ma’ baned oħra.

Hawnhekk irrid nirringrazzja **lis-Sur Antoine Borg** (Certified Public Accountant & Registered Auditor) li ġentilment għamlilna l-audit tal-accounts (mingħajr ħlas) minħabba r-rapport li nibagħtu lill-Financial Reporting for Maltese Voluntary Organisations.

Kif qed taraw, l-ispejjeż qed jiżdiedu dejjem iktar. Il-banda tal-Imġarr issa ilha 6 snin toffri tagħlim tal-prattika tal-istrumenti b'xejn, u dan kollu kien possibbli minħabba l-ġenerożità tagħkom.

Issa kif tafu bdejna l-proġett tal-każin, li jinsab fi Triq Sir Harry Luke. Dan il-post għandu bżonn ta' ħafna xogħol, kif ukoll hemm ħafna spejjeż biex ikun jista' jibda jintuża.



*Il-logo tal-iskema Sehmi għall-Każin Tiegħi*

Għalhekk waqqafna skema bl-isem **Sehmi għall-Każin Tiegħi**. Din hija skema sempliċi li biha se jinġabru donazzjonijiet għal dan il-proġett. *(Hawn nixtieq nirringrazzja lil Michael Apap Bologna, li offra b'mod volontarju li jiddisinja l-logo ta' din l-iskema.)* Għalhekk qed nerġgħu nduru lejkom biex tgħinuna fejn tistgħu, kemm min jista' jagħti donazzjoni u kemm min jista' joffri xi tip ta' għajnuna biex jitlesta x-xogħol fuq il-post. Jiena ċerta li kif għamiltu fil-passat se terġgħu tilqgħu din it-talba tagħna u tgħinuna.

Qabel ma nagħlaq nixtieq nagħmel xi ringrazzjamenti. L-ewwel nirringrazzja lill-familja tiegħi ta' kemm jagħtu għajnuna lill-banda tal-Imġarr, u tas-sapport li dejjem jagħtuni. Nirringrazzja wkoll lill-**President is-Sur Giovanni Gatt** u lil sħabi tal-kumitat, speċjalment lis-**Segretarju** Ġenerali s-Sur **Joseph Caruana**, ta' kemm jaħdem bla nifs għall-**banda tagħna**.

Nirringrazzja wkoll lill-għalliema tagħna **Mro Tancred Grech**, **Mro Mauro Spiteri**, lis-**Sinjorina Beatrix Calleja** u lis-**Sur Henry Fenech**, ta' kemm jagħmlu xogħol u jieħdu paċenzja bil-banda tagħna.

Minn qalbi nirringrazzjakom ta' kull għajnuna u nixtiqilkom il-festa t-tajba.

**MARINA GARAGE**
**MECHANICAL WORKS & SPARES**
***JOE ABELA***



**Barbara Street, Mġarr MGR 1330, Malta**
**Tel/Fax: 21574662**




DineWest
RESTAURANT • PIZZERIA
alberta

**Dine West** is a family-run restaurant, pizzeria and take-away situated in the heart of Imgarr, famous for its hearty, delicious food using the freshest ingredients. Come and try our famous Maltese snails with our very own secret sauce, traditionally cooked Maltese rabbit, charcoal grilled Ribeye steak, succulent BBQ'ed pork ribs and delicious home-made burger as well as fresh fish dishes and much more! We also serve a selection of pasta dishes and for pizza lovers we offer a vast selection of mouth-watering pizzas. And to wash it all down, we have a selection of local and foreign wines from our temperature controlled wine cellar.

DineWest
RESTAURANT • PIZZERIA • TAKE-AWAY

**30, Fisher Road, Imgarr,**
**Malta**

**Tel: 21434014 / 77434014**
**dinewest.mgarr@gmail.com**

* Free Wi-Fi
* Wheelchair accessible






LAND ROVER
Ciapella
garage
www.ciapella.com
At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:
Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.
We represent the following brands:
BEARMACH PLC • T - MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • WARN • HI-LIFT • PRO COMP • MANTEC • EQUIPE • K&N PREFORMANCE FILTERS •
DETROIT LOCKER • BRITPART • GOODRIDGE • SAFARI • ARB AIR LOCKER • EXMOORTRIM • RING AUTOMOTIVE
BF GOODRICH TYRES • SILVERSTONE TYRES • GENERAL TYRES • ALLMAKES • TERRAFIRMA
Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: 2157 4615/2157 2504 – Email: adrian@ciapella.com
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: 2141 4441 Fax: 2141 6837 – Email: info@ciapella.com
Join us on Facebook

# Marċ ta’ Filgħodu





## Il-Ħadd, 13 ta’ Awwissu 2017
## mill-10.30am ’il quddiem

Il-marċ se jibda minn Triq iż-Żebbiegħ (fejn Ta’ Soldi)

Grazzi lil dawk kollha li kkontribew għal dan il-marċ





















# Festa 2016



















# Festa 2016
















AVE REGINA COELORVM









# Festa 2016

# DVD UFFIĊJALI

tal-festa kollha maħruġa
mis-**Soċjetà Filarmonika**
**Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr**

- **BANED**
- **NAR**
- **KNISJA**
- **ARMAR**

Prezz:
€15 single DVD
€20 double DVD
(Id-double DVD jinkludi l-programmi mużikali li se tagħmel il-banda fil-knisja fit-13/8/17 u dak ta' lejlet il-festa fuq il-planċier.)

Id-DVD se jkun miġbud u editjat b'mod professjonali minn Sebio Aquilina ta' Audiovisual Productions.

Jekk tixtieq tirreklama jew twassal l-awgurju tiegħek fid-DVD kellimna fuq **79674678**.

Għall-bookings u iktar dettalji ċempel fuq **79674678** jew ibgħat email lil **mgarrband2011@gmail.com**.









**Perit David Vassallo**
jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lir-Residenti kollha tal-Imġarr

**M:**+356 9943 6306
**E:** perit.davidvassallo@gmail.com

MĠARR United Bar & Restaurant

Since 1995

# MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT

Triq il-Magħkuba, Mġarr

(close to Football Ground )

**T: 2157 4630** **M: 7905 0283**





IAN BORG
*l-għażla tiegħek*

*Il-Festa t-Tajba*

*Il-Baħrija | Ħad-Dingli | l-Imġarr | l-Imtarfa | Ħal-Luqa*
*Ħal Qormi | Ir-Rabat | Is-Siġġiewi | Ħaż-Żebbuġ*

ian@ianborg.eu | 99777666



**Agius Agricultural Trading LTD**

*Ghall bzonnijiet agrikoli tieghek*

**Impurtaturi u distribituri ta makkinarju agrikolu, fertillizanti, xitel, frawli, bexx**

tel: +35621573402
e-mail: info@agiusagricultural.eu
web: www.agiusagricultural.eu



# Infaħħruk Dejjem




## Tinbiegħ €10

**L-EWWEL PARTI - VOKALI**

1. **Innu Popolari – Infaħħruk Dejjem** ..... *Versi: Joseph Caruana – Mużika: Tancred Grech – Tkanta: Michela Galea* ..... **3:24**
2. **Innu Popolari – L-Imġarr iben Marija** ..... *Versi: Gianni A. Cilia – Mużika: Vincenzo Ciappara – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* ..... **4:56**
3. **L-Innu l-kbir – Lil Santa Marija** ..... *Versi: Dun Orazio Vella – Mużika: Joseph Abela Scolaro – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* ..... **14:28**
4. **Innu Marċ – F'jum il-festa** ..... *Versi: Joe Sammut – Mużika: Mary Cauchi – Arr. Victor Zammit – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* ..... **3:38**
5. **Innu Marċ – Sultana tal-Imġarr** ..... *Versi: Joe Julian Farrugia – Mużika: Tancred Grech – Tkanta: Marita Bezzina* ..... **5:26**
6. **Innu tal-Banda – 'Marija Mtellgħa s-Sema'** ..... *Versi: Kav. Ġorġ Bianchi – Mużika: Mario Testa – Tkanta: Marita Bezzina* ..... **3:20**

**IT-TIENI PARTI - STRUMENTALI**

7. **Innu Popolari – Infaħħruk Dejjem** ..... *Versi: Joseph Caruana – Mużika: Tancred Grech* ..... **3:24**
8. **Innu Popolari – L-imġarr iben Marija** ..... *Versi: Gianni A. Cilia – Mużika: Vincenzo Ciappara* ..... **4:56**
9. **Marċ Brijuż – Katya** ..... *Tancred Grech* ..... **4:58**
10. **Marċ Brijuż – Martina** ..... *Mauro Spiteri* ..... **4:46**
11. **Marċ Brijuż – Nathan il-king** ..... *Tancred Grech* ..... **4:46**
12. **Innu Marċ – F'jum il-festa** ..... *Versi: Joe Sammut – Mużika: Mary Cauchi – Arr. Victor Zammit* ..... **3:38**
13. **Innu Marċ – Sultana tal-Imġarr** ..... *Versi: Joe Julian Farrugia – Mużika: Tancred Grech* ..... **5:26**
14. **Innu tal-Banda – 'Marija Mtellgħa s-Sema'** ..... *Versi: Kav. Ġorġ Bianchi – Mużika: Mario Testa* ..... **3:20**

**Surmast Direttur** Mro. Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE

Il-**Kor Regina Coeli** kien taħt id-direzzjoni ta' Mro. Mary Cauchi BA (Hons) L.Mus LCM, ALCM

Irrekordjat fi Skylight Studios Lija. Recording Engineer Alec Massa


Ħajr lil Jimmy u Maria Vella, Dine West Restaurant, Vella Mechanical Services, Mġarr & Attard Line Dancing Group, Theresa Quattromani (Tal-Berqu) Josephine Borg (ta' Saqqafi) u Horsley Park Community Social Group.

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr A.D. 2011 © Kull dritt riservat

THERMASEAL

# THERMASEAL LIMITED

## ROOF INSULATION AND WATERPROOFING SPRAY ON FOAM



Ġanni Vassallo Street, Luqa Bypass - Luqa LQA 1515 - Malta.
Tel/Fax: 21 237 712 • 21 241 711 • Mob: 9947 0879
E-mail: admin@thermasealmalta.com • Website: www.thermasealmalta.com

# TRY OUR
# BBQ RANGE

**We have a wide and extensive range of delicious hand pre-prepared BBQ products for every size of BBQ.**

Our selection includes sausages, burgers, kebabs, ribs and much more.
All are homemade and of course great tasting.






## KEBABS
Chicken, Beef, Lamb Kofta, Chicken Satay

## STEAKS
Rib-eye, Cuberoll, Pork collar

## POULTRY
Buffalo Wings & Drumsticks, Chicken Breast in various flavours


## RIBS
Pork & Beef

## SAUSAGES
Fantastic homemade range including Rabbit, Veal, Chicken, Pork and Beef

## BURGERS
Extensive homemade range including Beef, Pork, Lamb, Chicken

MEAT & POULTRY MARKET
Snow White

Zebbiegh Road, Mgarr, MGR 9036, MALTA
t: +356 21575346 e: info@snowwhite.com.mt
www.snowwhite.com.mt


Tal-Plitt
Frott u ħaxix frisk minn tal-Imġarr
Triq Sir Temi Zammit
Żebbiegħ - Mġarr
Tel: 9923 6219
Opening hours:
Mon-Fri: 10am - 7pm
Sat, Sun & Public Holidays:
8:30am - 6pm

RPJ



**New Tyres:**

- Car
- 4x4
- Light Truck and Van
- Heavy Truck
- Agriculture
- Off the Road
- Earth Moving

- Alloy Wheels
- All Tyre Repairs
- Wheel Balancing
- Car Care Products





Sole Agents for:

LASSA Radar petlas

Alloy Wheels:

MAK Arcasting

Also Available Brands:

Firestone GOODYEAR HANKOOK

MICHELIN BRIDGESTONE BFGoodrich

PIRELLI DUNLOP TOYOTIRES




**Mobile: 99 042 285 / 99 448 417**

**Email: rpjtyresandwheels@gmail.com**

**Website: www.rpjtyres.com**

**Address: 236, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030**

**Opening Hours:**

**Monday – Friday: 7:00 – 18:00**

**Saturday: 7:00 – 13:30**

# Ta' Falzon Landrovers Ltd.

**VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022**

**Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504**

James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383

email: colfal@onvol.net

www.jcfalzon.com

LAND ROVER





*After you have seen the rest,*
*Come and buy it from the best!*

TFLL

## HIRE OF TOWER LADDERS

## BEST PRICES ON THE ISLAND

**Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504**

James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383





# Min ikun ġeneruż dejjem jiġi ppremjat



**Colin Falzon**
*Viċi President*

Awwissu wasal u dan ifisser li waslet festa oħra. Festa li aħna l-Imġarrin inkunu ilna nistennew bil-ħerqa. Aħna li nkunu involuti fl-organizzazzjoni tal-festa nkunu nixtiequ li l-jiem tal-festa ma jgħaddu qatt, imma kif jgħidu, xejn mhu għal dejjem, u jekk ma tgħaddix il-festa ma tiġix oħra.

Matul din is-sena ħdimna qatigħ biex norganizzaw festa sabiħa. Però l-preparamenti tal-festa ma kinux l-unika aġenda tagħna. Kif tafu, propju ftit ġranet ilu bdejna x-xogħlijiet fil-proġett tal-każin. Proġett ambizzjuż ħafna li kif jitlesta jkun jista' jitgawda minn kulħadd. Nixtiequ li l-każin ikun it-tieni dar tal-Imġarrin. Post li filwaqt li joffri edukazzjoni u taħriġ kulturali, ikun post ta' rikreazzjoni.

Dan kollu jkun possibbli dejjem għax intom ġenerużi. Kull min ikun ġeneruż dejjem jiġi ppremjat. Għalhekk aħna nwegħdukom li talli tkunu ġenerużi magħna f'dan il-proġett, aħna se nroddulkom lok fejn intom u wliedkom tkunu tistgħu titħarrġu fl-arti mużikali u tirrikreaw ruħkom.

Minn qalbi nirringrazzjakom tal-għajnuna li tagħtuna. Bħalissa għandna bżonn ħafna flus biex inwettqu din il-ħolma, però persważ li se naslu. Dawk li jixtiequ jgħinu però mhumiex f'qagħda finanzjarja tajba xorta jistgħu jikkontribwixxu billi joffru għajnuna manwali. Għalhekk inħeġġiġkom titkellmu magħna u taraw kif tistgħu tkunu ta' għajnuna.

Minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba.

## Il-festa tiegħi titlob is-sehem tiegħi!

Ma ngergirx, imma nkun pożittiv meta nitkellem fuq il-festa
Ngħin b'mod finanzjarju bl-aħjar mod li nista'
Ngħin jekk nista' b'mod manwali
Inħajjar nies biex jiġu għall-festa
Nipprepara ruħi sewwa bi Qrara u Tqarbina
Nattendi għall-funzjonijiet li jsiru fil-knisja
fil-ġranet tal-festa
B'hekk il-festa tiegħi niċċelebraha s-sena kollha.

CAFE
BAR & GRILL

# CAVETT Place

EST.2003




WE CATER FOR ALL OCCASIONS

☎ 00356 7944 1327

MAIN STREET, MGARR

# JKA Construction Ltd

**17, Triq Dun Frangisk Catania, Rabat – Malta**

Għal kull tip ta' lavur fil-ġebel bħal turgien,
*fireplaces* u dekorazzjonijiet ghad-dar
Nagħmlu ukoll alterazzjonijiet
tal-bini u restawr fuq il-ġebel

Għal stima b'xejn ċempel lil Josef Abela fuq
**99444535, 99844694**

Jew ibgħat emajl fuq
jkaconstruction@hotmail.com
**PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**












# *Ġranet tal-Ġbir ta' Skart mill-Lokalità*

Il-Kunsill ifakkarkom li fl-Imġarr jinġabru 3 boroż differenti. Dawn huma:

 Borża Bajda
Organika

 Borża Griża
Riċiklaġġ

 Borża Sewda
Skart Imħallat

| It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt | Il-Ħadd |
|---|---|---|---|---|---|---|
|  |  |  | ✕ |  |  | ✕ |

## Ġbir ta' Skart fil-Festi Pubbliċi 2017

| Data | Borża Bajda | Borża Sewda | Borza Griża |
|---|---|---|---|
| It-Tlieta 15 t'Awissu: Maria Assunta | ✕ | ✕ | ✕ |
| Il-Ġimgħa 8 ta' Settembru: Jum il-Vitorja | ✔ | ✕ | ✔ |
| Il-Ħamis 21 ta' Settembru: L-Indipendenza | ✕ | ✕ | ✕ |
| Il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru: Immakulata Kunċizzjoni | ✔ | ✕ | ✔ |
| L-Erbgħa 13 ta' Diċembru: Jum ir-Repubblika | ✔ | ✔ | ✕ |
| It-Tnejn 25 ta' Diċembru: Il-Milied | ✕ | ✕ | ✕ |



# Noħolqu opportunitajiet għall-banda tagħna



**Paul Vella**
*Sindku*

Ħuti Mġarrin,

Reġgħet waslet festa oħra u għal darb'oħra qed inwasslilkom dan il-messaġġ f'okkażjoni hekk importanti għalina l-Imġarrin.

Hu ta' sodisfazzjon kbir għalija li matul din is-sena l-Kunsill Lokali tal-Imġarr flimkien mal-banda tar-raħal tagħna tellajna programm ta' marċi funebri fil-knisja parrokkjali fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Din kienet l-ewwel darba li ttella' programm bħal dan fl-Imġarr. Hu l-ħsieb tagħna li dan ikun parti mill-kalendarju tagħna. Barra minn hekk qed nippjanaw biex nibdew nagħmlu iktar serati flimkien b'ideat u formati differenti minn dawk tradizzjonali. Dan nagħmluh dejjem biex iktar noħolqu opportunitajiet għall-banda tagħna u għall-bandisti Mġarrin filwaqt li nkattru l-kultura.

Kif tafu aħna minn dejjem tajna sapport lil din l-għaqda, u matul din is-sena baqgħet tuża l-binja tagħna biex toffri t-tagħlim tal-mużika. Dan nagħmluh għax nemmnu fil-ġid u l-opportunitajiet li qed jinħolqu. Il-mużika hi arti u passatemp edukattiv fl-istess waqt. F'din is-sena l-banda kompliet titkattar. Hu ta' pjaċir għalina l-fatt li f'din il-festa se jiddebuttaw mal-banda żewġ bandisti Mġarrin oħra. Sabiħ li wara tant sagrifiċċji taqta' l-frott. Barra minn hekk dan jixhed kemm sar progress bl-għajnuna ta' kulħadd fi ftit żmien mill-banda tagħna.

Iktar 'il fuq semmejt li tellajna programm mużikali flimkien. Barra minn hekk din is-sena l-Kunsill Lokali qed jaħdem iktar mill-qrib mal-għaqdiet lokali. Fil-fatt ftit ġimgħat ilu organizzajna ikla fil-limiti tas-Santi b'risq il-liedna tal-festa. F'din l-attività taw sehemhom l-għaqdiet tal-armar, tan-nar u tal-banda. Issa lejn l-aħħar ta' Settembru se norganizzaw attività oħra flimkien fejn il-Ġnien ta' Padre Pio. Il-ħsieb hu li jinġabru fondi għal dawn l-għaqdiet li jorganizzaw il-festa tagħna.

Ilkoll nafu li ftit jiem ilu beda x-xogħol fuq il-proġett tal-każin tal-banda, proġett li meta jitlesta se jkun jista' jaqdi aħjar il-funzjoni ta' din l-għaqda żagħżugħa. Għalhekk nappellalkom biex kulħadd jikkopera u jagħti s-sehem tiegħu ħalli dan il-każin jitlesta f'qasir żmien.

F'isem sħabi l-kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill Lokali nixtieq nawguralkom il-festa t-tajba. Viva Santa Marija!

*Żomm 'il bogħod mid-DROGA*
Għid **LE** għad-droga




**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, Malta**
**Tel: 2157 2535, 2152 5815**
**Mobiles: 9949 5896, 9984 9961, 9943 7533**

***The True Taste of Malta***
***…our speciality is the Mixed Maltese Dish!***

**Restaurant • Pizzeria • Take Away**
**Bar Café • Dolceria**

***Il-Management u l-istaff jixtiequ jawguraw kull suċċess lill-banda tal-Imġarrin.***

# WHY STRAIN? GET A CRANE

CRANE FLEET RANGING FROM 25 TO 200 TONNES




- Self Erecting / Static Tower Crane
- Sales, Rentals, Erection & Dismantling
- Specialising in Crane Parts for European & Japanese Cranes
- All Type of Crane Repairs, Structural & Hydraulics
- Safe Load Indicator Crane Computer Sales & Repairs
- Industrial Remote Controllers as Fitted to Tower Cranes, High Up Cranes & Tow Trucks

## SWAEY BROS. LTD.

*Crane Services*

Vella Garage, Tal-Blata L-Gholja, Mosta MST 3880

Tel: **21 433 380** Mob: **99 492 362**

Email: **swaey@swaey.com**

**GPS Codes**
35. 902961
14.415860




**www.swaey.com**

## SWAEY BROS. LTD.

*Crane Services*

- Hydraulic Sales, Repairs and Installations
- Hydraulic Hoses and Fittings • All Types of Control Valves
- Lifting Slings, Endless & Conventional Chains, Lifting Tackles, Wire Ropes and Special Hooks
- Rental of Electronic Weighing, Remote Control Load Cells up to 25 Tonnes
- PTOs, Pumps and Fittings
- Crane Repair - Hydraulic Hammer Sales and Repair
- Pneumatic Jack Hammers & Jiggers
- Supply of Chisels for any type of Hammer

difast s.r.l. sollevamento oleodinamica

DIFLEX

PAT

BPE Electronics

demac

Atlas Copco

Rock Tools

PENTA HYDRAULIC POWER

Chicago Pneumatic

FABERCOM

Electronics and hydraulics for mobile machines

PZB

YOKE

Safety is our first priority

Vella Garage, Tal–Blata L-Gholja, Mosta MST 3880
Tel: **21 433 380** Mob: **99 492 362**
Email: **swaey@swaey.com** Web:**www.swaey.com**



# Indoqqu dejjem bla ħlas fl-Imġarr



**Christian Vella**
*Assistent Segretarju*

Għeżież Imġarrin,

Kif jinbidel l-Imġarr f'Awwissu! Kemm inħobbuha l-festa aħna l-Imġarrin! Bir-raġun, tafux, għax niċċelebraw festa kbira, festa universali.

Il-festa ġġib ħafna preparamenti u tirrikjedi flejjes kbar. Kulħadd ikun jixtieq li jagħmel xi opra ġdida għall-festa jew iżid ma' dak li diġà jagħmel, imma l-mezzi mhux dejjem ikunu jippermettu. Aħna bħalissa qed nikkonċentraw fuq il-proġett tal-każin u żgur mhux il-waqt li nonfqu l-flus f'opri oħra. Mhux għax dawn mhux sbieħ jew ma nixtiquhomx, imma għax nemmnu fil-prijoritajiet. F'dan l-istadju jkun iktar għaqli li niċċaħħdu minn ċerti ħwejjeġ biex ma jdumx ma jkollna darna. Imbagħad ċertament li nkunu f'pożizzjoni iktar komda biex nagħmlu ċerti spejjeż.

Minn sena għal oħra l-ispejjeż tal-bandisti dejjem qed jiżdiedu, u lkoll nafu li aħna l-unika għaqda lokali li ma niħdux għajnuna finanzjarja mill-Knisja biex norganizzaw il-festa. Aħna ndoqqu dejjem bla ħlas fl-Imġarr. Dan nagħmluh għax għandna fiduċja kbira fil-ġenerożità tagħkom. Ta' dan aħna grati lejkom u nirringrazzjawkom.

Ftit ġimgħat ilu nedejna skema bil-għan li niġbru fondi għall-proġett tal-każin. Inħeġġiġkom biex tissieħbu magħna u bi ftit ewro fix-xahar tkunu qed tgħinuna nlestu l-każin, bil-ftit mingħand il-ħafna.

Il-festa tagħna hi festa unika. Nistgħu ngħidu li hi l-unika waħda li titgawda kollha mill-pjazza. Dan hu aspett li lkoll flimkien għandna nieħdu ħsieb. Barra minn hekk il-festa tagħna tiġi ċċelebrata mill-komunità Mġarrija kollha f'daqqa. Il-festa ma hi monopolju ta' ħadd. Għalhekk ħadd ma għandu joqgħod lura. Din is-sena ħdimna flimkien biex ikollna briju sabiħ waqt il-marċ tal-aħħar jum tat-tridu. Minn hawn inħeġġiġkom tattendu u ġġibu lil qrabatkom ħalli flimkien nieħdu pjaċir b'dak li pjanajna għalikom.

F'isem sħabi tal-kumitat u sezzjonijiet fi ħdan il-banda tagħna, nawguralkom l-isbaħ xewqat għall-festa tant għażiża għalina ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija u viva l-banda tal-Imġarrin!

*Stitch by Stitch*

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*
**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,**
**Household Goods & Home Furnishings.**



# Festa Frott Ħidma Flimkien



**Mons. Kalċidon Vassallo**
*Kappillan u Direttur Spiritwali*

Il-festa kienet qorbot. Il-banda ta' San Ħawwad kellha l-aħħar kunċert ġenerali, u Santu fettillu jmur għal dan il-kunċert, peress li l-marċi kien iħobbhom. Imma kif daħal fis-sala ra pandemonju sħiħ.

"Imma jien quddiem irrid noqgħod!" kien qed jgħajjat tal-bumbardun.

"Dażgur! Mhux hekk! Quddiem noqgħod jien!" tmasħan tal-katuba.

"Mela jien Tork, jew?" ġibed l-attenzjoni tal-kurunetta.

Is-surmast kienet ser ittih rasu. Aktar ma kien qed jistennieha, li jidderieġi l-banda għall-ewwel darba, aktar kellu jinqala'. Kull wieħed mill-bandisti ried bilfors joqgħod quddiem. Qam pandemonju sħiħ, kulħadd jimbotta u jipprova joqgħod fl-ewwel filliera. Dak il-ħin tal-flawt kien qed jipprova jgħaddi minn bejn żewġ siġġijiet. F'daqqa waħda tfixkel u spiċċa rasu ġol-katuba.

Is-surmast beda jgħajjat kemm jiflaħ. Wara battikata tal-beati pawli sa fl-aħħar irnexxielu jpoġġ 'l kulħadd f'postu.

"Mela nibdew," qal is-surmast. "In-numru wieħed, l-Innu tal-Banda."

Is-surmast għolla l-bakketta. Tal-katuba ħabbat darbtejn (m'għandniex xi ngħidu fuq in-naħa li kienet għadha sħiħa), u l-banda bdiet iddoqq…

Santu beda jaħseb bejnu u bejn ruħu:

Il-parroċċa tixbah ħafna lill-banda. Taħlita ta' ideat u ħidmiet li jwasslu biex il-parroċċa tkun il-post sabiħ fejn kulħadd iħossu milqugħ u maħbub. Dan iseħħ meta kulħadd iżomm postu. Bil-maqlub, meta kulħadd ikun irid jidher hu, il-parroċċa tkun qisha l-banda ta' San Ħawwad qabel beda l-kunċert: kull membru jimpika min jidher l-aktar.

*Wara kollox mhux il-parroċċa biss:*

*Jekk fil-familja l-iben jieħu post il-missier jew l-omm?*
*Jekk fil-każin xi membri jieħdu post il-kumitat?*
*Jekk fil-parroċċa…*

Nistgħu nibqgħu sejrin.


F'dawn il-ġranet il-parroċċa tiċċelebra l-festa f'ġieħ Marija Assunta. Tkun festa sabiħa jekk kull grupp, każin jew għaqda (wara kollox, kull parruċċan) ikun jaf fejn hu postu. Jekk li nagħmlu jsir biex jidher il-grupp, il-każin jew l-għaqda, allura mhux festa jkollna imma pika min hu l-ikbar u l-aħjar. Inkunu qisna l-bandisti ta' San Ħawwad meta nimpikaw min minna jidher l-aktar.

Fil-festa tagħna l-akbar u l-aqwa hija l-Madonna. Hi l-aktar li trid "tidher". Mhux il-knisja, mhux il-każin, mhux it-tali jew it-tali għaqda. Li jsir isir kollu biex jidher il-kobor ta' Marija Mtellgħa fis-Sema.

Jekk xi ħadd jagħmel xi ħaġa biex jidher hu, allura mhux lill-Madonna jkun qed jagħmel festa, imma lilu nnifsu.

Mela ejjew ilkoll nagħmlu l-aħjar li nistgħu biex ikollna festa tabilħaqq sabiħa. Dan nagħmluh bi skop wieħed: li nuru f'dawl isbaħ lil Marija Mtellgħa fis-Sema, biex inkunu nistgħu nimitawha aħjar.

Minn qalbi nawguralkom ilkoll festa mill-isbaħ.


The Mgarr
War Shelter
Opening Hours:
Monday Closed
Tuesday - Saturday 9:00 - 12:00
Sunday 10:00 - 11.30
Entrance is through
Il-Barri Restaurant.
Visit www.il-barri.com.mt
or call us on 21573235
for more info.


ST. FREDERICK
MERCHANT'S STREET
ST. PAUL'S STREET
ST. URSULA STREET
ST. DOMINIC STREET
WE ARE HERE
NENU THE ARTISAN BAKER
Nenu The Artisan Baker is a unique outlet serving traditional Maltese Dishes using fresh ingredients, in the ambience of an original restored bakery.
Go back in time and get a feel of how the bread was produced in the old days. One can also participate in practical demonstrations to prepare the Ftira, baked in an authentic stone oven.
Nenu the Artisan Baker is part of MAYPOLE group
Nenu The Artisan Baker - 143, St. Dominic Street, Valletta T: 22581535
E: info@nenuthebaker.com www.nenuthebaker.com


John Bray & Son
Funeral Directors Est.1981
Moderate Prices
24 hour Service
Garage / Office
Funeral Service
Lampuki Street,
St Paul's Bay, SPB3061
Residence
117, Our Lady of Fatima,
Parades Street,
St Paul's Bay, SPB3431
Contact
Tel: 21585716, 21573588
21571260
Mob: 99493479, 79493479
99477153
Fax: 21573588
Email: johnbrayandson@yahoo.com
www.johnbrayandsonmalta.com
Funeral Services:
Triq Salvinu Vella Mellieħa
Tel: 21522400
Helping you in life's most difficult moments



# Inħeġġeġ lill-poplu Mġarri biex jgħinna



**Angela Muscat**
*Assistenta Kaxxiera*

Għaddiet sena oħra, sena li fiha bħala soċjetà komplejna nwettqu l-ħidma tagħna fi ħdan il-komunità Mġarrija. Dan ifisser ukoll illi waslet festa oħra li matulha bħala banda ser nerġgħu noffru s-servizzi tagħna bla ħlas, bil-għan ewlieni jkun dak illi nagħtu ġieħ lil Ommna Marija. Dan kollu jista' jkun possibbli grazzi għalikom l-Imġarrin, illi dejjem tagħtu sehemkom b'mod attiv waqt l-attivitajiet u l-ġbir li jsiru matul is-sena.

Bis-saħħa t'hekk il-banda kompliet tikber, fejn anke ġejna mistiedna nagħtu s-servizzi tagħna f'lokalitajiet oħra. Ta' dan nirringrazzjaw lis-surmastrijiet fi ħdan is-soċjetà, għall-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom.

Kif kulħadd jaf din is-sena bħala soċjetà dħalna f'ħidma biex inlestu u jkollna l-każin tagħna. Għalhekk nieħu l-opportunità biex inħeġġeġ lill-poplu Mġarri biex jgħinna f'dan il-proġett. Kull għajnuna tiġi apprezzata!

Fl-aħħar nett nawgura lill-poplu Mġarri festa hienja u ta' għaqda! Viva Santa Marija! Viva l-banda tagħna!



Is-Sindku tar-Rabat

is-Sur Charles Azzopardi
u l-familja tiegħu
jawguraw
il-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha.

M: 9943 0066
Email: charlesazzo@hotmail.com



# Għandhom iroddu ftit lura



**Maria Vella**
*PRO*

Imġarrin, Awwissu reġa' wasal u dan hu żmien importanti ħafna għalina li għandna għal qalbna l-festa ta' Santa Marija. Inkunu ilna nistennew sena, mill-għada tal-festa tas-sena ta' qabel, u dejjem naraw kif nistgħu nsebbħu l-festa tagħna.

Matul din is-sena għamilna ħafna xogħol li ma jidhirx, però kien ferm importanti biex issa li bdejna l-proġett tal-każin nibqgħu mexjin fid-direzzjoni t-tajba. Ikkonċentrajna ħafna biex niġbru l-fondi neċessarji, biex niżguraw li filwaqt li nibdew il-proġett tal-każin, ma nnaqqsu xejn mill-festa. Dan hu l-ħsieb tagħna sakemm jibqgħu jippermettu l-mezzi. Ħadna ħsieb li norganizzaw attività tal-inqas darba fix-xahar biex flimkien mar-reklami u d-donazzjonijiet inkattru d-dħul finanzjarju tagħna. Naċċertakom li qatt ma kont nobsor kemm tirrikjedi flus soċjetà bħal tagħna. Kull fejn tmiss, flejjes kbar. Xi ngħidu għax-xiri ta' strumenti? U anke biex inħallsu s-surmastrijiet nirrikjedu flejjes kbar. Mhux ċajta li soċjetà pjuttost żagħżugħa bħal tagħna għandha fi ħdanha erba' għalliema professjonali u noffru t-tagħlim tal-banda bla ħlas.

L-attendenza tagħkom fl-attivitajiet tagħmlilna kuraġġ kbir. Hawn nappella lill-ġenituri tal-allievi biex huma ukoll jattendu għall-attivitajiet li norganizzaw. Kultant inħossu weġgħa ta' qalb meta naraw li qed ngħallmu lil uliedhom b'xejn imbagħad lanqas jattendu l-attivitajiet soċjali. Dawn l-attivitajiet, minbarra li jkomplu jgħaqqduna flimkien, huma mezz tajjeb ta' introjtu. Ilkoll nafu li b'xejn ma jsir xejn. Nifhem li kulħadd ikollu l-ispejjeż, imma ninsab ċerta li qed ngħid il-verità, u naħseb jixraq li wara dak kollu li nagħmlu għall-ġid ta' wliedhom, iroddu ftit lura.

Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li jattendu l-attivitajiet li norganizzaw aħna tas-sezzjoni nisa u lil kull min jgħinna biex dawn l-attivitajiet ikunu suċċess.

Minn qalbi nawguralkom l-festa t-tajba u nitlob lil Santa Marija tieqaf magħna u mal-familji tagħna.

Viva Santa Marija!



**Mario Calleja**
**Crane Services**
**for Hire**
**Mob: 99265419**

# Il-Kunsillier **Clayton Gauci**



Jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin
kollha.




Kull min jixtieq jagħmel kuntatt ma' Clayton jista' jagħmel dan
fuq 9987 1185
jew claytongauci86@gmail.com

# J&J Gauci Granite LTD

Għal kull għażla ta' Granite, Irħam, Travertine, Żonqor u Quartz. Isir ukoll xogħol ta' pavimentar, bankini eċċ.

J&J Gauci Granite L.T.D.
2, Triq il-Fdal Puniku,
Mġarr, Malta MGR2461
Tel: +356 21570540,
Mob: +356 99473248, 99852783
Fax: +356 21525022
E-Mail:jjgauci@yahoo.com









# Il-ħidma tkun ilha għaddejja s-sena kollha

**Sandro Muscat**
*Membru fil-Kumitat Eżekuttiv*



Ħuti Mġarrin,

Ninsabu fiż-żmien tat-tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-patruna tagħna Marija Assunta. Żmien fejn il-banda tal-Imġarr tagħti sehemha mill-qalb bil-bandisti Mġarrin. B'hekk qed nuru x-xogħol siewi li għamel il-kumitat ta' din l-għaqda tul dawn l-aħħar sitt snin.

Għalkemm dan ix-xogħol jispikka l-iktar fi żmien il-festa, il-ħidma tkun ilha għaddejja s-sena kollha. Dan billi norganizzaw diversi attivitajiet. Dawn huma importanti biex nibqgħu noffru t-tagħlim tal-banda b'xejn u nixtru l-istrumenti. Il-kumitat ma waqafx hawn iżda kompla jħares 'il quddiem, u issa bdejna nwettqu l-proġett tal-każin tas-soċjetà. Dan il-proġett se jkun ferm ta' fejda għalina l-Imġarrin, speċjalment għad-dilettanti tal-festa. Nieħu din l-opportunità biex nappella lilkom Imġarrin, u anke lilkom emigranti, biex jekk tistgħu, tgħinuna f'din il-ħolma. Kull għajnuna hi importanti, u għalhekk inħeġġeġ biex tkellmu lil xi membru tal-kumitat biex taraw kif se tkunu parti minn dan il-proġett ambizzjuż.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil Mons. Kalċidon Vassallo u lis-Sindku s-Sur Paul Vella tal-għajnuna tagħhom. Nirringrazzja lill-benefatturi kollha u lilkom Imġarrin tas-sapport kontinwu tagħkom. Nixtiqilkom il-festa t-tajba.

J.J. IRONMONGERY & HOUSEHOLD
Triq F.M. Ferretti, Qajjenza – Birżebbuġa
• Tel: 21652602



*Hiring of Chairs and Tables*



for all occasions
Engagements, Birthdays, Holy Communion, Hotels, Beach Clubs, Restaurants, Clubs, etc

**We deliver and collect back**
**Tel: 2165 2602, 2165 5034**
**Mobile: 9987 9468 Fax: 2165 2602**



# Unexpected rewards



**Gordon B. Fee**
*Member*

Imġarrin, merħba

I have now been on the Mġarr Band committee for over a year, and what a year it has been! I have been involved in many events, parades, festas and fundraising activities. I have seen first-hand just how hard and how dedicated to the band the committee is, and their determination to get proper premises for the students to practice in, and to bring an "Mġarr bandista" to the village in the oncoming year, such dedication for so few. With all this work have come some very unexpected rewards. I have made some true friends and feel that I am now being accepted into this village, and hope that I can continue to help get everyone's vision come alive. Thank you, committee, for the past year, and I look forward to many many more.





# Il-festa se tkun waħda speċjali għalija



**Frank Schembri**
*Membru fil-Kumitat Eżekuttiv*

Ħuti Mġarrin,

Fil-bidu ta' din is-sena ġejt avviċinat mill-President biex nidħol fil-kumitat tal-banda tagħna. Onestament kien ta' sodisfazzjon kbir għalija li jien minn dan ir-raħal, issa li ġejt mogħti l-opportunità nrodd xi ħaġa lura lil dan raħal twelidi.

Sħabi l-oħra tal-kumitat laqgħuni ħafna, u llum li għaddew bosta xhur inħossni integrajt sew magħhom, u flimkien qed nkunu ta' servizz għall-Imġarrin. Il-banda tagħna tgawdi stima kbira fi gżiritna. Aħna lkoll flimkien naħdmu biex inkomplu nkabbru isem is-soċjetà, li għad li hi pjuttost żagħżugħa għamlet passi kbar u stabbiliet ruħha tajjeb fost il-baned lokali.

Is-Surmast Direttur u l-għalliema l-oħra lkoll jagħtu dak kollu li jistgħu biex jingħata l-aħjar tagħlim lill-allievi u l-bandisti tagħna. Is-sagrifiċċji li jagħmlu flimkien mal-istudenti u l-ġenituri huma tassew kbar, u qajla tkun konxju tagħhom jekk ma tkunx involut.

Jien bil-mod il-mod dejjem qed nitgħallem affarijiet ġodda, u bid-direzzjoni ta' sħabi tal-kumitat qed niksbu bosta suċċessi. L-attivitajiet li norganizzaw huma ferm importanti għalina, għax jgħinuna niġbru l-fondi meħtieġa biex inwettqu l-pjanijiet tagħna.

Din il-festa se tkun waħda speċjali għalija. Dan għax għall-ewwel darba se nkun involut b'mod dirett fl-organizzazzjoni tagħha. Għalina l-festa tfisser sena ta' ħidma kontinwa. Ħidma li tagħtina sodisfazzjon.

Minn qalbi nawguralkom festa sabiħa u nħeġġiġkom biex tagħmlu bħali u tissieħbu mal-banda tagħna, biex inkomplu mexjin fit-triq li qbadna.



Kun parti mill-banda tiegħek
u ssieħeb membru
fis-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa s-Sema"
biex tgħinna nkomplu
mexjin 'il quddiem
għall-ġid tiegħek u tal-Imġarr kollu



# Se tkun miktuba fl-istorja tal-Imġarr



**Marlon Deguara**
*Membru fil-Kumitat Eżekuttiv*

Ħbieb Imġarrin,

Jiena u nipprepara dan il-messaġġ tiegħi diġà ilni nisma' ħafna fuq il-festa u naf u nikkonferma li tassew l-Imġarrin jagħmlu festa sabiħa u li tixraq lill-patruna tagħna Santa Marija.

Matul din is-sena l-kumitat ħadem bis-sħiħ flimkien biex jorganizza xi attivitajiet biex minnhom jinġabru l-flus għall-ispejjeż li l-kumitat irid jiffaċċja biex iżomm il-banda ħajja. Wisq iktar peress li matul din is-sena se jkollu bidu l-bini tal-każin, xi ħaġa li naħseb se tkun miktuba fl-istorja tal-Imġarr. Grazzi kbira lill-Imġarrin, lil dawk in-nies li jaħdmu bla waqfien matul is-sena u jiddedikaw ħafna ħin biex fl-aħħar mill-aħħar ikollna festa sabiħa permezz tal-banda u l-briju li joħolqu ż-żgħażagħ Imġarrin.

Jien ġejt mgħallem il-banda ta' età żgħira u għamilt żmien kont indoqq, u għalhekk ħeġġiġt lil ibni biex jibda jitgħallem strument u din is-sena se joħroġ idoqq it-tanbur, grazzi għas-Surmast Tancred Grech. Inħeġġeġ ukoll lill-ġenituri Mġarrin biex iħajru t-tfal tagħhom ħalli huma wkoll jibdew jitgħallmu strument minn età żgħira u b'hekk ikollna banda ikbar u isbaħ imżewqa bi tfal u żgħażagħ Imġarrin. Nixtieq nappella biex iktar persuni jingħaqdu magħna u jaqsmu l-ideat u t-talenti tagħhom. Għandna bżonn ukoll ħafna għajnuna, peress li x-xogħol dejjem jiżdied. Tkun xi ħaġa sabiħa li ningħaqdu bejnietna biex insebbħu l-festa u nagħtu ġieħ lil Santa Marija. F'isem il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema nawguralkom il-festa t-tajba.





# Naħsdu dak li qed niżirgħu



**Tancred Grech**
*FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE*
*Surmast Direttur u Għalliem tal-Allievi*
*– Sezzjoni tar-Ram u Perkussjoni*

Nagħtikom merħba.

Reġa' wasal ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa tant għażiża tagħna: il-festa ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema.

Din kienet sena oħra li bħas-snin ta' qabel kienet kemxejn impenjattiva għall-kumitat kif ukoll għall-bandisti ta' din is-soċjetà. Sena li fiha qed jinbtu affarijiet ġodda imma li fiha wkoll qed naħsdu dak li qed niżirgħu f'dak li ħdimna u għadna qed naħdmu sabiex il-poplu Mġarri jkollu dak li jixraqlu: soċjetà mużikali bl-allievi u bandisti Mġarrin.

## It-tagħlim

It-tagħlim huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin biex din il-banda tkun tista' tikber matul iż-żmien, kemm bħala numru imma anke bħala livell mużikali. Fuq dan tal-aħħar il-kumitat qed jaħdem u jinvesti ħafna sabiex jilħaq dan il-għan.

Għal sena oħra reġa' kellna numru sabiħ ta' allievi/bandisti li resqu għall-eżami tat-teorija, kif ukoll oħrajn li qed jaħdmu sabiex għall-aħħar ta' din is-sena jersqu għall-eżami tal-prattika. Dan huwa ta' inkoraġġiment biex aħna l-għalliema kif ukoll is-soċjetà nkomplu naħdmu sabiex it-tagħlim ikun wieħed professjonali kemm jista' jkun, u b'hekk dawn l-allievi/bandisti jkunu jistgħu javvanzaw fil-qasam tal-mużika.

Nixtieq nieħu l-okkażjoni sabiex nifraħ lil Aleandro Deguara Vella, li ser jingħaqad mal-banda bħala bandist din is-sena bit-tanbur. Miegħu ser tingħaqad ukoll Miriana Muscat bil-klarinett. Nifirħulhom filwaqt li nħeġġeġ lil kull min hu interessat li jibda jiġi għal-lezzjonijiet biex jibda jattendi kull nhar ta' Tnejn ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imġarr.

## Il-banda

Fost is-servizz li l-banda għandha matul is-sena, kemm ġewwa l-Imġarr kif ukoll barra r-raħal, għall-ewwel darba s-soċjetà tagħna daqqet ġewwa l-knisja parrokkjali programm ta' mużika funebri bl-isem *Ave Crus Spes Unica*, li ġie mtella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. F'dan il-programm għall-ewwel darba daqqejna marċi li għandhom x'jaqsmu mal-Ġimgħa Mqaddsa, ta' kompożituri Maltin kif ukoll Taljani. F'din is-serata ħa sehem ukoll is-Sur Ġorġ Peresso, li qara xi ħsibijiet sbieħ minn tiegħu u li b'hekk kompla żewwaq dan il-kunċert, li żgur niżel għasel ma' dawk li huma dilettanti tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Nixtieq nirringrazzja lill-Kunsill Lokali tas-sapport li nsibu mingħandu matul is-sena kollha, kemm bħala appoġġ fejn tidħol mużika imma wkoll talli kull nhar ta' Tnejn inkunu nistgħu nagħmlu l-lezzjonijiet tagħna ġewwa l-uffiċċji tal-Kunsill.

Ta' min wieħed isemmi li f'dan it-tip ta' kunċerti li jsiru, dejjem qed jieħdu sehem bandisti li huma Mġarrin. Dan ikompli jikkonferma l-frott li qed taħsad din is-soċjetà wara biss sitt snin mit-twaqqif tagħha. Mill-esperjenza tiegħi nemmen li huwa ta' unur li wara biss ftit snin din il-banda qed jirnexxilha tagħmel dan it-tip ta' kunċerti (li huma ta' livell tajjeb ħafna) kif ukoll li tieħu sehem f'festi oħra barra r-raħal. Kull fejn il-banda ħadet sehem dejjem marret tajjeb, tant li qed jerġgħu jgħidulna biex nieħdu sehem is-sena ta' wara.

**Għeluq**

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu sabiex din is-soċjetà tkompli tikber. Grazzi b'mod speċjali lis-Segretarju, is-Sur Joseph Caruna, lis-Sinjura Rose Apap Bologna u s-Sinjura Maria Vella tal-paċenzja li jieħdu bija kull ġimgħa. Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lill-kumitat ċentrali kollu tal-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri tal-koperazzjoni kbira li sibt mingħandu matul din is-sena. Grazzi wkoll lill-għalliema s-Sinjura Beatrix Calleja, li għalkemm bħalissa mhux qed tkun magħna matul is-sena kollha ħabba studji li qed tagħmel barra minn Malta, xorta waħda għandi l-appoġġ sħiħ tagħha. Grazzi kbira wkoll lis-Sur Henry Fenech tax-xogħol siewi li qed jagħmel fi ħdan l-iskola tal-mużika.

Fl-aħħar nett nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba, u jalla jkollna festa sabiħa kif jixraq li jkollha Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!

tomabnina@gmail.com
(+356) 99855261 / 99479721




NO. 2, TRIQ DUN EDGAR C/W SQAQ NRU. 1,
MĠARR, MALTA



# Is-smigħ ta' mużika Klassika



**Mauro Spiteri**
*A (Mus.) LCM, ALCM*
*Assistent Surmast u Għalliem tat-Teorija*

Bħala għalliem tal-mużika fi ħdan din is-soċjetà mużikali nħossni fid-dmir illi darba f'sena, sewwasew permezz ta' dan il-ktejjeb, inwasslilkom għarfien relatat mal-mużika. Dan l-aħħar kont qed naqra artiklu dwar il-benefiċċji li nistgħu nakkwistaw mis-smigħ tal-mużika Klassika, liema informazzjoni nixtieq naqsam magħkom.

Iktar minn 350 miljun ruħ madwar id-dinja jsofru mill-kundizzjoni tad-dipressjoni, b'90 fil-mija tagħhom ibatu wkoll minn insomnja, jiġifieri diffikultajiet ta' rqad. Studju xjentifiku wera li fost il-persuni li jbatu mid-dipressjoni, is-sintomi ta' din il-kundizzjoni naqsu drastikament f'dawk illi ġew sottoposti għal smigħ ta' mużika Klassika qabel l-irqad. Għalhekk il-professjonisti jissuġġerixxu lil dawn il-persuni sabiex jisimgħu mużika Klassika għal madwar siegħa qabel l-irqad. Aħna wkoll nistgħu nsegwu dawn is-suġġerimenti, għaliex il-prevenzjoni hija aħjar mill-kura.

Studju ieħor wera li l-motivazzjoni lejn il-ħajja titjieb meta persuna tisma' mużika meditattiva jew Klassika, filwaqt li l-mużika techno u heavy metal iwaqqgħu l-moral tal-persuna. Jiġifieri jien nissuġġerilek li meta jkollok burdata ħażina tisma' ftit mużika Klassika. Pereżempju ibda b'xi Mozart jew Beethoven, ibda b'siltiet li huma l-iżjed familjari miegħek, iżda tibqax imwaħħal mal-istess siltiet; ipprova skopri l-istess kompożituri msemmija iktar qabel. U għaliex le? Forsi wkoll xi kompożituri oħrajn. Meta tinduna li dik il-mużika li qed tisma' inti tibda tanticipa l-melodiji, dak ifisser li s-smigħ tiegħek sar jaf sew dik is-silta u jkun wasal iż-żmien sabiex jinbidel l-istil jew ġeneru tal-mużika li tisma'. Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li aħna ffortunati għaliex nistgħu nisimgħu mużika Klassika meta u fi x'ħin irridu. Irridu niftakru illi sa ftit mijiet ta' snin ilu, dawk il-persuni sta bene biss kellhom l-opportunità li jisimgħu orkestri live (għax dan kien l-uniku mezz ta' smigħ).

Interessanti l-fatt illi mużika b'tempo baxx jista' jgħin sabiex tiġi rregolata t-taħbita tal-qalb. Ipprova isma' mużika b'tempo stabbli għal mhux inqas minn żewġ minuti, l-ewwel silta b'tempo bil-mod u mbagħad oħra b'tempo mgħaġġel, u tinduna kif it-taħbita tal-qalb toqrob lejn it-tempo tal-mużika, speċjalment jekk il-volum ikun wieħed għoli. Għaldaqstant, jekk inti persuna li tbati minn ansjetà f'ċerti ħinijiet, huwa rakkomandat illi tisma' mużika b'tempo bil-mod. Jekk inti persuna li tħobb tagħmel eżerċizzju fiżiku, u lkoll nafu li l-qalb tħabbat iżjed waqt l-eżerċizzju,



*Wolfgang Amadeus Mozart*

huwa rakkomandat illi tisma' mużika b'tempo moderat sabiex tgħin il-qalb iżżomm bilanċ, u meta tispiċċa mill-eżerċizzju aqleb fuq mużika b'tempo baxx, sabiex tgħin it-taħbita tal-qalb terġa' tiġi lura għan-normal f'qasir żmien kemm jista' jkun.

Il-mużika għandha effett dirett fuq l-ormoni tagħna, għaliex waqt li nkunu qegħdin nisimgħu l-mużika, il-moħħ tal-bniedem jibgħat messaġġi biex il-ġisem jiġġenera ċerti ormoni li jistimulaw ċertu pjaċir u/jew emozzjonijiet pożittivi. It-terapija mużikali daħlet sew fil-qasam mediku llum il-ġurnata. Infatti eżempju partikolari huwa meta l-mużika tintuża wara l-operazzjonijiet, sabiex waqt li jkun qed jgħaddi l-loppju l-persuna tħoss inqas uġigħ, għaliex tkun qed tgħin lill-persuna taħseb dwar il-ħsejjes iktar milli dwar l-aspett fiżiku tagħha. Tajjeb li tkun taf ukoll illi għal waqt l-ikel il-professjonisti jissuġġerixxu li jitbaxxew ftit id-dwal tal-kamra tal-pranzu filwaqt li tindaqq mużika Klassika. B'dan il-metodu persuna tikkonsma inqas ikel filwaqt li tapprezza iżjed l-ikel. Ovvjament fil-kamra tal-pranzu ma jridx ikun hemm kull forma ta' telf fis-smigħ, bħal eżempju xi televiżjoni mixgħul, tablets, mowbajls, eċċ… għax żgur li s-suġġeriment tal-professjonisti ma jaħdimx. Għalhekk, issa li dieħel ġmielu s-sajf u kulħadd jipprova joqgħod iktar attent għad-dehra tiegħu, wieħed għandu jikkunsidra dan l-aħħar suġġeriment, forsi jservi bħala dieta ħafifa.

Xi ngħidu mbagħad għal persuni li jeżegwixxu l-mużika, direttur, mużiċisti, kantanti solisti u koristi? Dawn żgur li ddur magħhom l-emozzjoni waqt kull eżekuzzjoni, kemm dik ferriħija kif ukoll dik b'sofferenza, għaliex b'hekk biss tista' toħroġ l-aqwa interpretazzjoni tax-xogħol mużikali. Nagħlaq dan l-artiklu tiegħi billi nistedinkom għal lejlet il-festa biex tiġu tisimgħu l-kunċert tal-banda li s-Surmast flimkien magħna l-mużiċisti qed inħejju sabiex nagħtu l-aqwa interpretazzjoni tas-siltiet li se ndoqqu, siltiet li żgur se jolqtu l-gosti ta' kulħadd. Tislijiet sinċieri lil kull min jagħti l-għajnuna b'mod volontarju għall-ġid ta' din is-soċjetà, u nawgura lil kulħadd l-isbaħ xewqat fl-okkażjoni tal-festa.


**Micallef Joe Travel**

**93, Triq San Tumas, Ħamrun**
**Tel:2122 8586 / 2722 8586 • Mob 9947 1167**
**Email: info@micallefjoetravel.com**
**www.micallefjoetravel.com**




**Micallef Joe Travel Ġiti 2017**

- **Ġiti ta' ġurnata lejn Sqallija fosthom :- Xiri mis-suq ta' Catania / Taormina / Etna Ragusa Ibla / Gole d'Alcantara / Noto...**
- **Erbat'ijiem lejn Taormina**
- **Fiera dei Morti – Ġurnata – 5'ijiem – 3'ijiem**
- **Ġita għal Perugia**
- **Christmas shopping – Ġurnata – 4'ijiem**
- **Il-Festa grandjuża ta' Sant'Agata f'Catania**

*Kopja tal-programmi tista' tinġabar mill-aġenzija*

**ĦADD MA' JISTA' JURIK SQALLIJA AĦJAR!**



# Is-soċjetà tagħna hija ħajja matul is-sena kollha



**Henry Fenech**
*ALCM Dip.(Mus.) LCM*
*Għalliem tas-sezzjoni tal-qasba*

Għeżież ħbieb Imġarrin,

Reġgħet waslet il-festa tant maħbuba għalina, ta' Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema. Is-soċjetà tagħna, minkejja li ilha biss 6 snin imwaqqfa, diġà għamlet avvanzi kbar, u bħalma ngħidu aħna, diġà għamlet recording ta' CD, programmi annwali stabbiliti ta' kull sena, servizzi f'diversi bliet u rħula madwar Malta u fuq kollox numru t'allievi li jippromettu.

Dawn huma ftit mill-eżempji ta' affarijiet li għamlet il-banda tagħna, u dawn ma ġewx mix-xejn, tafux! Dawn saru bil-kapaċità tal-kumitat ċentrali, is-surmast u assistent abbli, u fuq kollox bis-sostenn li kull wieħed u waħda minnkom tagħti lill-każin matul is-sena.

Kull soċjetà f'kull raħal f'Malta u Għawdex tista' tgħid li huwa miraklu li tibqa' għaddejja matul is-sena, peress li kollox hu volontarju, meta tieħu li llum hawn ħafna kurrenti kontra dan kollu. Il-volontarjat naqas drastikament, u b'hekk kull ħaġa li trid tagħmel trid tħallas għaliha. B'hekk importanti li kull attività li tagħmel is-soċjetà nattendu għaliha. Dan ikun ta' kumpens għall-ispejjeż kbar li kull soċjetà tgħaddi minnhom.

Is-soċjetà tagħna hija ħajja matul is-sena kollha, mhux għall-festa biss. Dan jixhduh is-servizzi li għandna u l-attivitajiet li torganizza.

Bħalissa s-soċjetà l-ikbar proġett li għandha quddiemha huwa l-ftuħ tal-każin, li huwa proġett ambizzjuż però naslu għalih, bħal kull sfida oħra.

Peress li jien ġej mill-qasam mużikali nixtieq naqsam xi ftit ħsibijiet fuq it-tagħlim. Is-soċjetà tagħna tista' tgħid li toffri kull tip ta' tagħlim fil-mużika, jekk hux strument tal-qasba jew tar-ram u anke teorija. Għandna għalfejn inkunu xxurtjati li soċjetà fir-raħal tagħna toffri dan kollu. Imbagħad jiddependi minn kull individwu kemm jistudja u jekk jirnexxix jew le. Mhux kulħadd mitfugħ biex idoqq jew isir xi mużiċist prim. Però importanti li l-ġenituri, jekk jaraw xi interess partikolari mit-tfal, ma jċaħħduhomx. Però min-naha l-oħra, jekk it-tfal qegħdin jarawhom li jiġu ta' bilfors, isibu passatemp ieħor. Sfortunatament il-każini tal-banda għadhom ibatu minn tabù li għax każin ma nibagħtux lit-tfal, u jippreferu jibagħtu lit-tfal privatijiet li jħallsu ħafna għalihom u t-tagħlim ikun l-istess. B'hekk l-appell tiegħi huwa biex tieħdu l-opportunità u ġġibu lit-tfal għat-tagħlim tal-mużika f'din is-soċjetà.

Hawnhekk ma nistax ma nsemmix it-tagħlim tat-teorija, li f'sena u nofs li ilu jsir ir-riżultati huma fenomenali. Ħafna tfal diġà waslu Grade 3 tal-London College of Music, u r-riżultati ħafna minnhom huma with honours. Dan jixhed l-impenn li jagħti l-assistent surmast, u anke l-istudenti, li jieħdu t-tagħlim u l-istudju bis-serjetà.

Nixtieq nawgura lill-għalliema tagħna Beatrix Calleja, li bħalissa għaddejja b'Masters ġewwa Edinburgh fuq il-mużika.

Filwaqt li nawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha u lil dawk li beħsiebhom iżuru l-festa tagħna, ejjew nieħdu l-opportunità li qiegħda tingħatalna mis-soċjetà!



# Erġajt ingħaqadt mal-banda tal-Imġarr



**Beatrix Calleja**
*Dip.LCM, ALCM, B.Mus.LSM*
*Għalliema tal-istrumenti tal-qasba*

Ma nistax nemmen li diġà taret l-ewwel sena mill-esperjenza tiegħi ġewwa Edinburgh, fejn qed inkompli nispeċjalizza fit-taħriġ mużikali tiegħi. Din is-sena, għalkemm l-ewwel waħda, kienet sena impenjattiva u informattiva għalija. Tgħallimt iżjed fuq l-istorja tal-mużika, l-armonija, id-direzzjoni, it-teknika u l-interpretazzjoni. Intgħażilt biex indoqq fl-orkestra ta' Edinburgh Napier, fejn ingħatajt l-opportunità li ninterpreta xi solijiet bil-klarinett. Daqqejt ukoll bħala solista f'diversi lunchtime concerts, fejn interpretajt xogħlijiet ta' Weber u Heinrich Baermann. Attendejt diversi master classes, kemm fuq repertorju tal-klarinett kif ukoll fuq l-Alexander Technique ġewwa r-Royal Conservatoire of Scotland fi Glasgow. Mort għal bosta kunċerti bħala udjenza tar-Royal National Scottish Orchestra u l-iScottish Chamber Orchestra, fejn smajt l-interpretazzjoni tagħhom ta' xogħlijiet kbar ta' kompożituri bħal Mahler, Beethoven u Liszt.

Minkejja li kienet sena impenjattiva rnexxieli nikseb gradi ta' distinction fl-eżamijiet u x-xogħlijiet kollha li ssottomettejt. Irnexxieli wkoll inkompli t-taħriġ pjanistiku tiegħi biex b'hekk komplejt ngħolli l-livell ukoll f'dan il-qasam. Ninsab kuntenta ħafna li nħolqot ħbiberija bejn il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr u waħda mill-għalliema tiegħi, Andrea Kuypers, li waslet biex saru master classes għall-alljevi tagħna wkoll. Ninsab ferħana li għax-xhur tas-sajf erġajt ingħaqadt mal-banda tal-Imġarr, u nħares 'il quddiem lejn il-masterclasses li se nkun qed noffri lill-alljevi ta' din l-istess banda.

Viva Santa Marija!



Id-Deputat
**Jean Pierre DEBONO**
u l-familja tiegħu jawguraw



Il-Festa t-Tajba
lill-Imġarrin kollha

**Cell:** 99470062
**Social:** facebook.com/JeanPierreDebono/



# Meta jkun hemm l-għaqda dejjem ikun hemm suċċess



**Odette Muscat**
*President tas-Sezzjoni Nisa*

Għeżież Imġarrin,

Reġgħet waslet festa oħra. Festa li l-Imġarrin inkunu ilna tant nistennew bi ħġarna, dik tal-patruna Santa Marija Mtellgħa s-Sema.

Bħal kull sena s-Sezzjoni Nisa ħdimna biex inkunu nistgħu ngħinu finanzjarjament lill-għaqda tagħna. Dan għamilnieh billi organizzajna diversi attivitajiet. Fil-fatt matul din is-sena għamilna coffee morning kull xahar u għamilna wkoll festini għat-tfal għall-Halloween, il-Milied u l-Karnival. B'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li l-attiviajiet li organizzajna kienu suċċess. Nixtieq ngħid grazzi kbira lilkom il-ġenituri, li bgħattu lit-tfal tagħkom għall-attivitajiet li għamilna.

Ma nistax ninsa nirringrazzja lil sħabi n-nisa tal-kumitat, li dejjem ħdimna id f'id f'kull okkażjoni li organizzajna. Grazzi kbira tmur ukoll lill-kumitat taż-żgħażagħ, li kull meta tlabna għall-għajnuna tagħhom minn dejjem kienu hemm lesti biex jgħinuna, speċjalment fil-festini tat-tfal, u kienu preżenti matul l-attivitajiet u anke biex jgħinu fl-armar tal-post. Nixtieq nirringrazzja lill-ħwienet, li kull meta tlabna xi rigali dejjem kienu hemm lesti li jagħtu xi ħaġa. Wara dawn it-tliet snin li ilni f'din l-għaqda indunajt li meta jkun hemm l-għaqda dejjem ikun hemm suċċess.

Nixtieq niġbed l-attenzjoni ta' dawk l-Imġarrin li jixtiequ jingħaqdu mal-għaqda tagħna li jistgħu jikkuntattjaw kemm lili kif ukoll lil xi ħadd mill-kumitat. Jekk hawn xi persuni li jixtiequ jagħtu xi tip ta' għajnuna, nista' nassigurakom li se nilqgħukom b'idejna miftuħa.

Bħala President tas-Sezzjoni Nisa nixtieq nawguralkom mill-qalb il-festa t-tajba, mimlija barka u hena bl-interċessjoni ta' Marija Assunta.



## Sezzjoni Nisa

*Mix-xellug:*
*Maria Vella (Kaxxiera),*
*Marbeck Muscat (Segretarja),*
*Odette Muscat (President)*
*u Joyce Gauci*

# VEXILLINA

- Printers
- Bookbinders
- Stationers
- Religious Articles





71, Victory Street,Rabat Malta
2145 2624
www.vexillina.com

Like us on Facebook







# Daqqa t'id fil-preparamenti



**Jade Marie Falzon**
*President Sezzjoni Żgħażagħ*

Kienet ilha tinħass ix-xewqa li s-soċjetà tagħna jkollha kumitat taż-żgħażagħ. Din ix-xewqa saret realtà ftit xhur ilu, meta jien u sħabi bdejna niltaqgħu u ffurmajna dan il-kumitat. L-iskop ewlieni ta' dan il-kumitat hu li norganizzaw attivitajiet għalina ż-żgħażagħ bil-għan li niġbru fondi li bihom inkunu nistgħu nkabbru l-briju tal-festa.

Matul din is-sena organizzajna diversi parties għat-tfal u għaż-żgħażagħ, u hikes. L-attendenza kienet inkoraġġanti u nisperaw li tibqa' dejjem tikber, biex inkomplu mexjin 'il quddiem. Is-sena l-oħra kellna festa mill-isbaħ. Il-marċ tal-aħħar jum tat-tridu ntgħoġob ħafna, u dan sar bl-għajnuna u l-parteċipazzjoni tagħkom l-Imġarrin. Din is-sena qed naħdmu biex ikollna iktar briju, u għalhekk inħeġġiġkom biex intom ukoll tiġu tagħtuna daqqa t'id fil-preparamenti li nagħmlu. Inħeġġiġkom biex titgħallmu l-kant tal-marċi u l-innijiet, biex inkunu nistgħu nkantawhom waqt il-marċ, ħalli dejjem inkattru l-briju. Mhux biss, iżda nappellalkom biex tħeġġu lil sħabkom u lill-familjari tagħkom jattendu għall-marċ tal-aħħar jum tat-tridu, ħalli niċċelebraw flimkien.

Is-sapport li tagħtuna jimliena b'kuraġġ. Kuraġġ li issa ferm neħtieġu, peress li bdejna l-proġett tal-każin. Imġarrin, għinuna nlestu dan il-każin, biex aħna ż-żgħażagħ Imġarrin ikollna fejn nirrikreaw ruħna mingħajr il-bżonn li noħorġu minn raħalna. Tafu kemm fl-Imġarr aħna neqsin mill-postijiet ta' divertiment, u dan il-każin għandu jimla dan il-vojt.

Meta tipparteċipaw fl-attivitajiet tagħna mhux biss tkunu qed tgħinu lill-banda, imma anke l-festa, li hi tant għal qalbna.

F'isem sħabi tal-kumitat nixtieq nirringrazzja lilhom stess tal-għajnuna tagħhom, lill-kumitat eżekuttiv u lis-Sezzjoni Nisa, li b'tant dedikazzjoni jiggwidawna. Hawn ma nistax ma nsemmix lis-Sinjura Odette Muscat, li dejjem tattendi l-laqgħat kif ukoll l-attivitajiet tagħna biex tara li kollox ikun miexi tajjeb. Fl-aħħar u mhux l-inqas nirringrazzja lilkom Imġarrin li daħħaltu l-banda tagħna f'qalbkom u tkunu ewlenin biex tissapportjawna.

Nawguralkom il-festa t-tajba.

## Sezzjoni Żgħażagħ



*Wara mix-xellug: Andreas Muscat, Elysa Muscat, Martina Gatt, Natanya Muscat, Matthew Vella. Quddiem mix-xellug: Oriana Farrugia, Semira Galea (Kaxxiera), Maylene Muscat (Segretarja), Jade Marie Falzon (President), Caroline Gatt u Mariah Muscat*



# Rebħet dan kollu fi żmien qasir



**Antoine Borg FCCA, FIA, CPA**
*Awditur tas-Soċjetà*

Fost l-aktar aspetti importanti fil-ħidma ta' kull għaqda hemm l-abbilità ta' min imexxiha li jirbaħ il-fiduċja tal-membri tagħha. Il-membri jsostnu l-għaqda, bl-attendenza tagħhom, bl-appoġġ tagħhom, b'kull tip ta' għajnuna, u fuq kollox billi jsegwu l-ħidma tagħha, għax finalment l-iskop ta' kull għaqda, tkun xi tkun, hu li tagħti servizz fil-komunità li fiha taħdem.

Ma tista' qatt tintrebaħ din il-fiduċja jekk ma jkunx hemm, u ma jkunx jidher li hemm, tmexxija serja, responsabbli, għaqlija u ħabrieka. Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema ġewwa l-Imġarr, li għadha fl-ewwel snin tagħha, rebħet dan kollu fi żmien qasir. Fi ftit snin is-soċjetà mhux biss stabbiliet ruħha u ġiet rikonoxxuta bħala għaqda ewlenija kulturali fir-raħal, imma wkoll bdiet taħdem fuq proġetti ta' ċerta dimensjoni, partikolarment is-sede tas-soċjetà.

Matul is-sena kienu diversi l-okkażjonijiet li fihom segwejt il-ħidma ta' din is-soċjetà. Ewlenija fosthom kienet it-tnedija tal-bidu tal-ħidma fuq is-sede, liema bidu se jkollu sinifikat kbir għall-istorja ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-Imġarr, it-tradizzjoni fil-festi, il-ħidma tas-soċjetà, u fuq kollox il-qima lejn Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema, li fuq kollox hija għalfejn issir il-festa u dak kollu li din iġġib magħha.

Madankollu, wieħed mill-iżjed mumenti li qawwieli qalbi fil-bidu ta' din il-mixja tas-soċjetà hu l-importanza tat-tagħlim tal-allievi. Kelli x-xorti nattendi waqt attività li ġiet organizzata minn din l-għaqda fil-maħżen tal-festa, u rajt li din is-soċjetà mhux biss isservi ta' sostenn għall-allievi nfushom u għall-familji tagħhom. Ħadt gost għax għaraft li bħal kull soċjetà li tfittex li tkun ta' servizz fil-komunità ma taħsibx biss għal issa, iżda wkoll għall-futur.

Għalhekk, meta rajt l-impenn ġenwin ta' dawk kollha li qed jaħdmu għas-soċjetà, u meta rajt il-ħeġġa li biha l-komunità tal-Imġarr laqgħet it-twelid tas-soċjetà, ħassejt li kelli noffri l-għajnuna tiegħi fejn hemm bżonn. B'sodisfazzjon ġejt innominat biex inservi ta' awditur, kif fil-fatt hija l-professjoni tiegħi, tal-affarijiet finanzjarji tas-soċjetà. Biċċa xogħol li nilqa' b'responsabbiltà u sodisfazzjon. Mhux biss għax hu ta' privileġġ għalija li nagħti l-għajnuna ċkejkna tiegħi, imma wkoll għax hu ta' pjaċir li fil-ħidma tiegħi nara soċjetà serja, organizzata. Ngħid dan partikolarment fit-tmexxija tal-affarijiet finanzjarji tas-soċjetà, dak li nivverifika jien permezz tal-ħidma tiegħi. Impressjonanti l-impenn tat-Teżoriera Rose Apap Bologna, flimkien u bl-għajnuna ta' żewġha Roberto, li mhux biss taħdem biex flimkien mal-kumitat iżżid id-dħul tas-soċjetà, iżda wkoll ir-rettezza u l-attenzjoni li permezz tagħha żżomm ordnati l-finanzi u l-kotba tas-soċjetà.

Din hi l-fiduċja li soċjetà serja tibni għaliha nfisha, minn dawk li jaħdmu fiha u oħrajn li josservawha minn barra: il-fiduċja li l-affarijiet mexjin sew, u daqstant ieħor importanti li l-għajnuna u l-kontibuzzjoni finanzjajra li tingħata tkun qed tintuża sew. Inħeġġeġ

għaldaqstant lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-kultura, it-tradizzjoni, il-festa u l-kontribut li din is-soċjetà tagħti sabiex b'fiduċja sħiħa jikkontribwixxu anki permezz tal-aħħar skema mnedija biex jinbena s-sede tas-soċjetà – Sehmi għall-Każin Tiegħi – u jniżżlu isimhom fl-istorja tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema fl-Imġarr. Nagħtihom il-kelma tiegħi: kull għajnuna li tagħtu hi investiment, u iżjed minn hekk, kull ewro ta' għajnuna li tagħtu jingħata attenzjoni speċjali, u ma għandix dubju li għal kull ftit kontribut li intom tagħtu l-kumitat irodd għal ħafna iżjed, b'impenn, serjetà u ħeġġa, li permezz tagħhom ġustament tintrebaħ il-fiduċja tiegħek.



*L-Awditur tal-każin is-Sur Antoine Borg jivverifika l-accounts tas-soċjetà. Jidhru wkoll il-Kaxxiera Rose Apap Bologna u r-raġel tagħha Roberto*

F'ismi u f'isem il-familja tiegħi nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lilek u lill-familja tiegħek. Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!


Antoine Borg
FCCA FIA CPA

Accountant u Awditur,
jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha

79030583
antoine@antoineborg.com




SOGNO BAGNO
Offers on Bathrooms and Floor Tiles
157, College Street, Rabat, Malta.
Tel. No. 2145 1032
Mobile No. 9947 2750
jg375@maltanet.net


Ray's Garage
TAĊ-ĊATT
Repairs & Servicing on Petrol and Diesel Cars.
Diagnostics and Airconditioning Charging.
Bingemma Road, Imgarr.
Contact: Raymond Muscat 99477571



# Minn Ħolma għal Realtà



**Perit David Vassallo**
*Perit tal-Għaqda*

Ftit tal-ġranet ilu, proprju nhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju 2017, tajna bidu għax-xogħol ta' kostruzzjoni fuq is-sit tal-każin li għandu jkun is-sede tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr.

Però, kif wieħed jista' jifhem, biex wasalna għall-bidu fiżiku ta' dan il-proġett ix-xogħol ta' preparazzjoni kien ilu li beda ħafna xhur. Wara li nġiebu l-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar bdew id-diskussjonijiet mal-kumitat biex wieħed jara kif l-aħjar li x-xogħol ta' kostruzzjoni jitqassam f'fażijiet u wkoll biex wieħed jidħol f'ċertu dettall dwar l-ispiża meħtieġa għal kull fażi ta' xogħol.

Kienu ġimgħat ta' ħidma kontinwa, fejn ippreparajt ukoll rapporti speċjalizzati biex setgħu jinħarġu l-permessi kollha mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li, minħabba s-sensittività tas-sit, li jinsab qrib ħafna tat-Tempji Ta' Ħaġrat, għandha rwol importanti ħafna f'din l-ewwel fażi ta' dan il-proġett, saħansitra bis-superviżjoni diretta u kontinwa fuq il-post minn esperti fl-arkeoloġija. Barra minn hekk tlestiet id-dokumentazzjoni kollha relatata mal-kostruzzjoni skont kif rikjest mil-liġijiet tal-pajjiż.

Tajjeb nispjegaw li l-ewwel fażi tal-proġett – li għadha għaddejja bħalissa – tikkonsisti fix-xogħol kollu fuq il-parti esterna tas-sit. Sal-lum tlesta dan ix-xogħol:

- sar it-tindif kollu li kien hemm bżonn, inkluż it-tneħħija tal-ħamrija f'parti mis-sit sakemm inkixef il-blat;
- tħammlu l-partijiet fejn iridu jsiru l-pedamenti għall-ħitan il-ġodda;
- u tneħħew il-partijiet tal-konkos antik li hemm bżonn li jinbidlu.

Hekk kif is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tapprova t-tkomplija tax-xogħol, hu ppjanat li:

- issir il-kostruzzjoni tal-ħitan ġodda li jifirdu b'mod permanenti s-sit tal-każin mis-sit adjaċenti;
- isir il-mili tal-partijiet imnaddfa/imħaffra u tingħata art ġdida tal-konkos;
- u jitlestew il-faċilitajiet sanitarji li jservu l-parti esterna tal-binja.

Nistqarr li dan hu proġett ambizzjuż ħafna, kemm għas-soċjetà, li għadha fl-ewwel snin tagħha, kif ukoll meta tikkunsidra d-daqs tar-raħal. Però m'għandix dubju li bil-għajnuna ta' ħafna benefatturi u voluntiera, u bil-qalb kbira tal-Imġarrin, dan il-proġett jitlesta fi ftit snin.

Inħoss sodisfazzjon kbir li l-kumitat għoġbu jafda dan il-proġett f'idejja, u nwiegħed li se nkompli nagħmel kulma nista' biex nara din il-ħolma titwettaq u ssir realtà.

# Messaġġ mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta



**Anna Ebejer**


Għaddiet sena oħra u ftit ġimgħat oħra niċċelebraw il-festa ta' Santa Marija, festa li aħna l-Imġarrin inħobbu u ngħożżu, għax biha nagħtu ġieħ lil Ommna Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Din is-sena l-istatwa sabiħa tagħna għalqet 95 sena mill-wasla tagħha fit-18 ta' April 1922, u minn dak iż-żmien sal-lum bqajna nfaħħruha b'ħafna innijiet sbieħ, speċjalment dak ta' *L-Imġarr Iben Marija*, u bi spettaklu ta' nar sabiħ li ntellgħu fil-jum tal-festa.

Għalhekk bħala Soċjetà Spettaklu Marija Assunta nixtiequ nħeġġu lil kull Imġarri biex jgħin sewwa finanzjarjament kif ukoll volontarjament lill-għaqdiet kollha, biex ikollna festa sabiħa. Aħna bħala soċjetà nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min jiġi jgħinna meta norganizzaw l-ikliet, lilkom li tagħtuna sponsors u lil dawk kollha li meta ħabbatna biex niġbru l-envelopes tikkoperaw magħna, għax b'hekk biss inkunu nistgħu niġbru l-fondi biex ikollna spettaklu ta' nar kif jixraq lil Ommna Marija, li bi ħlewwa ssaltan fuqna issa u għal dejjem.

Nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Santa Marija!

# Messaġġ mill-Għaqda Patrimonju u Festa Mġarr



**Michael Farrugia**
*President*

Għat-tieni sena konsekuttiva ġejt mitlub biex nikteb kelmtejn fil-ktieb maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr. Din hija turija t'għaqda u ħbiberija li teżisti bejn iż-żewġ partijiet.

Sabiex il-festa tagħna tkompli tissaħħaħ, trid il-koperazzjoni u l-għajnuna mhux ta' dawn iż-żewġ għaqdiet biss, imma ta' kull għaqda li tinsab fir-raħal, kif ukoll il-koperazzjoni tal-poplu kollu, għaliex inutli li wieħed joqgħod igorr minn bilqiegħda.

Mill-ġdid nirringrazzja lill-kumitat tal-opportunità li jagħtini u nawgura l-festa t-tajba u kull suċċess lil din l-għaqda mużikali.


Eclipse
Stationery
9, Fisher Road,
L-Imġarr Malta
Tel: 2152 5248

*Stationery, Toys & Gifts*
*Photocopy Service*
*Binding & Book Covering Service, etc.*






JAMES DEBONO
(Binu Iz-Zanu)
FLOOR POLISHER &
FLOOR MAINTENANCE
REPOLISHING
OF STAIRCASES
TEL: 2157 4824 - MOB: 9949 2819


FOR SALE
Spare Parts for Vintage & Classic Cars
NEW & SECOND HAND
(Binu Iz-Zanu)
ROSSO NERO GARAGE, Triq l-Iskorba, Mgarr
Garage: 2152 5109
Residence: 2157 4824
Mob: 9949 2819

# Bejn festa u oħra




**Kitba ta' Joseph Caruana**


Il-festa tal-2016 għaddiet u waslet ta' din is-sena. F'dan il-perjodu ta' tnax-il xahar li jifred dawn il-festi saret ħidma kbira fi ħdan l-għaqda tagħna. Naf ċert li tkunu qed tistennew din il-pubblikazzjoni annwali, biex filwaqt li taraw il-programm taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa titulari tagħna, terġgħu ġġeddu l-memorji li għaddejna flimkien. Propju dan hu l-għan ta' dan l-artiklu tiegħi, *Bejn Festa u Oħra*.



*Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr waqt il-programm ta' marċi funebri Ave Specs Unica*

L-attivitajiet soċjali flimkien mad-donazzjonijiet u l-isponsors jibqgħu fuq






*Is-Sur Gordon Fee jippreparа l-appetizers qabel l-ikla*



*Angela Muscat u Gordon Fee jippreparaw għal waħda mill-ikliet li saru fil-maħżen*

quddiem nett tal-introjtu tagħna. Għalhekk il-kumitat ħadem qatigħ biex ikompli jżid id-dħul tiegħu minn dawn l-attivitajiet biex ikun jista' jwettaq il-pjanijiet. Organizzajna diversi attivitajiet li b'sodisfazzjon ngħidu li kollha kienu suċċess.

L-ewwel attività li organizzajna kienet propju mawra ta' ġurnata fi Sqallija nhar it-Tlieta, 23 ta' Awwissu 2016. F'din il-ġurnata żorna s-Suq ta' Katanja, fejn laqqatna ħasla xita, il-Muntanja Etna, u wara kellna ħin għax-xiri miċ-Ċentru Kummerċjali Centro Sicilia, u l-ġurnata għalaqnieha f'Pozzallo, fejn ix-xiri tal-kannoli ma naqasx.

Però l-qofol tal-attivitajiet bla ebda dubju jibqa' l-ikliet. Organizzajna medja ta' ikla fix-xahar, dejjem b'għażla differenti ta' ikel. Is-Sibt, 3 ta' Diċembru 2016 tellajna s-serata 'Il-Milied mal-Banda'. Din l-attività, li saret għat-tieni darba, qed tintgħoġob u issa saret parti mill-kaledarju tagħna.



*Gordon u Tony jagħmlu l-preparazzjoni għal waħda mill-ikliet*



*Equipment li xtrajna biex inkunu nistgħu norganizzaw l-ikliet*



*Is-Sur Nazzareno Muscat isajjar il-fniek waqt fenkata li organizzajna b'risq il-banda*

L-attività tibda b'purċissjoni bil-bambin, u wara l-banda tagħna ddoqq innijiet tal-Milied. Kif jispiċċa d-daqq tiġi organizzata ikla. L-iskop ta' din l-attività hu li nibdew ix-xahar tal-Milied flimkien. Mal-bandisti tagħna jingħaqdu bandisti oħra li jiġu jdoqqu bla ħlas imbagħad jieklu magħna wkoll. Ikla oħra ġiet organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Line Dance Group. Din saret fit-22 ta' April 2017 fil-Maħżen tal-Assunta.




*Poster tal-ikla li saret bil-kollaborazzjoni tal-Line Dancing Group*

Kif għedtilkom, organizzajna ikla, fenkata jew wine & pizza party kull xahar, però ma qgħadtx nidħol fid-dettall ta' kollha, għax ma nispiċċa qatt.

La qbadnieha fuq l-ikel se nkompli. Filwaqt li l-ikliet ikunu mmirati għall-familji, permezz tas-Sezzjoni Nisa u s-Sezzjoni Żgħażagħ ġew organizzati 3 festini għat-tfal. Dawn kienu fil-bidu ta' Novembru 2016 għall-Halloween, fit-13 ta' Diċembru, tal-Milied, u nhar is-Sibt, 25 ta' Frar 2017 ġie organizzat dak tal-Karnival. Is-Sezzjoni Żgħażagħ
















*(Taħt) Uħud li attendew għall-festin tal-Karnival*



dakinhar tal-Halloween għamlet festin u disco għaż-żgħażagħ. Is-Sezzjoni Nisa huma ta' għajnuna kbira, kemm biex jinġabru l-fondi kif ukoll waqt l-attivitajiet li norganizzaw il-kumitat eżekuttiv. Huma jorganizzaw coffee morning kull xahar fiż-żmien li t-tfal ikunu l-iskola.

Organizzaw ukoll diversi high teas u ħarġiet għan-nisa. Fl-10 ta' Mejju 2017 għamlu buffet breakfast f'lukanda l-Qawra fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Dawk li attendew kollha kellhom kliem ta' sodisfazzjon u ħadu pjaċir.

Il-Ħadd, 19 ta' Frar 2017 ġiet organizzata fun



walk. Imxejna fil-limiti tal-Imġarr u ħadna pjaċir nitkellmu bejnietna. Wara naqqarna xi ħaġa wkoll, biex il-kaloriji li nkunu naqqasna nerġgħu nżiduhom.

Nhar l-Erbgħa, 12 ta' April 2017 organizzajna ġurnata Għawdex. F'din il-ġurnata, li bdiet b'quddiesa fil-knisja tax-Xewkija, żorna l-postijiet li għandhom il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Fil-fatt morna l-Qala, ir-Rabat, iż-Żebbuġ, ix-Xagħra u n-Nadur. Għamilna żjara qasira wkoll fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. F'nofs il-jum kellna ikla f'ristorant Marsalforn.

Issa jmiss attività kbira. Din is-sena ħsibna li l-ikla l-kbira tal-festa nagħmluha dakinhar li tibda l-kwindiċina, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Awwissu 2017. Mela din se tkun ġurnata twila, peress li l-banda tagħna se ddoqq fil-ħruġ tal-vara min-niċċa. Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-ħruġ tal-vara, li se tkun fuq iz-zuntier, il-banda



*Waqt buffet breakfast organizzat mis-Sezzjoni Nisa*



*Parti minn dawk preżenti għall-bufffet ta' Jum l-Omm*



*Il-parteċipanti tal-fun walk*



*Refreshments għal wara l-fun walk*




*Il-poster tal-ġurnata li organizzajna f'Għawdex*

tagħna mbagħad tkompli bid-daqq ta' marċi f'Wesgħet il-Ġublew, li jwassalna sa fejn is-Salib tal-knisja, il-post li fih se norganizzaw din l-ikla.

Il-banda se tkun qed tieħu sehem bid-daqq ta' marċi u kanzunetti biex tallegrana waqt din l-attività. Intom li tkunu attendejtu għall-ħruġ tal-vara min-niċċa m'għandkomx għalfejn tinkwetaw x'se tieklu, għax se neħdulkom ħsieb aħna.

It-tagħlim tal-mużika u l-banda jibqgħu l-għan ewlieni, u kif xieraq jingħataw l-iktar importanza. Matul dan iż-żmien bqajna

għaddejjin bil-lezzjonijiet tal-prattika u tat-teorija. Diversi studenti għamlu l-eżamijiet tat-teorija tal-London College of Music u kisbu riżultati tajbin. Ħafna minnhom saħansitra ġabu distinction. Dan lilna, filwaqt li jurina li qbadna t-triq it-tajba, jimliena b'kuraġġ kbir. Għal darb'oħra rġajna ngħatajna għajnuna mill-Aġenzija Żgħażagħ. Il-proġett ta' din is-sena għandu t-tema 'Inkomplu nsaħħu l-banda'. Dan qed isir bi sħab mal-Banda Birżebbuġa, kif sar il-proġett tas-sena l-oħra. Bil-għajnuna li ħadna minn dan il-proġett taffejna ftit l-ispiża biex inħallsu l-għalliema tagħna, filwaqt li xtrajna żewġ strumenti oħra – piccolo u ewfonju. Parti minn dan il-proġett hu li l-allievi tagħna jagħmlu wkoll l-eżamijiet tal-prattika taħt l-istess kappa tat-teorija, jiġifieri dik tal-London College of Music.



*Uħud minn dawk li attendew il-ġurnata Għawdex*



*Il-kok Tony Tonna jsajjar f'waħda mill-ikliet li għamilna*



*Membri u partitarji li attendew għal attività organizzata mis-Sezzjoni Nisa*



*Mro Henry Fenech jidderieġi l-banda waqt il-programm li sar fil-każin tal-Banda Birżebbuġa bħala parti mill-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ*

Għall-ewwel darba fl-istorja tagħna, nhar it-Tnejn, 10 ta' April 2017 organizzajna masterclasses għall-allievi u l-bandisti tagħna li jagħmlu parti mis-sezzjoni tal-



*Il-President Giovanni Gatt flimkien mal-President tal-Banda Birżebbuġa Alexander Caruana jindirizzaw lil dawk preżenti waqt il-programm tal-Aġenzija Żgħażagħ*



*Il-bandisti tal-banda Mġarrija flimkien ma' dawk ta' Birżebbuġa waqt d-daqq ta' kanzunetti tal-Milied fil-Christmas Village organizzat mill-Aġenzija Żgħażagħ*

istrumenti tal-qasba. Dawn saru mill-flawtista ta' fama internazzjonali Andrea Kuypers. Kuypers, minbarra li hi mużiċista brava ħafna li ġiet diversi drabi ddoqq f'pajjiżna, hi wkoll għalliema professjonali fl-Università ta' Napier, l-Iskozja. Dan il-kuntatt sar bil-għajnuna ta' waħda mill-għalliema tal-mużika tagħna, Beatrix Calleja, li bħalissa qed tkompli tistudja f'din l-Università.

Dakinhar l-ewwel Kuypers għamlet sessjonijiet one-to-one mal-bandisti u l-allievi tagħna li jdoqqu l-flawt. Wara għamlet sessjoni għal dawk kollha li jipprattikaw l-istrumenti tal-qasba. L-allievi preparaw silta li daqqew u Kuypers għenithom biex dejjem itejbu l-livell tagħhom. Hi ffokat fuq il-mod kif ipoġġu bilqiegħda, kif iżommu l-istrument, id-dehra tagħhom waqt il-programmi u anke kif jieħdu n-nifs waqt id-daqq. Kull min kien preżenti ħa pjaċir u tgħallem xi ħaġa żgur. Hu ppjanat li s-sena d-dieħla nerġgħu norganizzaw klassijiet simili.



*Il-poster li ħriġna għall-masterclasses*

Il-banda baqgħet tagħmel numru sabiħ ta' servizzi mużikali. L-ewwel impenn mużikali tal-banda kien propju fit-13 ta' Ottubru 2016. Dakinhar fakkarna l-ħames anniversarju mit-twaqqif tas-soċjetà. Fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr ġiet iċċelebrata quddiesa ta' ringrazzjament. Waqt din il-quddiesa, li għaliha attendew numru sabiħ ta' nies, ħadet sehem il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr. Akkumpanjaw il-banda l-vuċijiet sbieħ ta' Michela Galea u Lucienne Calleja, illum Schembri.


*Andrea Kuypers flimkien mal-allieva Danica Abela waqt il-one-to-one li għamlet mal-flawtisti*


*Andrea flimkien ma' membri mill-kumitat eżekuttiv u s-Surmast Direttur Tancred Grech wara l-masterclasses*

Fix-xahar ta' Novembru l-banda kienet impenjata f'żewġ servizzi b'konnessjoni mal-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ. Dawn saru wieħed fil-każin tal-Banda Birżebbuġa u ieħor fil-maħżen tal-Assunta tal-Imġarr. Il-bandisti taż-żewġ baned daqqew flimkien siltiet mużikali.


*Il-banda Mġarrija waqt l-attività Il-Milied mal-Banda*

Kif ġa għedt iktar 'il fuq, il-banda ħadet sehem waqt l-attività 'Il-Milied mal-Banda', li ġiet organizzata nhar is-Sibt, 3 ta' Diċembru 2016. L-għada l-Ħadd il-banda reġgħet daqqet flimkien mal-Banda Birżebbuġa waqt il-Christmas Village, attività organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ.



*Is-Segretarju Parlamentari Chris Agius flimkien mal-President Giovanni Gatt wara l-preżentazzjoni tal-fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ*

L-ewwel impenn tal-banda fis-sena 2017 kien nhar il-Ħadd, 26 ta' Marzu. Dakinhar, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr u l-Għaqda Patrimonju u Festi Mġarr, tellajna l-programm Ave Specs Unica. Dan kien programm ta' marċi funebri u sar fil-knisja parrokkjali ta' raħalna. Waqt is-serata Ġorġ Peresso qara xi ħsibijiet minn tiegħu. Is-serata ġiet ippreżentata mis-Sur Mario Sant.



*Is-Sur Ġorġ Peresso jaqra xi ħsibijiet waqt il-programm ta' marċi funebri*



*Il-Kappillan Mons. Kalċidon Vassallo jagħmel kelmtejn waqt il-programm Ave Specs Unica*



*Dehra minn fuq tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr waqt il-programm ta' marċi funebri*




*Il-poster tal-programm ta' marċi funebri Ave Specs Unica*

Id-direzzjoni tal-banda kienet f'idejn is-Surmast Direttur tagħna Tancred Grech.

Imbagħad il-banda kien imiss li tieħu sehem bid-daqq ta' marċi brijużi waqt l-open day li organizzajna. Din kienet nhar il-Ħadd, 28 ta' Mejju filgħodu. L-iskop tal-open day kien li jinfetaħ għall-wiri l-post fejn se jkun il-każin tagħna, qabel jibdew ix-xogħlijiet. Waqt din l-istess attività ġiet imnedija l-iskema ta' ġbir ta' fondi b'risq il-proġett tal-każin – Sehmi għall-Każin Tiegħi.

Lulju u Awwissu huma ferm attivi għall-banda tagħna. Dan għax inkunu impenjati f'diversi servizzi mużikali, kemm fl-Imġarr kif ukoll f'lokalitajiet oħra. Għall-ewwel darba ġejna mistiedna biex nakkumpanjaw il-purċissjoni ta' San Ġużepp fil-Kalkara. Dan is-servizz sabiħ il-banda għamlitu nhar il-Ħadd, 16 ta' Lulju. Imbagħad nhar il-Ħamis, 27




*Is-souvenir programme li nħadem għall-programm ta'+B186 marċi funebri Ave Specs Unica*



*Membri tal-kumitat waqt il-Via Sagra organizzata fl-Imġarr*



*Uħud minn dawk li ġew jaraw il-post tal-każin*

ta' Lulju 2017 ħadna sehem fil-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija. Ftit jiem wara, nhar il-Ħadd, 30 ta' Lulju 2017, konna l-banda mistiedna biex nakkumpanjaw il-purċissjoni ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn. Għal darb'oħra wkoll il-Kumitat Festi Esterni ta' San Duminku tal-Belt Valletta reġa' stedinna biex nagħmlu marċ brijuż nhar il-Ħamis, 3 ta' Awwissu, fil-festa ta' San Duminku, li tiġi ċċelebrata fil-Belt kapitali Valletta.

L-impenji tal-festa jibdew l-għada l-Ġimgħa, 4 ta' Awwissu bil-ħruġ tal-vara min-niċċa, imbagħad ikun imiss




*Il-poster tal-attivitajiet li saru dakinhar tal-open day*



*Il-President jindirizza lil dawk li attendew għall-open day*



*Il-bandisti li attendew għall-open day*



*Membri tal-kumitat flimkien mal-Kappillan tal-Kalkara Fr Brian Gialanze waqt is-servizz fil-Kalkara*



*Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema takkumpanja l-purċissjoni ta' San Ġużepp fil-Kalkara*



*Il-banda flimkien mal-kor Regina Coeli waqt l-eżekuzzjoni tal-innu l-kbir f'għeluq il-programm ta' mużika sagra - Awwissu 2016*

li l-banda tieħu sehem waqt il-quddiesa tat-tfal, li din is-sena se tkun il-Ġimgħa, 11 ta' Awwissu. Il-jum tat-13 ta' Awwissu se jkun jum importanti. Dan għaliex għall-ewwel darba fl-istorja se nagħmlu l-marċ ta' filgħodu fl-Imġarr, filwaqt li filgħaxija l-banda se terġa' ttella' l-programm ta' mużika sagra fil-knisja parrokkjali. Fil-jum tal-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu l-banda tagħmel il-marċ tal-aħħar jum tat-tridu. Lejlet il-festa nagħmlu marċ qasir u wara l-banda tesegwixxi programm vokali u strumentali fuq il-planċier li jkun armat fuq iz-zuntier. F'jum il-festa l-banda tibda b'marċ mat-toroq prinċipali tal-Imġarr li jwassalna sal-ħruġ tal-vara. Waqt il-ħruġ il-banda ddoqq l-innu l-kbir *Lil Santa Marija*. Hawn tkun akkumpanjata mill-kor tal-parroċċa Regina Coeli. Wara takkumpanja l-purċissjoni sakemm tasal fil-pjazza.

Naħseb ilkoll naqblu li kalendarju tassew mimli u impenjattiv.

Il-proġett tal-każin fl-aħħar bdejnieh. Ilna ħafna ngħidu, imma fl-aħħar qed inwettqu l-ħolma li ħlomna flimkien matul is-snin li għaddew. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-ewwel fażi tal-proġett beda mhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju 2017. F'din il-fażi tneħħiet il-ħamrija u tneħħa l-konkos li hemm bżonn jinbidel fil-parti ta' barra tal-binja. Sar ukoll it-tħammil biex jinbnew il-ħitan li se jifirdu s-sit tal-każin mill-binja kollha. Hawn ma nistax ma nsemmix u ma nirringrazzjax lill-Perit David Vassallo tax-xogħol li qed jagħmel bla ħlas. Nirringrazzja wkoll lill-kumpanija PLR Excavations, li għamlu dan ix-xogħol bla ħlas. Nappella lilkom biex intom ukoll timxu fuq il-passi tagħhom u tgħinuna biex f'qasir żmien ikollna d-dar tagħna lesta.

Kienet sena tassew mimlija impenji. Jien semmejt dawk l-iktar importanti, biex din il-kitba ma ttulx iżżejjed. Kont kawt ħafna u fejn stajt ma semmejtx individwi, biex nevita li jkun hemm xi ħadd li bi żvista ma jissemmiex. Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għamlu l-almu tagħhom biex aħna komplejna niktbu l-istorja tal-għaqda tagħna. Naċċertakom li kien ta' sodisfazzjon kbir għalina li għexniehom, u llum baqgħu memorji sbieħ minquxa f'qalbna.



*Dehra tal-post tal-każin qabel bdew ix-xogħlijiet*



*Il-parti tal-proġett tal-każin fejn ġej il-parkeġġ*



*Il-binja li se tkun modifikata u trasformata f'każin*



*Dehra tal-post minn ġewwa*



*Is-Segretarju Ġenerali Joseph Caruana flimkien mal-Perit David Vassallo jiddiskutu l-proġett tal-każin*



*Dehra tas-sit tal-każin wara li tneħħiet il-ħamrija*



*Il-Perit David Vassallo jissorvelja x-xogħlijiet fil-każin*



*Is-Segretarju flimkien mas-Sur Gordon Fee jikinsu l-blat biex ikun jista' jiġi investigat mill-arkeoloġista*



*Waqt it-tneħħija tal-ħamrija*



*Is-Sur Lawrence Bugeja jħammel il-kanal fejn se jitla' l-boundary wall*



*Il-parkeġġ tal-każin waqt ix-xogħol ta' tneħħija tal-ħamrija*



*Joseph Caruana u Gordon Fee jaħdmu fil-każin*

Din il-pubblikazzjoni li għandkom f'idejkom hi frott ta' ħafna xogħol. Ħafna minn dan ix-xogħol nagħmlu kollu jien u nagħmlu mill-qalb, għax naf kemm tapprezzawha. Dan l-apprezzament jimliena b'kuraġġ biex ta' kull sena nippubblikaw dan il-ktieb ta' livell, li kif tafu jitqassam f'kull residenza. Inħeġġiġkom biex kull min ikun jixtieq jikteb xi artiklu f'dan il-ktieb annwali jikkuntattjana ħalli sena oħra l-artiklu tiegħu jew tagħha jkun wieħed minn dawk ippubblikati f'din l-pubblikazzjoni popolari.

Bil-mod il-mod wasalt biex nikkonkludi dan l-artiklu, li nispera li sibtuh interessanti. Żgur li dak kollu li semmejt kontu lkoll tafu bih, għax din il-kitba hi r-rakkont ta' dak li intom stess diġà rajtuh iseħħ. Iżda naħseb li kien mezz tajjeb biex erġajt fakkartkom f'dak li ġara. Issa wasal l-ikbar impenn tagħna, is-sehem fil-festa titulari ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema. F'dan iż-żmien ta' ċelebrazzjonijiet inħeġġiġkom biex tattendu għal dak kollu organizzat. Nappellalkom biex tipparteċipaw u tissapportjaw dak kollu li jsawwarna u jagħtina l-identità Mġarrija – l-identità tagħna.




**Sunny Bar & Restaurant**

**Ta' Wistin Imġarr**

**Maltese Rabbit in Garlic Sauce**

*Spacious hall on first floor for hire*

Imġarr Parish Square,
1 Sir Harry Luke Street

**Prop. Wistin Vella: 21 573 705 / 7940 5148**



# Servizzi mużikali
## *mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, L-Imġarr AD 2011*



| Data | Attività | Lokal |
|---|---|---|
| 26 ta' Marzu 2017 | Programm ta' marċi funebri | L-Imġarr |
| 28 ta' Mejju 2017 | Open day tal-każin | L-Imġarr |
| 16 ta' Lulju 2017 | Festa ta' San Ġużepp | Il-Kalkara |
| 27 ta' Lulju 2017 | Festa ta' Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 30 ta' Lulju 2017 | Festa ta' Sant'Anna | Wied il-Għajn |
| 3 ta' Awwissu 2017 | Festa ta' San Duminku | Il-Belt Valletta |
| 4 ta' Awwissu 2017 | Ħruġ tal-vara tal-festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 11 t'Awwissu 2017 | Jum it-tfal – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 13 t'Awwissu 2017 | Marċ ta' filgħodu – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 13 t'Awwissu 2017 | Programm ta' mużika sagra – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 18 t'Awwissu 2017 | Marċ brijuż tal-aħħar jum tat-tridu – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 19 t'Awwissu 2017 | Marċ u programm vokali u strumentali – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 20 t'Awwissu 2017 | Purċissjoni u programm mużikali – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 14 t'Ottubru 2017 | Flimkien għall-banda | L-Imġarr |
| Ottubru 2017 | Programm tal-Aġenzija Żgħażagħ | Birżebbuġa |
| Ottubru 2017 | Programm tal-Aġenzija Żgħażagħ | L-Imġarr |
| 2 ta' Diċembru 2017 | Il-Milied mal-banda | L-Imġarr |

# It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura għalhekk ħajjar lil uliedek jitgħallmu strument mal-Banda Marija Mtellgħa s-sema tal-Imġarr

# Innijiet u marċi proċessjonali

## *li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2017*



**Innu tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema** ..... Mużika: Mario Testa
Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi

**Innu popolari Infaħħruk Dejjem** ..... Mużika: Tancred Grech
Lirika: Joseph Caruana

**Innu popolari L-Imġarr Iben Marija** ..... Mużika: Vincenzo Ciappara
Lirika: Ġanni Cilia


**Innu marċ Sultana tal-Imġarr** ..... Mużika: Tancred Grech
Lirika: Joe Julian Farrugia

**Innu marċ F'Jum il-Festa** ..... Mużika: Mary Cauchi
Arr. Victor Zammit
Lirika: Joe Sammut

**Auxilium Christianorum** ..... Neville Pace
**Marcia Processionale No 1** ..... Ray Sciberras
**Marcia Processionale No 2** ..... Ray Sciberras
**Marcia Processionale No 3** ..... Ray Sciberras
**Marcia Processionale No 4** ..... Ray Sciberras
**Marċ proċessjonali** ..... Andrew Calleja
**Warda tal-Imġarr** ..... Daniel Vella
**L-Assunta** ..... Alex Caruana
Arr. Simon Farrugia
**F'Dik Ħarstek Ħanina** ..... Arr. Ray Sciberras
**Fil-Ħlewwa ta' Mejju** ..... Arr. Ray Sciberras
**Fis-Santwarju tal-Madonna** ..... Arr. Ronnie Debattista
**Innu ta' Fatima** ..... Arr. Ray Sciberras
**Ismagħha l-Għanja** ..... Arr. Ronnie Debattista
**Lil Marija Reġina** ..... Arr. Ray Sciberras
**Madonna Sbejħa Tagħna** ..... Arr. Ray Sciberras
**Oh Kemm Nixtieq Naraha** ..... Arr. Ronnie Debattista
**Angelus** ..... Arr. Ray Sciberras
**Ave Maria** ..... Arr. Ronnie Debattista









# *Programm ta' Mużika Sagra*

**mtella' mis-Soċjetà Filarmonika**
**Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr**
**fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr**
**nhar il-Ħadd, 13 ta' Awwissu 2017 fis-7.30pm**

| | | |
|---|---|---|
| Innu popolari | *L-Imġarr Iben Marija* | Mużika: Vincenzo Ciappara |
| | Kor Reġina Coeli | Versi: Ġanni A.Cilia |
| Innu popolari | *Infaħħruk Dejjem* | Mużika: Tancred Grech |
| | Solista: Michela Galea | Versi: Joseph Caruana |
| Silta | *A Little Prayer* | Evelyn Glennie |
| | Solista: Tancred Grech | Arr. Chris Sciberras |
| Talba | *Hallelujah* | Leonard Cohan |
| | Solista: Pauline Vella | Arr. Frank Bernaerts |
| Talba | *Agnus Dei* | Chris Sciberras |
| | Sopran: Marita Bezzina | |
| Talba | *Ave Maria* | Giulio Caccini |
| | Solista: Henry Fenech | Arr. Charles Abela |
| Silta | *As the Deer* | Marty Nystrom |
| | Solista: Lucienne Schembri | Arr. Chris Sciberras |
| Talba | *Laudate Dominum* | Wolfgang Amadeus Mozart |
| | Sopran: Marita Bezzina | Arr. Giuseppe Ratti |
| L-Innu l-Kbir | *Lil Santa Marija Mġarr* | Mużika: Joseph Abela Scolaro |
| | Kor Reġina Coeli | Versi: Dun Orazio Vella |
| Innu marċ | *Sultana tal-Imġarr* | Mużika: Tancred Grech |
| | Sopran: Marita Bezzina | Versi: Joe Julian Farrugia |

Surmast Direttur: Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE
Il-kor tal-parroċċa Regina Coeli se jkun taħt it-tmexxija ta'
Mro Mary Cauchi BA (Hons) L.Mus., LCM, ALCM
Kulħadd huwa mitlub ikun f'postu fis-7.15pm.
Compere: Is-Sinjorina Claudine Muscat

# Programm Vokali u Strumentali

## mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

### taħt id-direzzjoni
### tas-Surmast Direttur Mro Tancred Grech
### fuq il-planċier f'Wesgħet il-Ġublew, l-Imġarr,
### nhar is-Sibt, 19 ta' Awwissu 2017











| | | |
|---|---|---|
| Innu popolari | *L-Imġarr Iben Marija* | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ġanni Cilia |
| Innu popolari | *Infaħħruk Dejjem* | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joseph Caruana |
| Talba | *Ave Maria* | Joseph Fenech |
| Medley | *Led Zeppellin on Tour* | Arr. Patrick Roszell |
| Medley | *Hooked on Classics* | Louis Clark |
| | Jidderieġi l-Assistent Surmast Mauro Spiteri | |
| Selection | *Sound of Music* | W. J. Duthoit |
| Silta | *Oceanic Dreams* | Simon Farrugia |
| Silta | *Concerto d'Amore* | Jacob de Haan |
| Silta | *Beautiful* | Arr. Andrew Calleja |
| Marċ | *Radetzky March* | Johann Strauss |
| Innu marċ | *Sultana tal-Imġarr* | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Innu tal-Banda | *Marija Mtellgħa s-Sema* | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi |

Ikantaw Georg Zammit, Rachel Lowell u Michela Galea.
Tippreżenta l-programm is-Sinjorina Claudine Muscat.
Se jkun hemm is-siġġijiet biex wieħed jkun jista' jsegwi l-programm.
Kulħadd hu mitlub biex ikun f'postu fid-8.45pm.



# ST. MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS

**Opening Hours:**
Monday-Saturday:8.00am-12.30pm / 4.00pm- 7.00pm

Saturday Afternoons:
4.30pm- 7.00pm

Tel: 21580711 • 99082404

**Family Doctor in daily attendance**

ST.MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS

# Mgarr Farmers Snack Bar & Bennej Restaurant

Home Made Food!

Sir Temi Zammit Street, Mgarr - Malta

Tel: 2157 1328, 7959 4938

# Marċi Brijużi li se jindaqqu
## *mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2017*



**Matthias** ..... Tancred Grech
**Zenga** ..... Neville Pace
**Kumitat 2011-2012** ..... Mario Testa
**Echo of the Emeralds** ..... Luigi Bongailas
**Pablito** ..... Archibald Mizzi
**Il-Famuża Koppla** ..... Willie Attard
**Tal-Qalba** ..... Joseph Busuttil
**Munchengladbach** ..... David Caruana
**Leona** ..... David Caruana
**Nigel** ..... Mario Testa
**Sorrento** ..... Orazio Cachia
**The King** ..... Archibald Mizzi
**Nicole** ..... Neville Pace
**Allegro con Fuoco** ..... Victor Vella
**Santiego de Cuba** ..... Joseph Abela Scolaro
**Il-Ħbieb** ..... Hector Dalli
**Come on the Stripes** ..... Maġ. Anthony Aquilina
**Chinese Rose** ..... Joseph Azzopardi
**Appassionata** ..... Joseph Abela Scolaro
**Blue Banner** ..... Luigi Bongailas
**Nathan il-King** ..... Tancred Grech
**Kummissjoni Banda** ..... Ray Sciberras
**Il-Bożen** ..... Maġ. Anthony Aquilina
**It-Two** ..... Michael Bugelli
**Agrigento** ..... Andrew Coleiro
**Cardenia** ..... Hector Dalli
**Coronation** ..... Joseph Azzopardi
**L.I.F.E.** ..... Julius Tanti
**Santos** ..... David Agius
**Bernardette** ..... Ronnie Pisani
**St Petersburgh** ..... David Caruana
**Victory** ..... Vincenzo Ciappara
**Fiesta** ..... Maġ. Anthony Aquilina
**Queen of Queens** ..... Andrew Coleiro
**Golden Jubilee** ..... Emanuel Bugeja
**Charlotte** ..... Alex Caruana
Arr. Simon Farrugia
**Martina** ..... Mauro Spiteri
**Katya** ..... Tancred Grech
**Millennium** ..... Andrew Coleiro

# FTIRA MENU

**FTIRA MARGHERITA: €6.00**
Tomato Sauce, Mozzarella, Garlic, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA INĊOVA: €6.50**
Caponata, Tuna, Anchovies, Sliced Green Olives, Capers, Onions, Tomatoes, Mixed Herbs

**FTIRA TAX-XIKEL: €7.50**
Chopped Gammon, Fresh Cheeselets (ġbejniet friski), Curry Onions, Garlic, Garlic Butter, Funnel Seeds, Sesame Seeds, Mixed Herbs

**FTIRA TAL-BIDWI: €7.50**
Tomato Sauce, Aubergines (brunġiel), Marrows (qarabali), Mixed Peppers, Onions, Garlic, Cheeselets (ġbejniet friski), Black Olives, Capers, Fresh Tomatoes, Mixed Herbs

**FTIRA GĦONNELLA: €8.00**
Tomato Sauce, Maltese Sausage, Ġbejniet Friski, Potatoes, Onions, Funnel Seeds, Sesame Seeds, Mixed Herbs

**FTIRA TAS-SAJJIED: €8.50**
Tomato Sauce, Smoked Salmon, Fresh Cheeselets (ġbejniet friski), Shrimps, Curry Onions, Parsley, Garlic, Black Olives, Capers, Fresh Tomatoes, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA CAPRICCIOSA: €8.50**
Tomato Sauce, Mozzarella, Mushrooms, Eggs, Gammon, Black Olives, Onions, Garlic, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA TAL-LAĦAM: €8.50**
Tomato Sauce, Mozzarella, Onions, Minced Meat, Eggs, Carrots, Peas, Potatoes, Garlic, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA TAT-TIĠIEĠ: €9.00**
Tomato Sauce, Mushtoom, Chicken, Eggs, BBQ Sauce, Mozarella, Mixed Herbs, Garlic, Onions, Sesame Seeds

**FTIRA PARMA HAM: €9.00**
Tomato Sauce, Mozzarella, Parma Ham, Rucola, Onions, Mixed Herbs, Sesame Seeds

Gormina, Mosta Road, St. Paul's Bay, Malta - ORDER YOUR FTIRA NOW
Tel: 27 585 786, 21 585 786 www.gormina.com

GORMINA
BAKERY & CONFECTIONERY

Find us on facebook

## ORDER YOUR FTIRA: 27 585 786



FTIRA TAX-XIKEL



FTIRA TAL-BIDWI



FTIRA GĦONNELLA



FTIRA INĊOVA

# *L-Onor. Dr Godfrey Farrugia jawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha*

***"Il-festa hi manifestazzjoni ta' devozzjoni u ferħ li jferraħ."***



**Tel Klinika: 9949 5486 / 2146 5359**
**Tel / SMS Kostitwenza: 7996 0808**
**Email: farrugiagodfrey@gmail.com**

# Treecake
## Confectionery

**Caterers for all Occasions**

Jesmond Cauchi – Managing Director

Independence Avenue,
Mosta - Malta
Tel: 2143 2859
Mob: 9946 4060




# Rendikont tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

## *Ottubru 2015 – Settembru 2016*



| | € |
|---|---|
| Bilanċ mis-sena l-oħra | 8,044.64 |
| **DĦUL** | |
| Donazzjonijiet | 6,242.31 |
| Menswalità | 160.00 |
| Attivitajiet | 12,194.00 |
| Servizzi mużikali | 932.00 |
| Lezzjonijiet tat-teorija | 1,330.00 |
| Ktieb tal-festa | 7,424.50 |
| Dħul ieħor | 0 |
| Ktieb tal-festa | 7,424.50 |
| **TOTAL TA' DĦUL** | **28,282.81** |
| **ĦRUĠ** | |
| Stationery | 295.94 |
| Donazzjonijiet | 260.00 |
| Strumenti | 1,998.16 |
| Ktieb tal-festa | 3,190.00 |
| Ħlas lill-bandisti | 17,539.00 |
| Tagħlim tal-banda | 3,080.00 |
| Menswalità | 50.00 |
| Spejjeż oħra | 2,115.57 |
| **TOTAL TA' ĦRUĠ** | **28,528.67** |
| BILANĊ/ŻBILANĊ SA SETTEMBRU 2016 | 7,798.78 |
| Reklami li għadhom ma tħallsux 2015 | 530.00 |
| Reklami li għadhom ma tħallsux 2016 | 4,115.00 |
| Ħlas li għadu ma sarx ta' servizzi tal-banda | 1,732.00 |
| Jibqa bilanċ ta' | 14,175.78 |
| Dejn fuq il-ktieb tal-festa | 1,510.00 |
| Dejn ma' Music Link | 793.00 |
| Ħlas lill-bandisti 2016 | 8,061.00 |
| BILANĊ 2016 | 3,811.78 |



Photography
Videography
Graphic Design

Michael Apap Bologna
Design Works

# Unique Concepts - Best Quality

Contact: 79551612
mapapbologna@gmail.com



# SPETTAKLU U SORPRIŻA



## IL-MARĊ TAL-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU

Organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema flimkien mal-Għaqda Patrimonju u Festa Mġarr u s- Soċjetà Spettaklu Marija Assunta

F'Wesgħat il-Ġublew



**Il-Ġimgħa 18 ta' Awwissu 2017**
wara l-marċ tal-aħħar jum tat-tridu.



# Żewġ bandisti ġodda



**Kitba ta' Joseph Caruana**

Din is-sena komplejna nitkattru. Hu ta' pjaċir għalina li matul din is-sena l-banda tagħna kompliet taqta' l-frott. Dan billi ngħaqdu mal-bandisti tnejn oħra: Aleandro Deguara Vella bit-tanbur u Miriana Muscat bil-klarinett. Miriana u Aleandro huma allievi ħabrieka u jieħdu l-istudju tal-banda bis-serjetà. Hawn taħt hawn ftit informazzjoni dwarhom.



*Bandisti Ġodda - Mix-xellug: Miriana Muscat (klarinett), Mro Henry Fenech (Għalliem tas-Sezzjoni Strumenti tal-Qasba), Mro Tancred Grech (Surmast Direttur u Għalliem tar-ram u l-perkussjoni), Aleandro Deguara Vella (tanbur)*

**Miriana Muscat – Klarinett**



Hija studenta ta' ħdax-il sena mill-Ballut, limiti tal-Imġarr. Hi tattendi l-iskola ta' San Andrea, li wkoll tinsab fil-limiti tal-Imġarr, u tielgħa Form 1. Il-passatempi ta' Miriana huma l-mużika, l-arti u l-qari. Kif qaltilna hi stess, hi tħajret tibda titgħallem il-banda wara li kienet qed titgħallem ir-recorder l-iskola. Barra minn hekk, in-nannu tagħha kien idoqq s-sassofonu.

Hi bdiet titħarreġ fl-arti mużikali fi ħdan l-għaqda tagħna ta' 8 snin. Hekk kif tgħallmet is-solveġġ hi bdiet tipprattika bil-klarinett – l-istrument li hi stess għażlet. Hi tipprattika l-klarinett taħt Mro Henry Fenech. Ftit wara hi bdiet ukoll titgħallem it-teorija fl-għaqda tagħna, taħt l-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri u għadha kif għamlet l-eżami ta' Grade 3.

Miriana daqqet għall-ewwel darba mal-banda tagħna nhar il-Ħadd, 26 ta' Marzu 2017 waqt il-programm ta' marċi funebri li l-banda tagħna tellgħet fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr.

Miriana hi allieva promettenti ħafna u nawgurawlha biex tibqa' miexja 'l quddiem u tibqa' tieħu t-taħriġ bis-serjetà.

Fl-aħħar nett Miriana qaltilna li tixtieq tħajjar lil kulħadd biex jibda jipprattika xi strument mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr.

**Aleandro Deguara Vella – Tanbur**



Aleandro għandu disa' snin u jattendi l-iskola primarja tal-Imġarr. Il-passatempi ta' Aleandro huma l-mużika, il-qari u jilgħab il-futbol.

Il-ġenituri tiegħu huma dilettanti ħafna tal-mużika. Ommu ddoqq il-pjanu filwaqt li missieru ħareġ idoqq il-kornu ta' età żgħira mal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi, fejn kien attiv ħafna fil-festa ta' San Nikola. Aleandro beda jitgħallem it-tanbur mal-banda tal-Imġarr f'Awwissu tal-2014 fl-età ta' seba' snin. Hu jitgħallem għand is-Surmast bravu tagħna Mro Tancred Grech, u bl-għajnuna tiegħu din is-sena ħa jingħaqad mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr bħala bandist.








# BALLUT BLOCKS


**Ballut Blocks Ltd.** Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738
Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com

**FROM STRENGTH TO STRENGTH**
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY


Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.



Precast Windows


Demolition Works


Trenching Works


Concrete Bricks


Excavation


Piles



Tunnelling


Precast Slab Roofing


Ready Mix Concrete


Piling Machine


Tunnelling Machine


Precast Walls

GPC Concrete Solutions

**General Precast Concrete Ltd** Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com



# Nawgura lill-Imġarrin il-Festa t-tajba

Nutar Sam Abela

SAM ABELA

**m**: 9948 6565 | **t**: 2145 4008
**e**: sam@samabela.com | **f**: SamAbela
**a**: 4, Museum Road, Rabat - Malta

Tal-
L-Ongliz
Fenkata
Restaurant

59,
Triq il-Kbira,
Mgarr
Tel: 2157 4605
Mob: 7970 4489



CN Mifsud
Marble
Granite

m: +3569988 5191
e: contact@cnmarbleandgranite.com
w: www.cnmarbleandgranite.com

Blokk D, Midland Micro-Enterprise Park
Triq Burmarrad. L/O Naxxar

# Il-proġett tal-każin



**Kitba ta' Joseph Caruana**

Ilna ħafna nsemmu, sena wara l-oħra, dan il-proġett, imma fl-aħħar nistgħu ngħid li issa bdejna. F'għeluq l-erba' snin minn meta krejna l-post bdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u alterazzjonijiet, biex fi ftit xhur oħra jkollna l-każin tal-banda li tant ilna nixtiequ. Kien propju fis-sena 2013 meta wara diversi diskussjonijiet krejna parti minn dik li kienet pumping station tal-ilma, li tinsab fi Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr. Fil-fatt il-post, li hu propjetà tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, ġie mikri lilna biex nkunu nistgħu nużawh bħala każin tal-banda.

Ftit jiem wara l-festa ta' dik is-sena kien ġie avviċinat il-Perit Charles Buhagiar, li ħa ħsieb għamel il-pjanti u applika għall-permessi neċessarji mal-MEPA biex dan il-post jibda jintuża bħala każin tal-banda. L-applikazzjoni kienet iġġib in-numru PA 2776/14. Il-permess kien ħareġ f'Ġunju tas-sena 2015. Wara li ħareġ il-permess kien hemm żmien li fih ma sar xejn ħlief li konna nsemmu li se nagħmlu każin. Fil-bidu tas-sena 2016 il-kumitat kien avviċina lill-Perit David Vassallo biex jieħu dan ix-xogħol f'idejh. Hu offra li jagħmel dan bla ħlas. Għalhekk il-kumitat iddeċieda li nibdew naħdmu fuq dan il-proġett. Peress li kienet qed toqrob il-festa ta' dik is-sena, il-kumitat wara dan il-proġett kompla jaħdem biex ilesti l-preparamenti għall-festa.

Wara l-festa tal-2016 il-kumitat iddeċieda li l-prijorità għas-sena ta' wara kellha tkun il-każin. Għalhekk erġajna kellimna lill-Perit Vassallo u għednielu li rridu nibdew dawn ix-xogħlijiet, għax jekk ma konniex se nibdew ma konna se nlestu qatt. Ġie deċiż li naqsmu x-xogħlijiet f'fażijiet differenti. Sar hekk biex l-ewwel nett ikollna idea aħjar ta' x'hemm bżonn li jsir, u anke biex ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jsiru minn individwi differenti.

F'April tas-sena 2017 Brian Vassallo, il-Vaxxell, kien ħa ħsieb inaddaf l-aċċess tal-post biex inkunu nistgħu nidħlu b'makkinarju mingħajr xkiel. Kien ippjanat li nibdew ix-xogħlijiet f'Mejju, però minħabba li ssejħet l-elezzjoni qabel iż-żmien, il-bidu tax-xogħlijiet ġie pospost għal Lulju. Il-kuntratturi PL & R Excavations offrew li jagħmlu x-xogħol ta' tħammil bla ħlas. Lejn l-aħħar ta' Ġunju ġie infurmat is-Supretendent tal-Cultural Heritage li hu maħsub li x-xogħlijiet jibdew nhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju 2017. Dan għaliex skont il-permess mogħti lilna f'Ġunju 2015 kien hemm mitlub li t-tneħħija tal-ħamrija u l-iskavar tal-pedamenti jsiru taħt is-superviżjoni ta' din is-sezzjoni. Ġiet appuntata s-Sinjorina Analise Agius biex



*Il-parti fejn ġej il-parkeġġ qabel beda x-xogħol*



*Waqt waħda mis-site visits. Jidhru fir-ritratt il-Perit David Vassalo, il-kuntrattur Raymond Galea, is-Sinjorina Analise Agius, is-Segretarju Joseph Caruana u l-President Giovanni Gatt*


Il-jum tal-10 ta' Lulju sebaħ u propju fis-7.30 ta' filgħodu beda x-xogħol tat-tħammil. Kif kien ippjanat, ix-xogħol tat-tħammil u skavar għall-pedamenti dam tlett ijiem.

tagħmel dan ix-xogħol ta' monitoraġġ. Il-permess biex nibdew ix-xogħol min-naħa tas-Supretendent ħareġ propju l-Ġimgħa, 7 ta' Lulju 2017. Saret ukoll polza ta' assigurazzjoni mad-ditta Citadel biex tkopri ħsarat lil terzi persuni.




*Dehra tal-post fejn se jkun il-parkeġġ*

Issa wara l-festa se jinbnew il-ħitan li jdawru l-arja tal-każin, kif ukoll se jingħata l-konkos fil-parti fejn tneħħiet il-ħamrija. Din il-parti se jkollha użu ta' parkeġġ kif ukoll tkun tista' tintuża għall-attivitajiet.



*Dehra tal-pjanti tal-każin*



*Dehra tal-proposta tal-faċċata tal-każin li però trid tinbidel minħabba l-pjan tas-sala*

Issa filwaqt li għaddejjin bix-xogħlijiet fl-ewwel fażi ta' dan il-proġett il-Perit Vassallo qed jaħdem biex jemenda l-pjanti oriġinali. Dan għaliex inħasset il-ħtieġa li jkollna sala kbira fit-tieni sular, biex b'hekk ikun hemm post fejn il-banda tagħmel il-preparazzjoni tagħha kif ukoll inkunu nistgħu norganizzaw attivitajiet fix-xitwa. Hu maħsub li dawn il-permessi jkunu mogħtija lilna sal-aħħar ta' din is-sena, biex imbagħad nibdew ix-xogħol fuq it-tieni fażi. Din il-fażi titlob li jinqala s-saqaf, jinbnew ħames filati oħra u jitpoġġa saqaf ġdid. Hemm bżonn ukoll li jsiru xi alterazzjonijiet fil-ħitan u jinfetħu twieqi u bibien ġodda. Naturalment trid tinħadem



*Il-binja tal-każin bħalissa*

sistema ġdida tal-elettriku. Id-disinn u s-superviżjoni tal-elettriku ġew fdati f'idejn l-Inġinier Mario Sammut, li wkoll qed jaħdem bla ħlas. Se jkun hemm bżonn sistema ġdida tal-ilma u d-drenaġġ, tqegħid tal-madum, kisi u tibjid u xogħol fl-aperturi tal-ħadid u l-aluminju. Hu meħtieġ ukoll li jkollna lift biex il-post kollu jkun aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

Ħafna huma dawk il-voluntiera li diġà offrew l-għajnuna tagħhom, u jien qed nerġa' nappella lilkom biex intom ukoll tingħaqdu magħna biex flimkien inwettqu din il-ħolma ambizzjuża.

L-ammont ta' finanzi li hemm bżonn hu kbir ħafna. Biex illaħħqu mal-ispejjeż nedejna skema ta' ġbir ta' fondi li sejjaħnielha "Sehmi għall-Każin Tiegħi". Inħeġġiġkom biex tkunu membri f'din l-iskema u bi ftit għajnuna kull xahar tkunu parti biex din il-ħolma ssir realtà.



*Il-binja tal-każin minn ġewwa*



*Il-każin kif kien qabel beda x-xogħol*



*Il-Perit David Vassallo flimkien mas-Segretarju Joseph Caruana u l-Viċi President Colin Falzon jiddiskutu kif se jitqassam ix-xogħol fil-proġett tal-każin*

# 55 sena soru

Nifirħu lil

# SOR MARIJA ABELA

fi ħdan l-Ordni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù f'għeluq il-55 sena taħdem fl-għalqa tal-Mulej.

Nitolbu lill-Mulej iżomm idejh fuqha biex jagħtiha aktar saħħa għall-ġid tal-erwieħ.

# Sehmi għall-każin tiegħi



**Kitba ta' Joseph Caruana**

Imġarrin, wasal iż-żmien li l-ħolma li ħlomna dawn l-aħħar snin issir realtà. Wara tant stennija għandna l-pjaċir inħabbru li x-xogħlijiet fil-proġett tal-każin tal-banda tagħna l-Imġarrin issa beda. Kif tafu b'xejn ma jsir xejn, u għalhekk biex ikollna l-każin tagħna għandna bżonn ħafna għajnuna. Neħtieġu ħafna finanzi, u biex inlaħħqu ma' dawn l-ispejjeż ħsibna li nagħmlu skema li permezz tagħha jagħti sehmu kull min verament jixtieq li jkollna każin tal-banda. M'aħniex qed nitolbu somom kbar ta' flus, għax nafu li kulħadd ikollu l-bżonnijiet tiegħu, imma jekk kulħadd jagħti dik in-naqra fix-xahar, żgur li nilħqu l-għan tagħna.




Kif tafu l-proġett tal-każin hu wieħed ambizzjuż ħafna u żgur mhux se jitwettaq jekk ma nsibux l-għajnuna tagħkom kif dejjem sibna. Il-proġett se jinqasam f'diversi fażijiet. Hu maħsub li l-ewwel fażi titlesta dan is-sajf, fejn l-ispiża se tiswa madwar €7,000. Imġarrin, l-Imġarr għandu bżonnkom, u kif dejjem għamiltu nitlobkom tkunu ġenerużi.

Għal dan il-għan għadna kemm nedejna l-iskema ta' ġbir ta' fondi **Sehmi għall-Każin Tiegħi** biex niffinanzjaw dan il-proġett, li meta jkun lest se jkun it-tieni dar tagħna l-Imġarrin. Post li se joffri rikreazzjoni u edukazzjoni għalina u għal uliedna.

**Sehmi għall-Każin Tiegħi** hi skema volontarja li kull min jidħol fiha jkun iħossu parti minn din l-inizjattiva. Il-membri ta' **Sehmi għall-Każin Tiegħi** se jiġu infurmati kontinwament bil-progress ta' dan il-proġett u kif qed jintużaw il-fondi miġbura.

### Fiex tikkonsisti din l-iskema?

Aħna qed nitolbu li kull min ikun parti mill-iskema **Sehmi għall-Każin Tiegħi** jagħti donazzjoni kull xahar b'risq dan il-proġett. L-ammont minimu li wieħed jista' jagħti hu ta' €5 fix-xahar. Hu maħsub li din l-iskema tkun għal tliet snin. Però individwu jista' jtemm il-parteċipazzjoni tiegħu f'din l-iskema meta jrid mingħajr l-ebda obbligazzjoni. Min irid jista' jissieħeb bħala familja u jagħtu donazzjoni flimkien.

### Kif u min jista' jkun parti minn din l-iskema?

Kulħadd jista' jagħti s-sehem tiegħu. Kull membru ta' din l-iskema jiddeċiedi meta jissieħeb u kemm se jkun is-sehem tiegħu. Jista' jkun hemm iktar minn membru wieħed fl-istess familja.

Aħna ċerti li intom se tissieħbu fl-iskema **Sehmi għall-Każin Tiegħi** għax bħalna tixtiequ li dan il-proġett jitlesta bla dewmien.

Dawk li jkunu parti minn din l-iskema, jekk ikunu jixtiequ huma, isimhom se jiġi ppubblikat kull sena f'din il-pubblikazzjoni annwali, li naf ċert li ħafna jżommuha tifkira.

Biex iktar nagħmlu din l-iskema innovattiva ħsibna li nagħmlu logo jew maskot. Id-disinn volontarju sar mis-Sur Michael Apap Bologna, li minn hawn nixtieq nirringrazzjah tax-xogħol tiegħu.

Din l-iskema kienet tirrikjedi xogħol ta' preparamenti kbar. Biex nuru s-serjetà ta' din l-inizjattiva nfetaħ kont bankarju apposta fil-Banif Bank, fejn se jiġu ddepożitati l-flus miġbura. Ġew ordnati kotba tal-irċevuti apposta biex kull min jagħti donazzjoni jingħata rċevuta. Mhux hekk biss, iżda kull imsieħeb jingħata card li fuqha jitniżżlu d-donazzjonijiet kollha li jagħti. Din l-iskema se tkun ukoll ivverifikata mill-awditur tal-għaqda tagħna s-Sur Antoine Borg, li qed jagħmel dan ix-xogħol fuq bażi volontarja.



*Il-Flyer li tqassam dwar din l-iskema*

It-tnedija ta' din l-iskema saret waqt open day fil-każin, li saret nhar il-Ħadd, 28 ta' Mejju 2017. Dakinhar kulħadd kien mistieden jattendi biex jiġi jara l-post qabel jibda x-xogħol. L-attività bdiet b'daqq mill-banda tal-għaqda. Il-bandisti kollha li attendew taw is-servizz tagħhom bla ħlas. L-attività kienet ippreżentata mis-Sur Mario Sant. Waqt din l-attività tkellmu diversi kelliema, fosthom il-President Giovanni Gatt, is-Segretarju Joseph Caruana, il-Kaxxiera Rose Apap Bologna, il-Perit David Vassallo u l-Awditur Antoine Borg. Wara saru xi preżentazzjonijiet b'risq din l-iskema. Waqt l-istess attività l-allievi tas-soċjetà li għamlu l-eżamijiet tat-teorija ġew ippreżentati biċ-ċertifikati.

Ftit jiem ilu tqassam fi djarkom fuljett b'informazzjoni dwar din l-iskema u fih kien hemm ukoll applikazzjoni biex wieħed ikun jista' jissieħeb fiha.

Jekk tixtiequ iktar informazzjoni fuq din l-inizjattiva intom mitluba ċċemplu fuq 79674678 jew tibagħtu email fuq mgarrband2011@gmail.com.

Minn qalbna nirringrazzjawkom talli se tkunu parti biex din l-iskema tkun suċċess.


*Is-Sur Mario Sant jippreżenta l-open day tal-każin li fiha ġiet imnedija l-iskema Sehmi għall-Każin Tiegħi nhar il-Ħadd, 28 ta' Mejju 2017*


*Uħud minn dawk li attendew għat-tnedija tal-iskema*



*Il-President Giovanni Gatt jagħmel kelmtejn tal-okkażjoni*



*Is-Segretarju Ġenerali Joseph Caruana jispjega l-proġett tal-każin*



*Il-Kaxxiera Rose Apap Bologna tispjega l-iskema Sehmi għall-Każin Tiegħi*



*L-Awditur tal-każin is-Sur Antoine Borg jispjega l-ħidma tiegħu fi ħdan l-għaqda tagħna u dwar iż-żamma tal-kotba finanzjarji*



*Il-Perit David Vassallo waqt l-open day jispjega l-fażijiet differenti tal-proġett tal-każin*



*L-Onor. Ministru Ian Borg jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu b'risq l-iskema Sehmi għall-Każin Tiegħi*



*L-Onor. Jean-Pierre Debono jagħti l-għotja tiegħu għall-proġett tal-każin*



*It-Tabib Ian Mario Vassallo, il-Ħaġi, jagħti d-donazzjoni tiegħu*



*L-Onor. Godfrey Farrugia jagħti għotja b'risq il-każin*



*Il-Kappillan Mons. Kalċidon Vassallo jbierek il-post tal-każin waqt l-open day qabel jibdew ix-xogħlijiet*

Dawn huma dawk li kkontribwew f'din l-iskema sakemm ġejna biex nistampaw din il-pubblikazzjoni:

Apap Bologna Rosemarie & Roberto
Borg Ian Onor.
Bugeja John
Bugeja Maria
Camilleri Angelo
Caruana Joseph
Caruana Karl
Caruana Michael & Celidonia
Caruana Vanessa
Debono Jean-Pierre Onor.
Farrugia Godfrey Onor.
Galea Raymond
Grech Tancred
Keasley Roberta
Kumitat Azzjoni Kattolika Nisa
Micallef Marija
Mintoff Joseph
Muscat Emanuel
Muscat Nazzareno
Vassallo David Perit
Vassallo Ian Mario (Il-Ħaġi)
Vella Toni
Vella Maria & Jimmy
Vella George & Juan
Zammit Joanne & Saviour

Ma' dawn hemm oħrajn li ma xtaqux li jidher isimhom.
Grazzi mill-qalb.

UniJob
THE SHOP WITH THE SOLUTION TO ALL JOBS
RAY DEGUARA
*'UniJob' Sir Arthur Barton Street, Mosta*
*Tel: 21 433642 ~ Fax: 21 433642*

# Joseph Fenech
## *Kompożitur*
## *(1917 - 2010)*





*Mro Joseph Fenech*

Il-kompożitur Joseph Fenech twieled in-Naxxar fil-21 ta' Ottubru 1917. Hu ġej minn familja ta' mużiċisti. Peress li kien tilef lil missieru meta kellu għaxar snin, hu u l-familja għexu ma' nannuh Vittorio Scerri, kompożitur, organista, pittur u dekoratur ta' ħila kbira, tant li għandu xogħlijiet saħansitra f'bereġ prinċipali fil-Belt Valletta kif ukoll fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Minbarra lil Joseph, Vittorio kien għallem lil uliedu Emanuele, surmast ċelebri fit-teatru ewlieni ta' Tuneż, u l-eks organista ta' San Ġwann, kompożitur u kunċertista Dun Karm Scerri. Fl-età ta' 12-il sena Joseph, jew kif kienu jafuh Ġużeppi, kien diġà jdoqq l-orgni ma' nannuh fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar, peress li Vittorio kien diġà beda jikber fiż-żmien u għalhekk ried irawmu sew biex jieħu postu.

Fit-tletinijiet u l-erbgħinijiet kien ħa f'idejh, flimkien ma' nannuh, il-post ta' organista fil-knisja tal-Mosta. Infatti hu kien qed idoqq l-orgni fl-Ora Santa waqt dak il-famuż attakk meta waqgħet il-bomba fuq ir-Rotunda tal-Mosta. Fortunatament ma ġralu xejn. Fl-1943 hu rritorna lura n-Naxxar bħala organista.

Kif spiċċat il-gwerra Dun Karm Scerri, li kien maqbud priġunier tal-gwerra fi Franza (ara l-ktieb *Erba' Snin f'Kamp ta' Konċentrament*) reġa' lura Malta u flimkien ma' Ġużeppi ffurmaw l-ewwel kor tat-tfal subien, l-iSchola Cantorum tan-Naxxar, u kienu jieħdu sehem f'kunċerti sagri, akkademji u funzjonijiet reliġjużi oħra.

Sa issa, ukoll, Ġużeppi kien laħaq għalliem tal-mużika fl-iskejjel tal-gvern, fejn dam għal 37 sena sħaħ. Fl-iskejjel baqa' magħruf għall-kunċerti li kien jorganizza, fosthom l-akbar żewġ korijiet meta ġiet ir-Reġina Eliżabetta, kif laħqet reġina, u ieħor fiċ-ċentinarju ta' San Pawl fl-1960, meta mexxa kor ta' tfal, mill-iskejjel ta' Malta, ta' aktar minn 600 tifel u tifla, kollha mgħallmin minnu.

Sadanittant, barra li kien integrat sew fil-qasam tal-mużika sagra, hu kien ukoll pjanista ċelebri, kunċertista u solista. Hu kien il-pjanista favorit ta' Mro Nani u ta' Mro Pace. Kien jesegwixxi x-xogħol tagħhom b'abbiltà eċċezzjonali. Mro Nani tant kien impressjonat li kien qabbdu jesegwixxi għadd ta' kunċerti fil-British Institute u fil-Maltese Cultural Institute.

Huwa kien magħruf għall-kapaċità tiegħu li jaqra l-mużika kif jaraha, kif ukoll għall-interpretazzjoni li kien jagħti. Dak iż-żmien kien ukoll pijunier tal-mużika jazz hawn Malta, fejn kien janalizza u jesegwixxi dan it-tip ta' mużika fil-Hotel Phoenicia, fejn kien ukoll

pjanista regolari, kemm solist kif ukoll mal-orkestra ta' Jimmy Dowling. Kien magħruf bħala 'n-Naxxari'. Kienu jgħidulek, 'Jekk ikun hemm traba fuq il-partitura, Ġużeppi jaraha u jdoqqha.'

Din il-varjazzjoni ta' mużika, mużika kompleta, mużika ta' ħafna wċuħ, għamlet effett fuq il-kompożizzjonijiet tiegħu.

Biss, hawn ħa l-ewwel daqqa ta' ħarta, meta sab li, għal diversi raġunijiet redikoli, kien se jitwaqqaf milli jkompli jagħti l-kunċerti u jdoqq. Kien fadallu biss il-mużika sagra.

Bejn l-1967 u l-1971 hu laħaq Maestro di Cappella tal-knisja parrokkjali tan-Naxxar. Fl-ewwel sena biss ikkompona l-mużika kollha meħtieġa għas-sena liturġika. Ikkompona wkoll Missa Pastorale, Missa Dolorosa u għadd ta' quddies ieħor għal prokuraturi ta' festi differenti. Hawn hu kien ammirat kemm mill-pubbliku kif ukoll minn mużiċisti u kantanti, tant li dejjem kellu l-aqwa minnhom miegħu. Kien ammirat għaliex kellu mużika melodjuża, għall-armonija brillanti u unika għal dak iż-żmien, u għall-attenzjoni li kien jagħti għaddettall tal-mużika. Fuq kollox, dejjem kellu stima kbira għal kull min kien idoqq jew ikanta miegħu. U dan ir-rispett kien dejjem reċiproku.

Fl-1971 tneħħa minn organista tan-Naxxar. Kien dieħel il-Malti fil-liturġija, u bi skuża li l-mużika ta' Ġużeppi kienet bil-Latin, ma tawhx ċans jaqleb kollox. Kien ilu kollox moħmi minn taħt. Dan l-inċident affettwalu saħħtu u ħalla impatt fuq il-karriera mużikali tiegħu. Madankollu f'Ġunju tal-1980 hu kien ġie mitlub biex jidderieġi l-quddiesa tiegħu *Missa Sancte Joseph* waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li saru biex jikkommemoraw il-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali u n-nominazzjoni bħala Monsinjur tal-Konkatidral ta' San Ġwann ta' zijuh ir-Rev. Chev. Mons. Carmelo Scerri.

Il-kompożizzjonijiet ta' Fenech ma jinkludux biss mużika sagra. Fil-fatt, waqt iż-żjara f'Malta tar-Reġina Eliżabetta f'Mejju tal-1954, hu kkompona s-silta għall-pjanu *Sweet Memories*. Il-kanzunetta *Care Rimembranze*, li hi miktuba għal baritonu u pjanu, fl-1955 rebbħitu t-tielet premju fir-Rediffusion Music Contest, filwaqt li *Barcarolle and Tarantella Brillante*, miktuba għall-pjanu, ċello u vjolin, kienet iġġudikata minn Sir Arthur Bliss li jisthoqqilha l-ewwel premju fl-1957.



*Mro Fenech idoqq l-orgni*

Iżda bħal ħafna kompożituri Maltin oħra Fenech ibbrilla l-iktar bix-xogħlijiet liturġiċi. Fl-ewwel sema tiegħu bħala Maestro di Cappella tal-knisja tan-Naxxar hu kkompona dawk is-siltiet sagri kollha li kien hemm bżonn għas-sena liturġika. Dawn kienu jinkludu *Missa di Requiem*, *Missa Dolorosa*, *Missa dello Spirito Sancto*, *Missa Pastorale* kif ukoll għamel xogħlijiet għall-festa titulari tal-Vitorja tan-Naxxar.

Fenech ikkompona wkoll għadd kbir ta' siltiet mużikali sagri, fosthom responsorji tal-Ġimgħa l-Kbira,

antifoni, litaniji, mużika sħiħa tal-festa kollha, fosthom tliet quddisiet, tridi, Salve Regini, innijiet u xogħol ieħor. Kiteb ukoll xogħlijiet għall-banda u fuq kollox kien orkestra x-xogħol kollu ta' nannuh Vittorio.

Fl-1998 u fl-1999 hu nieda żewġ CDs – *Missa Sancte Joseph* u *Responsorji tal-Ġimgħa l-Kbira*.

F'Ottubru 2007 Fenech għalaq 90 sena, u fi Frar 2008 l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, waqt l-ewwel kunċert tagħha, iċċelebrat is-suċċess tiegħu bħala kompożitur tal-mużika sagra b'kunċert li sar fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

L-iktar kompożizzjoni popolari ta' Fenech, il-*Missa Sancte Joseph*, kellha diversi prestazzjonijiet mill-aqwa kantanti lokali kif ukoll korijiet.

Bħala rikonoxximent għall-kontribut li ta lill-mużika, fl-1997 Fenech ġie mogħti Ġieħ in-Naxxar mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Is-Surmast Naxxari Joseph Fenech ħalla din id-dinja fit-28 ta' Marzu 2010 fl-età ta' 93 sena.

**Bibliography**


Vella Bondin, J., 'Joseph Fenech' in *Sacred Music Concert by Maltese Composers of the Half of the Twentieth Century*, programme, St John's Co-Cathedral (2.xii.2004)

Vella Bondin, J., 'Mro Joseph Fenech, a 90th anniversary portrait', *ST* (8.vii.2007)

Xuereb, C., 'The Music of Joseph Fenech', *ST* (24.ii.2008)

Vella, J., 'A musical heritage icon', *ST* (27.iv.2008)





**L-Avukat Dr. Mattia Felice**

*LL.B., LL.D.*

Jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha.

Uffiċċju: 21, Vincenti Buildings,
Triq id-Dejqa, Valletta, VLT 1432.(bl-appuntament)


Mob: 9928 3003
Email: mattiafelice@yahoo.com

# Il-Platt Bnin:
# Gwida għal x'tiekol tul il-ħajja



**Kitba ta' Marylise Muscat**

Matul is-sena li għaddiet, wara ħidma minn grupp ta' professjonisti, ġie mniedi l-Platt Tajjeb għas-Saħħa, li ħa post il-Piramida tal-Ikel tal-WHO (World Health Organisation). Dan il-Platt huwa gwida bl-istampi tal-ikel, maħsub biex jgħin lill-adulti Maltin jagħżlu varjetà ta' ikel nutrittiv u tajjeb għas-saħħa, biex b'hekk nipprevenu mard kroniku u nnaqqsu l-problema tal-obeżità.




*Gwida għal x'tiekol tul il-ħajja*

Il-Platt fih varjetà ta' ikel nutrittiv minn sitt gruppi ta' ikel differenti, u jagħti wkoll idea tal-porzjonijiet ta' ikel illi l-individwu għandu jikkonsma minn dak il-grupp.

Fil-fatt, kif wieħed jista' jinnota, l-ikbar porzjon għandu jiġi kkunsmat mill-grupp tal-ħaxix. Dan il-grupp huwa baxx ħafna fil-kaloriji, m'għandux xaħam saturat u jinkludi bosta vitamini u minerali bżonjużi għal saħħitna. Tajjeb ukoll li wieħed jinkludi l-frott bħala parti mid-dieta, però f'ammonti moderati. Importanti wkoll illi ninkludu, f'ammonti moderati, ċereali u prodotti li ġejjin miċ-ċereali, l-aħjar dawk bil-fibra, bħal ħobż ismar, għaġin, ħalib u prodotti tal-ħalib, kif ukoll laħam dgħif, ħut, tjur, bajd, legumi, lewż u żrieragħ.

Mill-banda l-oħra l-platt jenfasizza l-importanza illi nillimitaw il-konsum ta' zokkor, melħ u xaħam, speċjalment dak saturat, ikel lest u pproċessat kif ukoll l-alkoħol (għandu jiġi evitat għalkollox fi tfal taħt is-sbatax-il sena). Il-Platt jinkoraġġina wkoll biex nużaw il-ħwawar fit-tisjir, bħal ħabaq, nagħniegħ, merqtux u kari minflok il-melħ.

Fl-aħħar nett, il-Platt jinkoraġġixxi l-użu tal-ilma u jenfasizza l-importanza li wieħed iżomm ruħu attiv kemm jista' jkun.

Tajjeb wieħed iżid illi dan il-Platt Tajjeb għas-Saħħa huwa mmirat lejn adulti attivi u f'saħħithom. Persuni li għandhom mard kroniku jista' jkun li jkollhom bżonnijiet differenti, u għalhekk għandhom dejjem ifittxu parir mingħand professjonisti tas-saħħa.



# Mro Vincenzo Ciappara (1890-1979)

## – Il-kompożitur tal-innu popolari L-Imġarr Iben Marija

**Minn Dr Mattia Felice LLB., LL.D.**



Vincenzo Ciappara twieled il-Belt Valletta fis-6 ta' Novembru 1890 minn Carmelo u Paola née Psaila. Ciappara beda l-istudji mużikali tiegħu ma' Paolino Vassallo fl-età ta' għaxar snin. Ir-rabta bejn Ciappara u l-mużika kienet frott ta' kumbinazzjoni. Huwa stess kien jirrakkonta li l-kaġun illi hu sar mużiċista kien il-fatt li missieru rebaħ vjolin f'lotterija. Fl-età ta' erbatax-il sena huwa kien diġà jdoqq il-vjolin fil-knejjes, partikolarment mal-Cappella Nani. Bejn l-1907 u l-1939 kien idoqq mal-orkestra tat-Teatru Rjal. Fit-Teatru Rjal Ciappara ġie wkoll maħtur bħala prim vjolinista kif ukoll għalliem tal-istess strument. Kien ukoll jaqdi d-dmir ta' arkivista – jiġifieri dak li jieħu ħsieb l-ispartiti mużikali. Kien hemm okkażjonijiet fejn Ciappara daqq ukoll il-kuntrabaxx bħala sostitut. Matul iż-żmien Ciappara baqa' jitħarreġ fl-arti mużikali. Jidher li għal xi żmien huwa kien jistudja l-armonija u l-orkestrazzjoni taħt il-gwida ta' Carlo Diacono kif ukoll l-istrumentazzjoni għall-banda ma' Aurelio Doncich, surmast rinomat Taljan li kien direttur tal-Banda King's Own tal-Belt Valletta.




*Mro Vincenzo Ciappara*

L-isem ta' Vincenzo Ciappara huwa partikolarment marbut mal-mużika bandistika. Fis-sena 1928 Ciappara ġie maħtur bħala surmast direttur tal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat, liema kariga huwa baqa' jokkupa sas-sena 1978. It-tmexxija għaqlija ta' Ciappara wasslet lil din il-banda sabiex tikseb diversi suċċessi, partikolarment fl-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet Klassiċi impenjattivi, bħal pereżempju s-*Sinfonija Numru 5* tal-kompożitur ċelebri Beethoven.

Matul il-karriera twila tiegħu, minbarra tal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat, Ciappara kien ukoll surmast direttur ta' diversi baned oħra, fosthom dawk ta' Marija Annunzjata (Ħal Tarxien), De Rohan (Ħaż-Żebbuġ), La Vittoria (il-Mellieħa), Prince of Wales (il-Birgu) u King's Own (il-Belt Valletta). Ġie mitlub ukoll biex jidderieġi l-baned La Stella u Leone (ir-Rabat, Għawdex) okkażjonalment.

Vincenzo Ciappara huwa magħruf ukoll bħala kompożitur mill-aktar prolifiku. Ix-xogħlijiet l-aktar magħrufa tiegħu huma bla dubju l-marċi brijużi u anke funebri – fil-fatt huwa kiseb tant fama li huwa magħruf minn uħud bħala 'r-re tal-marċi'. Mhux magħruf in-numru eżatt ta' marċi illi kiteb Ciappara, iżda huwa maħsub illi l-għadd tagħhom ilaħħaq mija u ħamsin. Interessanti wieħed jinnota li l-marċ tiegħu *Lilibeth* kien ġie magħżul mill-BBC



L-IMĠARR BIN MARIJA

Kliem tas-Surmast ĠANNI CILIA
Musica tas-Surmast ĊENSU CIAPPARA

Wara l-ħidma qalb dar-raba'
Ix-xjuħ tagħna Lilec fahhru,
Cbira u helwa Ommna Marija;
Bnewlec Dar u biha ssahhru
Fl-Imġarr żghir li Int harist
U b-imħabbtec fis wennist.
Lilec Ommna nqimu
Wassal faraġ f'ruħna
Żommna sħaħ fil-Fidi
Rażżan drawwiet artna
Helwa saltan [redacted] fuqna
Issa u għala dejjem.

Fejn ta' Pawlu l-Ġdira tilmaħ
L-Aħħar raġġ imut fil-baħar
In-nies cotru u żiedu l-qima
Leje Sultana kollok faħar
Kalb il ħdura Cnisja bnew
Għal barchitec bla għadd ġew
Lilec Ommna nqimu
( bħal fuq )

L-għadu jaħtaf minna jrid
Dan il-ħajr li għandna Lejc:
B'riglec irfes ras il-lifgha
Twarrab qatt lilna minn ħdejc
Mit-tigrib li ġej ghlisna
U b-qawwitek Int libbisna.
Lilec Ommna nqimu
( bħal fuq )

Awwissu, 1938.

NIHIL OBSTAT.
Valletta, die 5 Junii 1940.
P. PAULUS TABONE O.F.M.
*Cens. Theol.*

IMPRIMATUR.
Datum in Curia Epali. Melit.
Die 7 Junii 1940.
Ca. P. GALEA,
*Vig. Gen.*

*L-innu L-Imġarr Iben Marija miktub mis-Surmast Ġanni Cilia f'Awwissu 1938*

u xxandar fi programm apposta li kien ittella' sabiex jikkommemora ż-żjara f'Malta tar-Reġina Eliżabetta II fis-sena 1954. Ciappara kkompona wkoll diversi siltiet sinfoniċi għall-banda, fosthom *Livia*, *Prelude in D*, *Empire Unity* u *Ir-Rebħa tal-1565*. Ciappara kien ukoll involut fil-qasam orkestrali, fejn huwa kien okkażjonalment jidderieġi l-orkestra kemm fit-Teatru Rjal kif ukoll f'teatri oħrajn. Ta' min isemmi illi huwa kien jidderieġi l-mużika waqt rappreżentazzjonijiet tal-ballet mill-iskola tal-Prinċipessa Poutiatine Tabone.

Minkejja li l-parti l-kbira tal-involviment mużikali ta' Ciappara kien fis-settur bandistiku, dan ma waqqfux milli jagħmel isem ukoll fis-settur tal-mużika sagra. Huwa kiteb numru konsiderevoli ta' xogħlijiet sagri, bħal quddies, *Tantum Ergo*, antifoni, innijiet tat-tridu u offertorji. Jidher li għal perjodu ta' madwar tliet snin huwa kien ukoll iservi bħala maestro di cappella sostitut fil-Konkatidral ta' San Ġwann u fil-Katidral tal-Imdina, kif ukoll sostitut ta' Carlo Diacono.

Vincenzo Ciappara kien ukoll rinomat bħala għalliem tal-mużika. Fost l-istudenti l-aktar notevoli tiegħu kien hemm in-neputi tiegħu Carmelo Pace.

Vincenzo Ciappara miet nhar il-Ħadd, 29 ta' Lulju 1979 fl-età ta' 89 sena. Il-funeral tiegħu sar fir-Rabat u kien akkumpanjat mill-Banda Konti Rużġieru u rappreżentanti ta' bosta baned oħrajn li b'xi mod jew ieħor kienu gawdew mill-involviment ta' Ciappara.

Ir-rabta ta' Vincenzo Ciappara mar-raħal tal-Imġarr toħroġ mill-innu popolari lil Marija Assunta bl-isem *L-Imġarr Bin Marija*. Dan l-innu żżanżan f'Awwissu tas-sena 1938. Il-lirika tal-innu hija ta' G. A. Cilia, li kien is-surmast tal-iskola primarja tal-Imġarr dak iż-żmien. Huwa innu ferrieħi u rikk fil-melodija, li għaliha huwa tant magħruf Vincenzo Ciappara. Ir-raħal tal-Imġarr għandu jkun tassew kburi illi huwa wkoll igawdi minn opra ta' dan il-mużiċist ċelebri li għamel isem kbir kemm f'Malta kif ukoll barra.

*L-awtur jieħu l-opportunità sabiex jirringrazzja lis-Sur Joseph Caruana kif ukoll lis-Sinjura Mary Cauchi tal-għajnuna tagħhom.*

**Referenzi**


Schiavone, Michael J., *Dictionary of Maltese Biographies* (PIN, 2009)

Vella Bondin, Joseph, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin* (PIN, 2000)

Cilia, G. A., *L-Imġarr Matul iż-Żminijiet*

Intervista ma' Vincenzo Ciappara (1972) minn Victor Galdes, disponibbli fuq https://www.youtube.com/watch?v=rY0_elcRmuM



# Għal barkietek bla għadd ġew



**Kitba ta' Dun Mario Said**

Ix-xahar ta' Awwissu huwa sinonimu mal-festa sabiħa ta' Santa Marija, li aħna l-Imġarrin tant inħobbu. Nistgħu ngħidu li din il-festa hija marbuta ma' qalbna, għaliex aħna li kbirna fl-Imġarr issawwarna f'din il-kultura sabiħa ta' devozzjoni lejn Ommna Marija. Il-festa tal-Assunta, li niċċelebraw ta' kull sena fl-Imġarr, fil-Ħadd ta' wara l-15 ta' Awwissu, tfakkarna fl-imħabba, fid-devozzjoni u fil-fidi li kellhom missirijietna lejn Ommna Marija. Nafu li kull meta dawn kienu fil-bżonn, dejjem irrikorrew lejn din l-Omm ħanina, li missema tieħu ħsiebna bħala omm l-aktar twajba. Nemmen li ma tistax tgħid li inti Mġarri jekk f'qalbek ma jkollokx imħabba speċjali lejn il-Madonna, u speċjalment rabta mill-qrib mal-festa li niċċelebraw f'dan ir-raħal pittoresk u kampanjuż.



*Santa Marija Mtellgħa s-Sema*

Meta kont żgħir kont nistenna l-festa tar-raħal minn sena għal oħra. Kont nieħu gost nattendi għall-quddies tal-kwindiċina, fejn kuljum kienu jitkantaw is-Salve Reġina u l-antifona tal-Madonna. Niftakar li matul il-kwindiċina kollha, jiġifieri matul it-tnax-il jum sat-tridu, kien ikun hemm il-prietka fuq il-ħajja tal-Madonna. Imbagħad, fit-tlett ijiem tat-tridu, il-quddies kien ikun organizzat bil-kant u bil-prietka. Fuq kollox, it-tranżlazzjoni u l-quddiesa tal-festa, bis-sehem tal-kor parrokkjali u l-orkestra, kienu jkunu esperjenzi mill-isbaħ. Xi ħaġa li verament kienet għal qalbi kienet l-innu *L-Imġarr Iben Marija*, li kien jitkanta kuljum mill-bidu tal-kwindiċina sa jum il-festa. Dan l-innu, miktub mill-bravu Surmast Ġanni Cilia, li niftakru tajjeb għax kont immur anke għal xi lezzjonijiet għandu, jibqa' f'moħħi u f'qalbi.



*Is-Surmast Ġanni Cilia*

Għalkemm ilni ftit snin mhux ħażin nieqes mill-Imġarr, xorta waħda għadni u nibqa' nħoss li l-Imġarr huwa raħal twelidi. It-tfulija u ż-żgħożija tiegħi fl-Imġarr issawru fil-kultura ta' dan ir-raħal imdawwar bl-għelieqi sbieħ u bil-baħar kaħlani. Niftakarni mmur l-iskola primarja tal-Imġarr u qabel l-iskola, filgħodu kmieni, konna mmorru għad-

duttrina fl-oratorju. Filgħaxija dejjem kont immur għall-quddiesa. Għamilt żmien sabiħ nieħu ħsieb l-abbatini. Kont nattendi regolarment għal-laqgħat li kienu jiġu organizzati għalina l-ġuvintur fl-oratorju. Ma ninsa qatt l-esperjenzi sbieħ li għaddejt f'dan il-post u l-attivitajiet diversi li kont nieħu sehem fihom.

F'dawn l-aħħar tnax-il sena, fejn qiegħed kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq, għalkemm nista' ngħid li issa sirt parti minn dan ir-raħal ukoll, però l-Imġarr jibqa' r-raħal tiegħi, li fih twelidt u trabbejt. Kultant żmien inżur l-Imġarr, speċjalment fis-sajf, fejn inħobb niffrekwenta l-bajja sabiħa tal-Ġnejna. Naħseb li taqblu miegħi li matul dawn l-aħħar għoxrin sena l-Imġarr tbiddel fis-sura tiegħu, u qiegħed ikompli jinbidel b'ritmu mgħaġġel, mhux biss inkwantu għall-bini u l-appartamenti li qed jinbnew, imma fuq kollox biż-żieda ta' nies li mhumiex Imġarrin li qegħdin ifittxu post f'dan ir-raħal ċkejken imma kwiet u arjuż.



*L-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija*

Meta kont nitkellem mal-Għaxqin u nirrakkuntalhom dwar l-ambjent li fih trabbejt, li huwa differenti ħafna minn dak tagħhom, jiskantaw pereżempju li l-Imġarr ma kellniex każin tal-banda; anzi ħaġa bħal din lanqas biss jistgħu jifhmuha. Ħawnhekk għandhom żewġ każini tal-banda. Illum huwa ta' sodisfazzjon ngħid li l-Imġarr għandu wkoll każin tal-banda ddedikat lil Ommna Marija Santissima Mtellgħa fis-Sema. Meta każin tal-banda jaqdi l-funzjoni tiegħu, li jkun verament skola tal-mużika, allura nemmen li dan jista' jagħmel ħafna ġid fil-kultura tar-raħal. Nimmaġina li kieku kien hemm każin tal-banda fi tfuliti żgur li kont nitħajjar nitgħallem xi strument, għaliex jiena togħġobni ħafna l-mużika.

Minn qalbi rrid nifraħ lil dawk li kienu strumentali biex dan il-każin seta' jitwaqqaf. Nemmen li jridu jkunu nies ta' rieda tajba, determinati u li jafu xi jridu biex fiż-żminijiet tal-lum jirnexxilek twaqqaf għaqda bħal din b'suċċess, kif fil-fatt għamel il-każin Marija Mtellgħa fis-Sema. Filwaqt li nifraħ lil dawn id-diriġenti u nawguralhom ħafna u ħafna suċċessi, inħeġġiġhom sabiex jaħdmu dejjem għall-ġid tar-raħal tagħna, ta' wlied dan ir-raħal u fuq kollox sabiex ikollna festa sabiħa, bil-banda kif jixraq tal-lokal. Il-festa hija għal qalb l-Imġarrin kollha, u għalhekk jiena



*Il-Ġnejna*



*Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr waqt wieħed mis-servizzi tagħha f'jum il-festa ta' Santa Marija*

nemmen li ħafna huma dawk li jgħinu biex dan il-każin ikompli jiżviluppa fl-organizzazzjoni tiegħu.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi billi nawgura lil din is-soċjetà mużikali kull suċċess, imma fuq kollox li tkun strument biex tkabbar il-kultura tal-mużika fir-raħal tagħna, bil-għan li tkompli ssebbaħ il-festa tar-raħal tagħna. Nawgura wkoll lill-poplu kollu li llum jgħix f'dan ir-raħal għażiż tal-Imġarr ħafna u ħafna paċi, u fuq kollox il-festa t-tajba. Ejjew ilkoll immorru għand Marija, għaliex hija l-Omm tagħna li mis-sema tieħu ħsiebna u tidħol għalina quddiem il-Missier Etern. O Marija, nitolbuk tkompli tbierek lil dan ir-raħal u lill-poplu kollu li jgħammar fih, u li jirrikorri lejk u jitolbok il-barka tiegħek. Hekk inkantaw permezz tal-innu popolari tal-festa: *G*ħal *barkietek bla għadd ġew*.




*Santa Marija Mtellgħa s-Sema, Patruna tal-Imġarr*

Il-President u l-kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema
jixtiequ jawguraw
lir-**REV. MONS. ALWIĠ DEGUARA** f'għeluq il-65 sena
u
lir-**REV. MARIO SAID** f'għeluq il-15-il sena
mill-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom.

AD MULTOS ANNOS

# Nitolbu bir-Rużarju Mqaddes



**Kitba ta' Maria Micallef**
*Grupp tar-Rużarju Mġarr*

Ir-rużarju huwa talba sempliċi b'effetti straordinarji. Huwa talba ta' kulħadd: tal-għaref, tal-injorant, tal-fqir, tas-sinjur u tan-nies tad-dinja kollha. Kemm hemm xi tgħid fuq din it-talba! Hemm ħafna xi tgħid, tħares u tirrifletti, u dejjem tara l-ġdid fiha, għax hija talba evanġelika.

Fir-radd tas-salib u l-glorja nkunu nistqarru t-Trinità Qaddisa bħala Alla tagħna, it-Trinità Qaddisa li wriet ruħha fil-magħmudija ta' Ġesù.

Nitolbuh ukoll li jisma' t-talb fqir tagħna, jgħinna u jieqaf magħna. Nitolbu wkoll lil Ġesù biex jaħfrilna dnubietna, jeħlisna min-nar tal-infern u jieħu l-ġenna l-erwieħ kollha u jgħin lil dawk kollha li jeħtieġu l-ħniena tiegħu. (Din it-talba għallmithielna l-Madonna fit-tielet dehra ġewwa Fatima.)

Il-Missierna hija talba li għallimna Kristu stess. L-ewwel taqsima hi tifħir lil Alla, it-tieni hi talba għall-bżonnijiet tagħna tal-ġisem u tar-ruħ. Ġesù jgħallimna kif għandna nitolbu fil-qosor, bla ħafna tpaċpiċ, kif għandna nersqu lejn Alla u kif għandna nindirizzaw 'l Alla fit-talb tagħna. Għandna nersqu lejh bl-umiltà u b'fiduċja kbira, bħala wlied lejn missierhom – lejn missier wieħed, għax aħna lkoll aħwa.

Fl-Ave Marija l-ewwel parti hi tifħir lil Marija bl-istess tislima li sellmulha l-Anġlu Gabrijel u Santa Eliżabetta, għar-rigal kbir li Alla taha, li tkun Omm Ibnu. It-tieni parti hija talba għalina wliedha midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Siegħa l-iktar prezzjuża li minnha tiddependi jew tgawdija jew dannazzjoni għal dejjem.

Fil-misteri tal-Ferħ nimmeditaw l-"iva" ta' Marija, li kienet fit-tnissil ta' Ġesù fil-ġuf u baqgħet sat-tfulija tiegħu. L-"iva" tagħha turina r-rabta sħiħa li kellha mar-rieda t'Alla l-ħanin, li tant ħenn għalina, li bagħat lil Ibnu fid-dinja biex jifdina u jsalvana. Kemm tbaxxa Ġesù għalina! Minn Alla li ħalla kollox u mingħajru ma sar xejn, issa kellu bżonn ta' kreatura, ħolqien tiegħu, biex tagħtih il-ħajja – laħmu minn laħamha u demmu minn demmha. Marija li ngħaqdet m'Alla l-Ħanin, Omm Ġesù ħanin, saret Omm il-ħniena.

Fil-misteri tad-Dawl naraw Alla li qabel lil Ġesù baxxieh sal-bnedmin midinba u issa għollieh sal-għoli tiegħu nnifsu, filwaqt li tana programm ta' ħajja biex nisimgħu lil Ġesù. Naraw ukoll il-ħniena kbira ta' Ġesù li jsejjaħ lill-midinbin għall-indiema, biex jidħlu fis-saltna ta' Alla. U jsir ikel u xorb għalina, biex jagħtina l-qawwa u s-saħħa fil-mixja kollha mwiegħra lejn is-sema.

Fil-misteri tat-Tbatija nimmeditaw it-tbatija u l-mewt ħarxa u infami ta' Ġesù għall-fidwa tagħna. Kemm aħna prezzjużi għal Alla! San Pietru jgħidilna: "Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, li jitħassru, imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla ħtija u bla tebgħa." In-Nisrani għandu jgħix ħajja qaddisa, għax hu kien mifdi mill-ħajja tiegħu ta' pagan li wiret mingħand missirijetu, mhux bil-flus bħalma jinfdew l-ilsiera, imma bid-demm ta' Kristu mxerred fuq il-kalvarju. Hawn tidher l-akbar ħniena ta' Alla, ta' Ġesù u ta' Ommu Marija. Għax kienet ukoll l-"iva" tagħha li Ġesù mar għall-passjoni u l-mewt.

Għażiż ħija, li tinsab 'il bogħod minn Alla, la tiddisprezzax dan id-demm li nxtered għalik,

iżda dur lejn Alla niedem u sogħbien. Għamilt x'għamilt, la taqtax qalbek; Hu jaħfirlek żgur għax hu ħanin u jagħtik it-tgħanniqa tal-paċi.

Il-misteri tal-Glorja jimlewna bit-tama u l-kuraġġ waqt it-tbatija u l-hemm kollu tal-ħajja. Għax kif għal Ġesù u Marija mal-mewt spiċċat it-tbatija kollha u għaddew għat-tgawdija, hekk ukoll għalina mal-mewt tispiċċa t-tbatija u tibda ħajja ta' tgawdija għal dejjem.

Is-Salve Reġina hija talba ta' tifħir, imħabba u fl-istess ħin karba għall-interċessjoni tal-Madonna għalina bnedmin dgħajfa.

Inħarsu ftit lejn x'jgħidulna l-papiet u l-isqfijiet tagħna, fosthom:

Il-Papa Pawlu VI jgħidilna: "Ir-Rużarju huwa mezz li jista' jġib l-ordni fid-diżordni li hawn illum fid-dinja."

Il-Papa Piju XII jgħid: "M'hemmx mezz aktar ċert biex iġġib il-barka t'Alla fuq il-familja mir-reċita tar-rużarju mqaddes…"

Naraw l-eżempju tal-Papa Franġisku, li jibda l-ġurnata bit-talba tar-rużarju, u bħalu hawn ukoll ħafna saċerdoti u reliġjużi.

Il-mibki Isqof Nikol Ġ. Cauchi jgħidilna: "Ma jistax jonqos li l-Insara li jimmeditaw il-misteri tar-rużarju mqaddes kif imiss ma jħossux xi ftit mill-paċi u l-hena spiritwali li bihom kienet imfawra l-Imqaddsa Verġni Marija."

Frott ieħor li jsemmilna l-mibki Arċisqof Ġużeppi Mercieca jgħidilna li l-Papa jsejjaħ ir-rużarju 'kontemplazzjoni tal-wiċċ ta' Kristu fl-iskola ta' Marija', li kif Marija fid-dar ta' Nazarett ħarset lil Ġesù u indukratu bħala bniedem meta kien tarbija, żagħżugħ u raġel, hekk lilna tieħu ħsiebna bl-istess imħabba u tħarriġna biex Kristu jikber ġewwa fina. Fi kliem ieħor, Marija hija l-għalliema tagħna biex niskopru aktar lil Kristu u nikbru fil-ħbiberija miegħu biex insiru nixbhuh dejjem aktar.

Ir-rużarju minbarra li hu meditazzjoni huwa talba ta' interċessjoni. Bħalma darba Marija daħlet għall-għarajjes f'Kana u talbet lil Ġesù biex jgħinhom, hekk illum bl-interċessjoni maternali tagħha taqlgħalna l-grazzji kollha mill-qalb ta' Binha. Marija tidħol għalina quddiem il-Missier mimlija bil-grazzja, u quddiem l-Iben Ġesù hi titlob magħna u għalina.

Niftakru fl-antenati tagħna kemm talbu r-rużarju bil-qalb u b'fidi kbira biex il-Madonna teħlishom mill-gwerer u mit-telfien tal-fidi.

Fil-poeżija ta' Marija Grima naraw l-imħabba u d-devozzjoni lejn Sidna Marija tar-rużarju.

## *It-Talba ta' Marija*

Ir-rużarju l-isbaħ talba
li toħroġ mill-qalb, mill-fomm,
u 'l fuq titla' kollha fwieħa,
lejn Marija, tagħna l-Omm!

Ir-rużarju hu tislima
lir-Reġina tas-Smewwiet,
tislima ħelwa ta' mħabba
lil dik l-Omm fuq l-ommijiet!

Din it-talba evanġelika
hija meditazzjoni
tal-ħajja tal-Omm u l-Iben
li ġabu s-salvazzjoni!



*Titlob xejn bil-kuruna tar-rużarju?*

Arma qawwija f'idejna
li tegħleb l-għadu tar-ruħ;
balzmu li jfejjaq lil qalbna
u jixxotta tagħna d-dmugħ!

Din it-talba hija s-sejħa
ta' Marija fid-dehriet
li seħħew fid-dinja tagħna
matul dawn iż-żminijiet.

Ejjew b'qalbna kollha mħabba
lil Marija ma nċaħħdux
mit-talba għażiża tagħha,
sabiex lilha ma nonqsux!

Ejja nsejħu lil Missierna,
ejja nbierku lil Ġesù,
nitolbu 'l-Ispirtu s-Santu
u lill-Omm kollha virtù!


Ejjew nerġgħu niġbdu l-barka
fil-familja, ġewwa d-dar,
ir-rużarju bil-qalb ngħidu
lkoll flimkien, kbar u żgħar!

Ejjew spiss naqbdu l-kuruna,
b'dawk iż-żibeġ midmumin,
biex bi mħabba, b'devozzjoni
fjuri jsiru, imfewħin!

U ngħidulha, "O Marija,
ħudhom dawn il-fjuri sbieħ,
b'rigal mingħand uliedek
biex nagħtuk tifħir u ġieħ!"

O Madonna, din it-talba
għalik hija ġawhar fin;
nitolbuk biex permezz tagħha
tagħti l-paċi lill-bnedmin!

Tagħti s-saħħa, tagħti l-qawwa
lill-imsejken, lill-marid;
trodd l-indiema lill-midinba
ħa jagħrfu 'l Alla mill-ġdid.




*Il-Papa Franġisku wkoll jitlob ir-rużarju mqaddes*

Ir-rużarju hu talba mhux individwali biss iżda għall-umanità kollha. Bit-talba tar-rużarju nkunu magħqudin ħaġa waħda mat-Trinità Qaddisa u m'Ommna Marija Santissima, għas-salvazzjoni tagħna u tal-umanità.

Fil-parroċċa tagħna wkoll għandna l-grazzja li nitolbu bir-rużarju kuljum. Dan isir fil-knisja parrokkjali fit-3pm kuljum u nhar ta' Ħadd siegħa u kwart qabel il-quddiesa ta' filgħaxija.

Inkunu devoti t'Ommna Marija Santissima u bħala wliedha nintreħew taħt il-protezzjoni tagħha. Nitolbu kuljum ir-rużarju bid-devozzjoni.



# Ir-rużarju li jpatti għal ħtijietna



**Rev. David Muscat**

Mitt sena ilu f'Cova da Iria fil-Portugall, bejn it-13 ta' Mejju u t-13 t'Ottubru, ħdejn Fatima dehret l-omm tagħna Marija, lil tliet ragħajja ċkejkna, tfal safja u għaqlija. Kienu tliet kuġini, Franġisku u Ġjaċinta Marto u Luċija dos Santos, ta' disgħa, sebgħa u għaxar snin rispettivament, li raw lis-Sinjura sabiħa u din qaltilhom biex jibqgħu jmorru hemm kull tlettax tax-xahar sa Ottubru.



It-tfal kienu diġà raw dehriet ta' anġli kustodji, u Luċija kellha aktar dehriet f'ħajjitha fil-ħajja ta' klawsura li għexet. It-tnejn l-oħra mietu żgħar, kif qaltilhom il-Madonna stess.

Il-qofol tal-messaġġ ta' Fatima mhuwiex daqstant il-famuż sigriet li kien ġie ppubblikat kollu kemm hu mill-Papa Ġwanni Pawlu II. Il-qofol tal-messaġġ ta' Fatima hu l-ħtieġa tal-konverżjoni permezz tat-talb, speċjalment ir-rużarju u l-penitenzi. Marbuta mal-konverżjoni hija l-konsagrazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija, u fil-fatt il-Madonna talbet li r-Russja tkun ikkonsagrata lilha.



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II*

Verità kbira li toħroġ mill-messaġġ ta' Fatima hija r-realtà tal-ħsara li jġib id-dnub f'din il-ħajja u fid-dinja l-oħra, tant li f'dehra minnhom il-Madonna wriet l-infern lit-tfal. Illum donna nsejna li d-dnub ma jaffettwax biss lir-ruħ individwali imma wkoll lill-umanità kollha, u li ta' din il-ħsara rridu nagħtu kont. Għalhekk trid issir tpattija għal dawn il-ħtijiet, għax il-konsegwenzi tal-ħsara jiġu fuq kulħadd, tajbin u ħżiena.

Dil-verità tidher fil-kurunella tal-Ħniena Divina, meta nitolbu, "Missier Etern jiena noffrilek il-ġisem, id-demm, ir-ruħ u d-divinità ta' Ibnek l-għażiż Sidna Ġesù Kristu, bi tpattija għad-dnubiet tagħna u għal dawk tad-dinja kollha." Jien nara xebh kbir mat-talba li l-anġlu kustodju tal-Portugall għallem lit-tfal ragħajja fl-1916, u li hi din: "Imqaddsa Trinità, Missier, Iben u Spirtu Qaddis, jiena nadurak profondament. Noffrilek il-ġisem wisq għażiż, id-demm, ir-ruħ u d-divinità ta' Ġesù Kristu, li jinsab fit-tabernakli kollha tad-dinja, bi tpattija għall-offiżi, sagrileġġi u bruda li bihom hu offiż. Bil-merti bla tarf tal-Qalb wisq imqaddsa tiegħu u tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija, nitolbok għall-konverżjoni tal-imsejkna midinbin."

Dawk li huma mdaħħlin naqra fiż-żmien jgħidulek kif dari gzuz ta' nies kienu jqerru s-Sibtijiet u fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, u xorta waħda t-tqarbin kien ftit. Illum bil-maqlub – ma jqerr kważi ħadd u jitqarben kulħadd. Taħsbu intom li d-demm tal-innoċenti tfal mhux

mitwielda iżda abortiti mhux qed jgħajjat quddiem Alla għall-ġustizzja? Taħsbu intom li tad-dagħa u ż-żebliħ faħxi m'aħniex se ninsteħtu xi darba? Diġà naraha din fl-uċuħ tar-raba' tagħna, bil-mard u l-insetti li deħlin minn barra, li lanqas bil-bexx m'għadhom ifiqu. Taħsbu intom li t-tkażbir tal-qdusija tal-Ħdud u l-btajjel xi darba mhux se npattu għalih f'saħħitna, li meta nixjieħu jeħilsu minna? Taħsbu intom li l-qerq u s-serq li qed nagħmlu, u li stagħnejna bih, mhux se nbatuhom minħabba l-ġustizzja t'Alla? Il-messaġġ ta' Fatima hu l-ġustizzja t'Alla, li tasal xi darba u li ta' dawn il-ħtijiet irridu nagħtu kont.

L-aħħar riflessjoni dwar Fatima hi dwar għaliex Marija għażlet iċ-ċkejknin. Jista' wieħed jistaqsi: ma setgħetx il-Madonna tidher mill-ewwel lill-Qdusija Tiegħu l-Papa f'Ruma biex titlob għall-konsagrazzjoni tar-Russja, ftit qabel ir-rivoluzzjoni t'Ottubru 1917, biex ma jixteridx il-flaġell tal-persekuzzjoni? Il-Papiet baqgħu ma għamlux il-konsagrazzjoni, għaliex anke Piju XII, meta għamilha, ir-Russja ma semmihiex b'isimha u ma saritx mal-isqfijiet tad-dinja. Kellu jkun San Ġwanni Pawlu II li kkonsagra lir-Russja, u mbagħad l-Unjoni Sovjetika ġġarrfet.



*Kuruna*

Għaliex Alla jaħdem hekk? Tlett itfal foqra, bla skola u ragħajja, u tnejn minnhom marradin. Kellhom ikunu huma li raw lis-Sinjura żagħżugħa mdawra bid-dija, tkellimhom fuq l-istorja tad-dinja. La kienu jafu li teżisti r-Russja u lanqas kienu jifhmu xi tfisser "rivoluzzjoni", "ateiżmu" u "komuniżmu"!

L-ewwel nett Alla jirrispetta dejjem il-libertà tal-bniedem. Allura biex iniżżel is-setgħana u jgħolli ċ-ċkejknin dejjem jagħżel min se jbexxaq il-bieb ta' qalbu fil-libertà. Għalhekk jagħżel l-innoċenti, għax dawn lil Alla jobduh. Kienet l-iva tagħhom li ċaqalqet l-istorja tad-dinja. L-Unjoni Sovjetika ġġarrfet, u magħha l-Komuniżmu fl-Ewropa, għaliex tliet ragħajja qalu iva lil Marija. It-talb magħmul bil-fidi ta' tfal ċkejknin ċaqlaq l-istorja tad-dinja u waqqa' superpotenza li kellha l-balal nukleari u setgħat bla tarf. Araw kemm hu b'saħħtu t-talb tar-rużarju magħmul bil-fidi. Din hi l-arma vera. It-talb, iva, jibdel l-istorja tad-dinja, u Alla jsalva l-pajjiżi. Sistu, mela, aqbdu l-kuruna tar-rużarju f'idejkom u itolbu din it-talba tant għażiża għall-Madonna.

*Fil-Festa*
*għid ir-Rużarju*
*mal-Familja*
*u tkun tajt*
*l-isbaħ rigal*
*lil Santa Marija*



# Il-Figura ta' Marija fit-Talb Popolari



**Kitba ta' Christopher Bonnici**
*B.A. (Hons); M.A.*

Wara li s-sena l-oħra tajna ħarsa lejn xi wħud mit-titli u l-attributi pożittivi kif inħarsu lejn il-figura ta' Ommna Marija, din is-sena ħsibt sabiex bħala kontinwazzjoni ta' dak l-artiklu, bħala kullana minn sena għal oħra, din is-sena naqbdu l-litanija li ngħidu fir-rużarju, u minnha nisiltu xi titli li bihom Ommna Marija tingħata dimensjonijiet differenti. Lanqas temmen, hux? Persuna waħda, mara li tidher komuni, iżda li tant ħalliet impatt, għax hija *l-Imqaddsa Marija Omm Alla*.




## L-Imqaddsa Marija

Hawn varjazzjonijiet dwar jekk hix *l-Imqaddsa* jew *Qaddisa*. Qaddisa hija persuna li minnha nfisha hija perfetta. Marija hija perfetta, għax anke f'ħajjitha għexet dejjem fil-grazzja ta' Alla, 'il bogħod minn kull dnub. Mela żgur illi jixirqilha t-titlu ta' "Qaddisa Marija" u "Qaddisa Omm Alla". Iżda jixirqilha wkoll it-titlu ta' "Imqaddsa Marija" u "Imqaddsa Omm Alla", għax għalkemm twieldet minn dejjem bla tebgħa, immakulata, u għalhekk "Imqaddsa Xebba tax-Xebbiet", għax saret omm u baqgħet xebba, hija kompliet tqaddset billi saret l-ewwel tabernaklu ħaj, għax ġarret ġo fiha lit-tarbija Ġesù Kristu Sidna.

## Omm




Bħalma fl-innoloġija nsejħu diversi drabi lil Ommna Marija bħala "Omm Alla", "Omm Kristu" u "Ommna l-Bnedmin", fil-litanija wkoll tissejjaħ direttament "Omm Kristu". Bħal donnu meta nsejħulha "Imqaddsa Omm Alla" rridu nuru d-divinità tagħha, u meta nsejħulha "Omm Kristu" nuru aktar l-umanità tagħha. Fuq l-istess tema nsejħulha wkoll "Omm ta' min Salvana", biex nirreferu għal Kristu Sidna, u wkoll "Omm ta' min Ħalaqna". Biex nuru li hija immakulata, jiġifieri mingħajr ebda dnub, lanqas dak tan-nisel, insejħu lil Ommna Marija bit-titlu ta' "Omm tal-Grazzja ta' Alla", "Omm l-Iżjed Safja" u "Omm l-Iżjed Nadifa". Ninnutaw l-użu tas-superlattiv, kwalità li turi xi ħaġa assoluta: mhux sempliċiment "safja" u "nadifa", iżda "l-iżjed", jiġifieri ma tistax tkun iktar minn hekk. Minn fuq is-salib Binha għażilha sabiex tkun ommna l-bnedmin, u għalhekk, f'dak il-waqt ta' dulur, hija saret "Omm il-Knisja". Nenfasizza l-waqt meta saret "Omm il-Knisja": mhux meta kienet okkażjoni rilassanti, imma f'mument ta' dulur, u dan juri kemm fil-waqtiet diffiċli u deludenti ta' ħajjitna Ommna Marija tkun magħna sabiex bħala wliedha tweżinna.

Il-kobor ta' Marija jissokta jidher bit-titlu "Omm u Xebba", żewġ ideat paradossali li iżda f'Ommna Marija jikkumplimentaw lil xulxin, u għalhekk wasslu lill-Madonna sabiex f'ħajjitha tibqa' "Omm Bla Tebgħa". Għal dak kollu li ġarrbet matul ħajjitha u għall-kwalitajiet illi bihom ġiet imżejna jixirqilha t-titlu ta' "Omm tal-Għaġeb". Hija wkoll "Omm li Tistħoqq l-Imħabba", bħalma hija dejjem offriet u għadha toffri l-imħabba lilna l-bnedmin. Bħalma f'ħajjitha min jaf kemm tat pariri lil Binha, u ladarba kienu ġejjin minn persuna perfetta huma perfetti, hekk ukoll mis-Sema pajjiżna xxerred xita ta' pariri perfetti fuqna wliedha, u għalhekk insejħulha bi dritt "Omm tal-Parir it-Tajjeb".

**Xebba**

Reġina hija persuna mogħnija b'setgħa materjali. Bħala reġina tas-sema u l-art Ommna Marija tissejjaħ "Xebba Kollok Setgħa", u dan għax f'ħajjitha kienet dejjem "Xebba Kollok Għaqal". Bħala Omm Alla u Ommna, Marija hija "Xebba li Tistħoqq Kull Qima" u "Xebba li Tistħoqq Kull Foħrija", u għalhekk bir-raġun kollu ninvokawha u nitolbuha. Għalkemm hija mogħnija bis-setgħa ta' reġina, il-qawwa tagħha mhix qawwa materjali li tużaha biex tesegwixxi l-ordnijiet, u forsi b'abbuż, imma hija "Xebba Kollok Ħniena", u għalhekk insejħulha wkoll "Kenn tal-Midinbin", "Faraġ tal-Imnikktin" u "Għajnuna tal-Insara". Min jaf kemm-il darba dorna lejha, speċjalment bid-dmugħ f'għajnejna, u tlabna l-faraġ f'mumenti meta bħalha, meta tilfet lil Binha fit-tempju u meta ltaqgħet miegħu tiela' l-Golgota, kellna bżonn kull ħniena, għajnuna, tama u faraġ. U lejn min għandna nduru jekk mhux lejn persuna li ġarrbet l-eħrex tbatijiet u minkejja li ma batietx martirju fiżiku stħaqqilha tkun "Sultana tal-Martri", għax ġarrbet weġgħat u emozzjonijiet diffiċli mill-akbar imma mingħajr ma ssuppervjat baqgħet "Xebba Dejjem Marbuta ma' Alla"?

**Għamar**



*Għamara tal-Ispirtu s-Santu*

Bħalma għamara hija bħal qafas illi jaqdi funzjonijiet oħra, bħal ngħidu aħna gwardarobba, hekk ukoll inqabblu lil Ommna Marija. Tajjeb illi ninnutaw kemm f'dawn it-titli li ngħataw lil Ommna Marija matul is-snin hemm element letterarju involut, fosthom l-użu tal-metafora. "Għamara tal-Ispirtu s-Santu", għax fiha jgħammar l-Ispirtu s-Santu, kif wara kollox ħabbrilha l-Arkanġlu Gabrijel, kif jinsab dokumentat fl-Evanġelju skont San Luqa: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek." Żewġ titli oħra marbuta mal-għamara huma "Għamara ta' Kull Grazzja" u "Għamara ta' Kull Tjieba".

Hemm diversi titli oħra li jingħataw lil Ommna Marija, fosthom "Tron tal-Għerf", "Bidu tal-Ferħ Tagħna" u "Warda Mistika". M'iniex se noqgħod nidħol fid-dettall nispjega kull titlu, minħabba li naħseb illi dawn jispjegaw ruħhom minnhom infushom.

**Sultana**

Diġà semmejna wieħed mit-titli li permezz tiegħu nsejħulha "Sultana tal-Martri", minħabba t-tbatijiet qalila li ġarrbet f'ħajjitha, u fi tmiem il-litanija nsejħu lil Ommna Marija biex bħal donna nikkonfermaw illi hija r-reġina tas-sema u l-art. Għalhekk, bħala s-Sultana tas-Sema, ngħidu li hija "Sultana tal-Anġli", "Sultana tal-Patrijarki", "Sultana tal-Profeti", "Sultana tal-Appostli", "Sultana tal-Martri", "Sultana tal-Konfessuri", "Sultana



*Sultana tal-Martri*

"Ma setgħetx iġġarrab it-taħsir tal-qabar dik li nisslet lill-Mulej tal-ħajja."

Ommna Marija tissejjaħ ukoll "Sultana tar-Rużarju Mqaddes", kif talbet hija stess diversi drabi waqt xi dehriet f'postijiet differenti. Hawn min għandu devozzjonijiet oħra illi f'dawn il-mumenti jieħu gost iżidhom mal-litanija, fosthom "Sultana tal-Konsolazzjoni", għal dawk il-postijiet fejn għandhom xi devozzjoni partikolari lejn il-Madonna taċ-Ċintura, u "Sultana tal-Karmelu", għal dawk il-postijiet fejn għandhom xi devozzjoni partikolari lejn il-Madonna tal-Karmnu. Bħala s-Sultana tal-art insejħu lil Ommna Marija bħala "Sultana tal-Familja", titlu li ddaħħal wara s-sena 1994 meta l-Papa Qaddis Ġwanni Pawlu II kien iddedika dik is-sena lill-familja, u "Sultana tal-Paċi". Mhux li kien li kieku d-dinja kollha timxi fuq il-passi ta' Marija, u naħdmu dejjem għall-paċi, anke tal-Verġni" u "Sultana tal-Qaddisin Kollha". B'dan irridu nikkonfermaw illi Ommna Marija mhix biss hi s-sultana ta' dawk illi nafu bihom, imma anke ta' dawk kollha li jinsabu diġà fis-Sema pajjiżna, fosthom anke qrabatna, ħbiebna u persuni li nafu. Bħal donnu imma hemm bżonn illi nerġgħu nikkonfermaw il-purità ta' Ommna Marija u nsejħulha mill-ġdid "Sultana Mnissla mingħajr l-Ewwel Tebgħa", u fuq kollox "Sultana Mtellgħa s-Sema", għax kif jingħad fil-prefazju ta' nhar is-Solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija bir-Ruħ u l-Ġisem:



*Kwadru titulari li jinsab fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr li juri lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, xogħol Lazzru Pisani*

meta din tkun diffiċli, kif kienet għaliha fuq il-kalvarju! Tajjeb illi niftakru li fl-1 ta' Jannar, l-ewwel jum tas-sena kalendarja, niċċelebraw l-"Imqaddsa Marija Omm Alla" u jum il-paċi. Tajjeb illi f'dan l-ewwel jum tas-sena nibdew billi niddedikaw is-sena l-ġdida lil Ommna Marija, b'tama kbira għas-sliem dejjiemi. Inkunu wkoll fiż-żmien liturġiku sabiħ tal-Milied, u għalhekk intennu għal bosta drabi l-innu *Glorja lil Alla fil-Għoli tas-Smewwiet u Paċi fl-Art lill-Bnedmin ta' Rieda Tajba*.

Nispera li dan it-tieni artiklu f'din il-kullana sibtuh interessati, u nixtieq pubblikament inwassal l-awguri lis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema għall-proġett il-ġdid illi daħlet għalih, u lill-Imġarrin kollha, l-isbaħ xewqat għall-festa t-tajba f'ġieħ Ommna Marija Sultana tas-Sema u tal-Art.


**MĠARR SNACK BAR** (Tal-Baġlu)

*Sir Harry Luke Street, L-Imġarr*

Open daily for Tea, toast & light snacks
Appetizers are served with drinks
Wish all clients a happy feast






# Inħarsu lejn Marija minn għajnejn Franġisku



**Dun George Schembri**
*Viċi Kappillan*

Mhux l-ewwel darba li f'ħajjitna nsibu lil xi ħadd qiegħed iħares lejna – donnu ma jaqlax għajnejh minn fuqna – u aħna nispiċċaw nitħassbu. Tajjeb li nħarsu lejn il-festa bħal meta xi ħadd iħares lejna u jara ftit aħna min aħna. Imma nixtieq li llum inħarsu aħna ftit fit-tul lejn min qed niċċelebraw. Żgur u mhux forsi l-iskop tal-festa tagħna fl-Imġarr huwa li nsiru nafu min hi Marija, li lejha nħarsu bħala mudell tagħna.

Nixtieq li nħarsu lejn Marija minn għajnejn il-Papa Franġisku, li bħal papiet riċenti fl-istorja tal-Knisja għandu devozzjoni lejn Marija Santissima. Huwa jistqarr li Marija hija "waħda mill-ħwejjeġ tal-għaġeb tal-Mulej". Hija "kreatura umli u fraġli bħalna, magħżula biex tkun l-Omm ta' Alla, l-Omm tal-Ħallieq tagħha."



*Il-Papa Franġisku*

Skont il-Papa Franġisku, Marija turina min hu Alla u x'jitlob minna u turina tliet realtajiet: l-ewwel, li Alla jissorprendina; it-tieni, li Alla jitlob minna fedeltà; it-tielet, li Alla huwa l-qawwa tagħna.

L-ewwel: **Alla jissorprendina**. Huwa proprju fil-faqar, fin-nuqqas ta' ħila, fl-umiltà li juri lilu nnifsu u jagħtina mħabbtu li ssalvana, li tfejjaqna, li tagħtina l-qawwa. Din hija l-esperjenza tal-Verġni Marija: l-għaġeb li tara li Alla, sabiex isir bniedem, jagħżel proprju lilha, sempliċi tfajla minn Nazaret, li ma kenitx tgħix fil-palazzi tas-setgħa u tal-għana, li ma kenitx wettqet ħwejjeġ straordinarji, imma kienet miftuħa għal Alla, kienet taf tafda fih, ukoll jekk ma tifhimx kollox: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek." (Lq. 1, 38)

Ekku t-tieni punt: **Alla jitlob fedeltà biex nimxu warajh**. Alla huwa dejjem "il-fidil" [f'kelmtu] u jitlob minna l-istess fedeltà. Marija qalet l-iva tagħha lil Alla, iva li biddlet ta' taħt fuq l-eżistenza tagħha. Il-Papa jsostni li għandna bżonn naħsbu sa fejn waslet il-fedeltà ta' Marija lejn Alla: tara l-Iben waħdieni tagħha fuq is-salib. Il-mara fidila [f'kelmitha], wieqfa, imfarrka minn ġewwa, imma żżomm kelmitha.

L-aħħar ħsieb: **Alla huwa l-qawwa tagħna**. Marija, wara t-tħabbira mill-anġlu, l-ewwel ġest li twettaq huwa dak ta' karità lejn qaribitha anzjana, Eliżabetta. U l-ewwel kelmiet li tlissen huma "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej," jiġifieri l-innu ta' tifħir u ta' radd il-ħajr lil Alla mhux biss għal dak li huwa għamel magħha, imma għal ħidmietu fl-istorja kollha tas-salvazzjoni. Kollox huwa għotja tiegħu. Jekk aħna nistgħu nifhmu li kollox huwa għotja t'Alla, kemm ikollna ferħ fi qlubna! Din hija l-qawwa tagħna fil-Mulej.

Għall-Papa Franġisku, Marija hija l-mara umli li tqawwina fit-triq tagħna. It-talba tiegħu hija biex "naqilgħu l-faraġ ħlejju tat-tbissima" tagħha. Nixtieq li f'din il-festa nħarsu lejn Marija mtellgħa s-sema u nimitawha, biex b'hekk ngħixu ħajja tajba.



# L-Għanja tal-Konvoj ta' Santa Marija



**Kitba ta' Oliver Friggieri**

**I**

Aħna nħarsu lejn is-sema
u naraw is-sħab għaddej.
Aħna nilmħu s-siġar jikbru
u nistaqsu x'ġara u x'ġej.

Fl-ikħal nir t'hemm fuq, Marija,
hemm miktub ismek sabiħ.
Mit-tħaxwix tal-weraq leħnek
ħiereġ riekeb fuq ir-riħ.

U jgħaġġibna d-dawl inemnem
Ta' kull qamar flgħaxijiet,
u nissaħħru meta l-kwiekeb
jiżfnu miegħu f'dak is-skiet.

Meta l-ħemda sewda tinżel
fis-sigħat ta' lejl għajjien,
ħarstek tixref tiddi fuqna
biex twennisna lkoll flimkien.

U nifirħu kull filgħodu
meta l-ward jiftaħ ifuħ,
u ninħasdu meta jidlam
u narawh jidbiel mitruħ.

Wiċċek jiftaħ fi tbissima
meta tfur bil-ferħ dil-qalb.
Wiċċek jibki meta tisma'
dat-tnehid magħsur mit-talb.

Ma nafux dal-jum kif sebaħ,
ma nafux wasalx il-lej',
ma nafux dil-ħolma tagħna
hix se ddub fix-xejn għalxej'.

Aħna u nogħtru fil-mogħdija
tul dal-jum u dan il-lej',
ibqa' qrib biex naslu miegħek
fil-ħin sew għand il-Mulej.

U nistaqsu lir-rebbiegħa
meta l-ħajja terġa' tqum,
u nistaqsu lill-irwiefen
din ix-xitwa kemm se ddum.

Meta naħsbu b'dal-moħħ dgħajjef,
meta nfittxu b'dawn l-idejn,
meta nħarsu biex insibu,
meta naqgħu b'dar-riġlejn,

Meta nsaqsu 'x-xemx u 'l-qamar
u lill-ibħra u lill-għoljiet,
u nittallbu kelma waħda
biex jinkiser dan is-skiet,

Erġ'għid kelma, erġ'għidha 'l ibnek
biex flok deni jkollna l-ġid,
u dad-dmugħ f'għajnejna jinxef
– hekk isir, jekk inti trid.

Int li tajt 'l Ibnek lid-dinja,
Int tifhimna, tinsiniex.
Bħalma kellek iben wieħed
aħna wkoll ħliefek m'għandniex.

**II**

Ma niftakarx, Marija, x'ġara sewwa
snin ilu meta l-liġi tal-mibegħda
lid-dinja tal-bnedmin ħakmitha kollha.
Ma niftakarx x'kien ġara meta l-qerda
belgħet lil kollox u 'l kulħadd fi ħdanha.
Iżd'ommi, li ma tatni xejn f'ħajjitha
ħlief ħafna mħabba, darba feħet qalbha
u kulma qaltli bqajt inġorru miegħi.
F'għajnejha kellha d-dmugħ, leħenha mnikket,
u hi ħaditni nkiss inkiss f'ħoġorha
biex kisret is-sigriet li kiber magħha.
U qaltli: "Ibni, qabel ma wellidtek

is-sema xegħel u sar ħuġġieġa waħda
u l-art imtliet bin-nies minxura mejta,
u aħna li ħlisnieha konna nibku,
ninħbew fix-xeltrijiet u b'darna mġarrfa
nixtiequ l-jum li jfittex jgħaddi kollox.
U xejn ma kellna x'nieklu; ftit żmien ieħor
u konna nċedu ruħna lill-għedewwa."
"Għaliex," staqsejtha, "dil-mibegħda kollha
fir-razza tal-bnedmin?" "Ma nafx," weġbitni;
"hekk riedu l-kbar li ħatfu d-dinja f'idhom
u xerrdu biss il-ħerba fuq l-art kollha."
"Għaliex, immela, ma," erġajt staqsejtha,
"int għadek ħajja llum u ma mittx magħhom?"
U ommi ħarset lejn in-naħa l-oħra
tal-kamra fejn kien hemm ix-xemgħa tixgħel,
u qaltli: "Ħares, dik il-Mara twajba
li tul ħajjitha ma rat xejn ħlief niket
u li sallbulha 'l binha, li ħadd ħliefu
ma kellha, dik il-Mara ftakret fina
u meta ma kellniex ħlief tama fiha,
hi semgħet talbna u ma bqajniex telliefa.
Kien jum il-festa tagħha meta konvoj
imgħobbi bl-ikel daħal fil-port tagħna.
Għaddew is-snin u dik il-ferħa kbira
sal-lum inħossha tbaqbaq ġewwa fija.
Iss'int ukoll, li taf dil-ġrajja, ibni,
lil dik il-Mara twajba ta' qalb kbira
roddilha l-ħajr li għandek 'l ommok miegħek.
Jien għadni ħajja llum minħabba fiha."
U ommi mbagħad ħaddnitni b'għafsa magħha
u qalet talba li ma stajtx nifhimha.
"Għalhekk, immela, ma, li dik ix-xemgħa
jien nafha tnemnem dejjem f'dik ir-rokna,
billejl, binhar, u nafha minn ċkuniti."

Ma niftakarx, Marija, x'ġara sewwa,
Iżd'ommi qaltli dawn il-ħwejjeġ fuqek
u llum li kbirt jien naf li f'dik id-dinja
maħkuma mill-mibegħda, int 'l uliedek
li baqgħu jemmnu fik ma nqastx teħlishom.
Il-konvoj tiegħek żamm lil ommi ħajja,
u nwiegħdek li kemm jgħaddi żmien minn fuqi
jien nibqa' ntenni l-ġrajja lil uliedi
biex bħalma wrejt il-ħniena m'ommi u niesha,
Int tibqa' tħenn sakemm fuq din id-dinja
tissokta l-gwerra bejn il-ġid u l-ħażen.

**III**

Int għext bħalna żmien twil ilu
u mxejt magħna fuq din l-art,
xtaqt il-ferħ u sibt in-niket,
qtajt ix-xewk mingħajr il-ward.

Rajt lil Ibnek qed jitwieled
fit-tbatija f'lejl ta' ksieħ.
Rajtu jiġbed lejh lill-kotra;
rajt lill-kotra ddur għalih.

Rajtu jfejjaq lill-imġarrba,
rajtu jfarraġ 'l-imnikktin,
rajtu jsikket 'l-ibħra mqallba,
rajtu jqajjem lill-mejtin.

Rajtu jġorr salib fuq l-għolja,
smajtu jsemmi t-tielet jum,
rajtu jmut fit-tielet siegħa,
rajtu jqum, iqum, iqum!

Int rajt kollox, fraħt ma' Ibnek
u qsamt miegħu kull dulur.
Rajtu jikber fik, jitwieled,
jgħix, imut, iqum u jmur!

Għidlu jerġa' jiġi fostna
biex jurina liem'hi t-triq.
Għidlu jerġa' jgħid il-kelma
biex din l-art marida tfiq.

Għidlu joħroġ fi triqatna,
għidlu jidħol ġewwa d-djar,
għidlu jkellem lill-ħaddiema,
għidlu jżur il-ħabs, l-isptar.

Għidlu jidħol ġol-iskejjel
biex it-tfal mill-qrib jarawh,
biex ibushom u jgħannaqhom,
biex jagħrfuh u jisimgħuh.

Għidlu jerġa' jilgħab magħhom
u jfissrilhom kliemu x'fih.
Għidlu jqiegħed idu fuqhom
u jgħidilhom kliem sabiħ.

Inti llum issaltan miegħu,
l-ewwel mara tal-ħolqien;
Int il-ħolqa li tgħaqqadna
Ma' Sid l-art u Sid iż-żmien.

Fakkru int f'missirijietna
li reqdin fl-irqad bla tmiem,
ħalli jkollhom nagħsa ħelwa
u joħolmu ħolm ta' sliem.

Għidlu jieħu ħsiebhom sewwa
għaliex aħna ma nistgħux.
Għidlu jwassal dit-tislija
għax minn hawn ma jisimgħux.

Għidlu jtina d-dawl jekk jidlam
met'għajnejna ma jarawx.
Għidlu jimla d-demm bis-saħħa
meta nimxu ma nistgħux.

Fakkru fina għax inti bħalna
għext il-ħajja tal-bnedmin.
Fakkru f'meta kien hawn isfel
jgħix il-ħajja tal-ħajjin.

Erġ'għid kelma, erġ'għidha 'l Ibnek,
biex flok deni jkollna l-ġid,
u dad-dmugħ f'għajnejna jinxef
– hekk isir, jekk inti trid.

Int li tajt 'l Ibnek lid-dinja,
Int tifhimna, tinsiniex.
Bħalma kellek iben wieħed
aħna wkoll ħliefek m'għandniex.



# Poema Marjana f'ġieħ l-Assunta



**Kitba ta' Ġorġ Peresso**

Hija tradizzjoni emmnuta li Marija omm Ġesù, wara l-newt ta' Binha u l-persekuzzjoni tal-Lhud u l-Erodjani, marret tgħix ma' Ġwanni f'Efesu, belt Griega ddedikata lill-alla mara Artemis, li ħafna kienu jirrikorru lejha biex ikollhom xi tarbija.

Daqstant ieħor hi tradizzjoni li fl-aħħar żmien ta' ħajjitha Marija kienet imnebbħa biex tmur Ġerusalemm u tistenna tmiem ħajjitha fuq din l-art fil-belt fejn rat lil binha jmut. It-tradizzjoni tkompli tirrakkonta li l-appostli, li kollha kienu nxterdu f'diversi nħawi tad-dinja magħrufa biex iwasslu l-Kelma tal-Mulej, bħal kellhom messaġġ mis-sema biex jinġabru f'Ġerusalemm ħalli jkunu ma' Marija fl-aħħar żmien tagħha fuq din l-art. Kollox hu tradizzjoni, forsi leġġendi popolari, imma li fihom is-sabiħ u li juru kemm Marija kienet baqgħet maħbuba wara l-mewt ta' binha. Għalkemm fl-Atti tal-Appostli m'għandna l-ebda ħjiel tal-mewt (jew *dormitio*, raqda għax hemm min jemmen li l-mewt ma ħakmitx lill-Madonna), imma t-twemmin tradizzjonali li Marija temmet ħajjitha f'din id-dinja f'Ġersualemm u hemm indifnet, u minn hemm wara tlitt ijiem ġiet imtellgħa s-sema, hu wieħed antik. U l-festa tal-Assunta hija ewlenija fil-liturġija Nisranija, b'mod partikolari fil-Knisja tal-Lvant.

Fl-okkażjoni tal-festa tal-patruna tagħkom se naqsam magħkom dan il-monologu Marjan imnebbaħ mit-tradizzjoni li Marija, meta waslet Ġerusalemm ma' Ġwanni, żaret il-postijiet marbuta mal-aħħar ġimgħa ta' binha fuq din l-art.

**L-Aħħar Magnificat**

O Belt ta' Sijon, għożża ta' min għażlek
biex tkun il-Belt tas-Sliem tal-poplu mqaddes,
issa li s-sejħa tas-smewwiet dejjiema
biex hemm ma' Ibni nibqa' Omm tal-fidwa,
daħlet bħal żifffa fija u tħejjini
għal-laqgħa ma' dak l-Iben li qaddisni.
Jien ġejt ħerqana nżurek bħal fl-imgħoddi,
ġejt hawn ma' ommi u missieri u żewġi
u ibni u xirkietu, u bis-salmi
il-passi tagħna terrqu fi triqatek.
Hawnhekk kull triq, kull misraħ u sal-bini
fih ifakkarni meta qrib il-festa
tal-Għid, mill-bieb sabiħ laqgħuna nies
ixejru l-friegħi taż-żebbuġ ħadrani,
u għalenija lissnu b'ferħ l-Osanna.

U rajt fuq xfar għajnejn ta' Ibni mnikket
bħal demgħa tleqq u l-mewt f'rokna tistenna.

Hawn f'dan it-tempju li ma' ġismu xebbhu,
leħnu qed jidwi mħeġġeġ għax bejjiegħa
każbru l-imkien qaddis, nieqes mill-qima,
u ħabbar il-qawmien wara t-tisliba.

Saqajja jersqu ħiemda lejn il-kamra
fejn magħna lkoll, imma l-aktar max-xirka,
ried jiekol l-aħħar ikla u jsir ikla
għal dawk li jemmnu fih u jfakkru kliemu.
Mal-ħitan qawwija u l-arkati msaħħa
qed jidwi leħen jgħid: "Dan Ġismi, kulu."
U għolla l-kalċi b'ħarstu lejn is-sema
u lissen: "Dan hu Demmi. Lilu ixorbu."

Minn hemm ħareġ fi triqtu lejn ġnien kenni
bis-siġar taż-żebbuġ ġa niedja mnikkta.
Kantajna s-salmi qabel kif imniżżel
lilu għannaqt, ħaddant kif bħal tarbija
kont ngħożżu miegħi f'Nazaret qed jikber.
Bistlu idejh, saqajh qabel in-nifda,
mellistlu wiċċu li kellhom ikażbrulu,
u rajtu tielaq u fid-dlam jinsatar.
Kull siġra llum donnha tqila bi kliemu:
"Missier, jekk jista' jkun biegħed minn ġismi
dis-siegħa ta' tbatija u ħruxija,
iżda mhux li rrid jien. Kelmtek hi kelmti."
U ġew għalih jaqbduh qisu ħalliel,
lil min l-imġewħa xabba' u l-mard fejjaq,
u sal-mejtin mill-mewt qajjem b'setgħatu,
u ġab l-imwarrba qribu u tal-ewwel.
Ħaduh għand Kajfas, Hannah f'satra mgħaġġla
biex hemm isibu ħtija fl-innoċenza,
imbagħad għal għand Pilatu, b'inġustizzja
jixlu lil dak li hu s-Sewwa nfisha.
Għadhom l-ilħna mqanqla jdamdmu f'moħħi:
"Sallab lil dan li għamel lilu Alla
u ħaseb li sultan se jkun ta' ġensna!"
Qed nisma' l-ilma mferra', l-idejn jaħsel
ta' min fi kliemu stqarr li l-ebda ħtija
ma sab f'dik it-Tjubija. U xorta sallbu.

Mill-bogħod segwejt ma' Ġwanni u nisa twajba
il-wasla t'Ibni mgħobbi lejn dik l-għolja.
Bl-herra neżżgħuh u qatgħu għal ilbiesu,
il-libsa li jien stess insiġtlu b'idi.
Għadhom qed jidwu d-daqqiet, isammru
mas-salib aħrax 'l Ibni, għeri, imdemmi.
U f'qalbi leħnu talba, leħnu karba,
leħnu mħabba, leħnu maħfra, tama,
u leħnu ħaseb fija: "Ara ibnek."
U 'l Ġwanni talab biex jeħodni b'ommu.
U l-aħħar nifs indiehes man-nifs tiegħi
xħin reħa ruħu fil-Missier li nisslu.
Qegħduli 'l ibni f'ħoġri. Ma stħajtx minnu
kif jistħu l-ommijiet ta' kull imsallab.
Kburija kont, għalkemm qalbi minfuda.
Ħaddant il-ġisem mejjet, imma qalbi
fehmet illi f'dirgħajja kelli d-dinja,
is-sema, il-kobor u l-era ġdida t'Ibni.


Saqajja jħaxwxu lejn il-qabar ġdid
fejn middejnieh. U f'satra u talb medhija
stennejt l-aħbar tal-Ħadd li Ibni rxoxta!



*Dehra tal-qabar tal-Verġni Marija f'Ġerusalemm*

Issa bħax-xwejjaħ Xmuni ngħid: "Sejjaħli!"
U kif lill-anġlu għedt: "Ħalli jkun fija
dak li l-Missier irid iseħħ ġo ġufi,"
u ma' qaribti tajt foħrija xierqa
lil min għażilni b'Omm, għalkemm qaddejja.
Intenni l-għanja llum max-xemx fi nżulha
għax ħwejjeġ kbar tassew Hu għamel miegħi.
Għax dak li s-sema ma jesgħux ried ġufi
biex ikun kennu u ħalib sidri jxebbgħu.
U wiċċu ħa x-xebh mix-Xebba-Ommu.

Nistenna bħal għassiesa s-sebħ ta' ħajti,
is-sejħa t'Ibni biex ningħaqad miegħu.
Qabri jkun soddti, fejn għajnejja nagħlaq,
u kif ħaddantu jien Huwa jħaddanni
u fit-tgħanniqa tiegħu nsib kenni.
Għax Hu, li riedni safja minn ġuf ommi,
ukoll ma riedx il-mewt, wild dnub ewlieni,
tkażbarli ġismi li sawwarlu ġismu.
Ejja, Sidi u Ibni, ħudni miegħek
fil-kenn li int ħejjejt għal min iħobbok.
U min daqs Ommok ħabbek? Alleluja!



*Id-daħla għall-qabar tal-Verġni Marija*



# Kronoloġija tad-dati tal-vari tal-Assunta f'pajjiżna



**Kitba ta' Chev. Mario Coleiro**
*OSJ*

Waħda mill-iktar festi Marjani popolari u devoti f'pajjiżna hija bla dubju ta' xejn il-festa ta' Marija Assunta, jew kif laqqamnieha aħna l-Maltin, Santa Marija. Dan it-titlu tal-Madonna huwa wieħed mill-eqdem li nsibu fl-istorja reliġjuża tal-ġżejjer tagħna. Fil-fatt naraw li sa mill-ewwel kitbiet u inventarji li għandna, li jmorru lura sa żmien il-Medjuevu, naraw li wieħed mill-iktar titulari popolari fil-knejjes tagħna kien dak tal-Assunta. Mill-kotba tal-visti pastorali naraw li n-numru ta' knejjes li jġibu dan it-titular kien minn dejjem l-ikbar wieħed. Konna nsibu diversi knejjes fl-istess raħal li jkunu ddedikati lill-Assunta. Pereżempju ġewwa t-territorju tal-parroċċa ta' Ħal Qormi konna nsibu sitta li kollha kellhom dan it-titular. Meta fl-1436 Senatore De Mello għamel inventarju tal-parroċċi ta' Malta, ninnutaw li mill-għaxar parroċċi li kienu jeżistu dak iż-żmien, tnejn minnhom kienu ddedikati lil Marija Assunta. Kienet teżisti wkoll il-parroċċa ta' Għawdex, li wkoll kienet iddedikata lill-Assunta. Maż-żmien bdew jitwaqqfu iktar parroċċi, biex illum insibu ħdax-il parroċċa ddedikata lil Santa Marija. Dawn huma l-Gudja, Ħad-Dingli, Ħ'Attard, l-Imqabba, Ħal Għaxaq, il-Qrendi, il-Mosta, l-Imġarr, il-Katidral ta' Għawdex, iż-Żebbuġ, Għawdex u riċentement Santa Marija ta' Birkirkara, dik tal-knisja l-qadima, li darba kienet il-parroċċa ta' Birkirkara kollha.

Naturalment, dawn il-parroċċi kollha, fihom issir il-festa tal-Assunta. Dawn il-festi huma festi antiki ħafna, ħlief dik ta' Birkirkara, li hija parroċċa riċenti. Mill-bqija l-festi kollha għandhom oriġini tradizzjonali. Fost dak kollu li tirrappreżenta l-festa Maltija, l-iktar ħaġa



*L-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Gudja*



*Il-vara ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq*



*Il-vara titulari tal-Imqabba*



*L-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Qrendi*




*It-titular ta' Ħad-Dingli*



*Santa Marija tal-Mosta*



*L-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Qrendi*



*Il-vara taż-Żebbuġ, Għawdex*



*L-istatwa ta' Santa Marija tal-Belt Victoria, Għawdex*


ġħażiża u li tkun tgawdi devozzjoni fil-festa hija bla dubju ta' xejn il-vara titulari.

F'dan l-artiklu ser naraw ftit ta' kronoloġija kif id-devozzjoni lejn Marija Assunta f'pajjiżna kompliet kibret meta bdew jiġu introdotti l-vari proċessjonali, li prattikament saru l-qalba tal-festi tal-Assunta.

L-ewwel raħal li ħaseb biex ikollu vara ta' Marija Assunta kien prattikament dak li jista' jissejjaħ l-eqdem parroċċa tal-Assunta f'pajjiżna. Dan kien il-Gudja, li oriġinarjament kien jissejjaħ il-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Kien fis-sena 1807 meta fil-knisja parrokkjali tal-lum waslet il-vara ta' Santa Marija, li kienet skolpita fl-injam mill-iskultur Vincenzo Dimech.

Din il-ħaġa ma damitx ma ħajret lir-raħal ġar tal-Gudja, Ħal Għaxaq, biex ukoll ikollu l-vara titulari ta' Santa Marija.

Dan fil-fatt seħħ sena wara biss, meta fis-sena 1808 waslet fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq il-vara ta' Santa Marija, li kienet minquxa fl-injam mill-iskultur Bormliż Marjanu Gerada. Kien imiss issa r-raħal tal-Imqabba, li fis-sena 1836 feraħ meta waslet fil-knisja l-vara ta' Santa Marija, li fuq xewqa tal-Imqabbin kienet skolpita fl-injam miż-Żejtuni Xandru Farrugia, li imita ħafna lill-vara li 28 sena qabel kienet saret għal Ħal Għaxaq.



*L-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Imġarr li waslet f'raħalna fl-1922*

Il-poplu tal-Qrendi fis-sena 1860 inkariga lill-iskultur Antonio Ċhircop biex skultura l-vara titulari ta' Santa Marija. Sena wara, jiġifieri fl-1861, il-poplu ta' Ħad-Dingli laqa' bil-ferħ l-istatwa titulari tiegħu, li hija xogħol ta' Anton Busuttil. Warajhom segwew il-Mostin, li fis-sena 1862 inkarigaw lill-iskultur Salvatore Dimech biex skolpixxa l-vara titulari tagħhom. Din il-vara fis-sena 1948 għaddiet minn modifikazzjonijiet kbar li saru fuqha mill-iskultur Vincenzo Apap, u prattikament illum nistgħu ngħidu li din il-vara hija iktar ta' Apap milli ta' Dimech. Ir-raħal pittoresk taż-Żebbuġ fil-gżira ta' Għawdex feraħ mhux ftit meta sena wara li ferħu l-Mostin, fl-1863, waslet minn Marsilja fi Franza l-vara titulari tagħhom ta' Santa Marija. Kien imiss issa li fir-raħal ta' Ħ'Attard ukoll issir vara biex tintuża għall-festa titulari. Din waslet ġewwa Ħ'Attard minn Pariġi fis-sena 1874.

Fis-sena 1897, fil-Belt Victoria f'Għawdex, is-Soċjetà Filarmonika Leone ordnat vara ta' Santa Marija minn Ruma biex tintuża għall-festa tal-Assunta, li dak iż-żmien kienet tiġi ċċelebrata b'mod estern minn din is-soċjetà. Fil-fatt din il-vara kienet titpoġġa fuq pedestall fil-pjazza tat-Tokk fil-Belt Victoria.

Fis-sena 1956 din il-vara kienet ġiet irregalata lill-knisja katidrali, u minn dakinhar bdiet toħroġ proċessjonalment nhar il-festa tal-Assunta. Fir-raħal pittoresk tal-Imġarr f'Malta kienet ilha tiffjorixxi x-xewqa tal-Imġarrin li huma wkoll ikollhom il-vara titulari tagħhom. Din il-ħolma saret realtà meta fis-sena 1922 waslet minn Marsilja fi Franza l-vara titulari ta' Santa Marija, li minn dakinhar saret l-iktar teżor għażiż fil-knisja parrokkjali fir-raħal tal-Imġarr. Din is-sena jaħbat il-95 anniversarju mill-miġja tal-vara titulari fl-Imġarr.

# Is-60 anniversarju tal-ewwel logħba tat-tim nazzjonali Malti



**Kitba ta' Alex Azzopardi**

Għal numru kbir ta' snin l-Empire Stadium tal-Gżira kien iċ-ċentru li s-segwaċi tal-futbol kienu jiffrekwentaw bl-eluf. Kien f'dan il-post fejn dawn id-dilettanti bkew jew ferħu bir-riżultati tat-tim favorit tagħhom. Hawnhekk intlagħbu logħbiet memorabbli li għadhom jissemmew. Waħda minn dawn bla dubju ta' xejn hija l-ewwel logħba uffiċjali tat-tim nazzjonali Malti, nhar l-24 ta' Frar 1957, sittin sena ilu.



*L-Empire Stadium tal-Gzira fil-glorja tiegħu*

Din kienet partita ta' ħbiberija kontra t-tim nazzjonali Awstrijak, li f'dik l-era kien forza qawwija fil-futbol mondjali. Biżżejjed ngħidu illi tliet snin qabel, fit-Tazza tad-Dinja tal-1954 li kienet saret fl-Iżvizzera, l-Awstrija rnexxielhom jaslu sas-semifinali. Huma baxxew rashom biss għall-qawwa Ġermaniża, li eventwalment kienet rebħet dik l-edizzjoni. Fil-logħba għat-tielet u r-raba' post l-Awstrija għelbu lill-Urugwaj 3-1, biex b'hekk ikklassifikaw fit-tielet post. Dan biex nuru l-qawwa li t-tim Malti kien ser jaffronta. Id-deċiżjoni tal-MFA li tilgħab din il-logħba ġiet kritikata minn xi wħud għax bdew ibassru li kien ġej xi diżastru sportiv li seta' jaffettwa l-futur tal-players Maltin.

### It-Tim Awstrijak

L-Awstrija ta' dak iż-żmien kienu mmexxija minn Herr Josef Argauer bħala national team selector u minn Josef Molzer bħala national trainer. Għal-logħba kontra Malta għażlu lil dawn il-players: Bruno Engelmeier, Leopold Barschandt, Walter Kollmann, Theodor Wagner, Karl Koller, Walter Haummer, Rudolf Sabetzer, Erick Hof, Paul Halla, Ernest Kozlicek, Ignaz Pusnik, Kurt Schmied, Albert Kaubeck, Karl Karel, Paul Koslicek, Karl Stotz u Johann Buzek.

### It-Tim Malti

Il-coach Malti kien Joe Griffiths, li l-MFA kienet ħatritu f'din il-kariga fl-istaġun 1954-55 biex imexxi xi selezzjonijiet mill-kampjonat Malti. Dawn is-selezzjonijiet, magħrufa bħala MFA XI, kienu jilagħbu partiti ta' ħbiberija kontra clubs barranin. L-MFA XI kienu jipparteċipaw ukoll fil-famużi Christmas Tourney, f'partiti kontra teams tas-Servizzi

Ingliżi, kif ukoll ġieli saru logħbiet bejn l-MFA XI u ċ-champions Maltin tal-kampjonat preċedenti. Joe Griffiths, imwieled f'Bormla fl-10 ta' Dicembru 1910, kien pijunier tal-coaching f'Malta u persuna rispettata ħafna. Apparti li kien l-ewwel coach nazzjonali, ismu jibqa' marbut mat-team tal-Melita FC.

Il-players magħżula minn Griffiths għal kontra l-Awstrija kienu:

Victor Scerri (Sliema W.), Ġużi Bonnici (Sliema W.), Lolly Debattista (Floriana), Ninu Calleja (Sliema W.), Joe Cilia (Valletta), Joe Cini (Floriana), Saviour Bonnici (Sliema W.), Lolly Borg (Floriana), Salvinu Schembri (Sliema W.), Tony Cauchi (Floriana), Sammy Nicholl (Sliema W.), Pullu Demanuele (Floriana), George Jones (Ħamrun S.), Tony Nicholl (Sliema W.) u Joseph Bonnici (Ħamrun S.).

Dawn il-ħmistax-il player kienu ġejjin minn erba' clubs differenti: sebgħa mit-team tas-Sliema Wanderers, ħames players tal-Floriana, tnejn mill-Ħamrun Spartans u player tal-Valletta. B'kunsens bejn dawn il-clubs, it-tim Malti ttrenja flimkien għal ħmistax-il ġurnata biex jipprepara bis-sħiħ għal din il-partita. Il-pubbliku sportiv beda jifhem l-importanza ta' din il-logħba, tant li anki s-sessjonijiet tat-taħriġ kienu jiġu segwiti minn folol numeruż.

### Il-Kampjonat Malti ta' dik l-epoka

F'dak il-perjodu l-futbol Malti kien iddominat mill-Floriana u minn Sliema Wanderers. Sal-istaġun 1955-1956 il-Floriana kienu rebħu 17-il kampjonat filwaqt li Sliema Wanderers kienu rebħuh 14-il darba. L-eqreb tagħhom kienu Valletta b'5 rebħiet u Ħamrun Spartans bi 3 rebħiet.


Fi Frar tal-1957 il-klassifika tal-Ewwel Diviżjoni (dak iż-żmien ma kienx hawn il-Premier) kienet taqra hekk: Sliema W. 16-il punt, Valletta u Floriana 14-il punt, Ħamrun S. u Rabat 7 punti, Hibernians 5 punti, Birkirkara 4 punti u Marsa bi 3 punti. Finalment kienu Sliema li ġew inkurunati champions ta' Malta 1956/57 b'26 punt, segwiti minn Valletta b'20 punt u Floriana b'19-il punt. Dan kien il-ħmistax-il titlu għall-Wanderers.

Għalhekk xejn ma kienet sorpriża li l-formazzjoni tat-tim Malti kienet tikkonsisti fil-parti l-kbira tagħha minn players tas-Sliema u tal-Floriana.

### Souvenir Programme

Għal din il-logħba memorabbli l-MFA ħarġet souvenir programme li nbiegħ għall-prezz ta' 6 d. Fl-ewwel paġna kien hemm introduzzjoni mic-Chairman tal-MFA, is-Sur Law. Farrugia B.E.M., fejn ta merħba lit-tim Awstrijak b'messaġġ bl-Awstrijak u bl-Ingliż. Interessanti naraw li kull min xtara dan is-souvenir programme daħal biċ-ċans li jirbaħ il-ballun użat fil-logħba, b'lotterija li kellha titla' fil-half-time. Kien hemm ukoll tagħrif dwar iż-żewġ settijiet ta' players.

L-ispiża biex tiġi organizzata logħba ta' din ix-xorta laħqet is-somma ta' £2,000, somma relattivament kbira għal dak iż-żmien. L-MFA għalhekk kellha tgħolli l-prezz tal-biljetti: 12s 6d (61ċ) għar-reserved seats, 7s 6d (31ċ) għall-




*Is-souvenir programme*

enclosure, 5s (25ċ) għall-ground u 2s 6d (11ċ) għat-tfal. Illum narawhom irħas, imma meta wieħed jikkompara li l-paga kienet madwar £3 fil-ġimgħa, naħsbuha mod ieħor.

**Il-Logħba**

Wara ħafna stennija waslet il-ġurnata tal-Ħadd, 24 ta' Frar 1957, ġurnata li sebħet b'temp griż u xitwi. Filgħodu kien ippjanat li l-players Maltin jiltaqgħu f'lukanda għal laqgħa mal-coach, iżda s-Sur Griffiths, biex inaqqas mit-tensjoni, avża lill-players biex jiltaqgħu siegħa qabel il-logħba fl-istadium stess. Fatt kurjuż (li qrajt fil-ktieb tas-Sur Griffiths - *A Football Saga*) huwa li meta l-players libsu l-flokkijiet, uħud minnhom ġewhom twal wisq. Biex isolvu din il-problema, b'mod spontanju qatgħulhom it-tul żejjed bi mqass li ġabuh mill-first aid box.

Il-bibien tal-istadium fetħu sa minn kmieni filgħodu, u folla kbira ta' madwar 17,500 spettatur ippakkjat kull rokna tal-ground. Biex tittaffa xi ftit l-istennija, qabel il-logħba ntlagħbet partita ta' ħbiberija bejn l-Under 21 tal-Floriana u l-Ħamrun. Wara, ir-Royal Marines Band allegrat lill-pubbliku preżenti b'daqq ta' marċi militari… kif għamlet ukoll waqt il-half-time. Dawn is-17,500 ruħ laqgħu lill-players b'għajjat kbir hekk kif it-tim Malti u dak Awstrijak ħarġu mid-dressing rooms u rifsu fuq l-art iebsa u ramlija tal-Empire Stadium. Għalkemm l-Awstrijaċi ma kinux imdorrijin jilagħbu fuq ir-ramel, is-superjorità teknika u l-kwalità tagħhom kienet żgur se telimina dan l-iżvantaġġ.

Fit-3.30 p.m. ir-referee Taljan, Sig. Vincenzo Orlandini, liebes tassew eleganti, ta bidu għal din l-ewwel logħba uffiżjali tat-tim nazzjonali Malti.

It-tim Malti, b'jersey aħmar (bis-Salib ta' Malta jiddomina fuq sider il-players) u shorts abjad niżel b'din il-formazzjoni: V. Scerri, J. Bonnici, L. Borg, N. Calleja (li floku daħal G. Jones bħala sostitut), T. Cauchi, J. Cilia, J. Cini, L. Debattista, P. Demanuele, S. Nicholl u S. Schembri.



*It-tim Malti jippoża għar-ritratt tal-okkażjoni*

It-tim Awstrijak, b'jersey u shorts bojod, lagħab b'din il-formazzjoni: B. Englemeier, L. Barschandt, P. Halla, K. Koller, E Kozlicek, K. Stotz, P. Kozlicek, T. Wagner, W. Haummer, E. Hof (li floku daħal J. Buzek bħala sostitut) u I. Puschnik.

Skont il-coach Joe Griffiths, fil-ktieb tiegħu *A Football Saga*, fil-bidu tal-logħba l-players Maltin kienu kunfidenti ħafna u bdew isegwu l-istruzzjonijiet li kien tahom waqt it-taħriġ. L-ewwel attakk Malti wasal fis-6 minuta, meta xutt ta' Cauchi ġie mblukkat minn difensur. L-Awstrijaċi bdew jiddettaw il-




*Signor Orlandini jgħolli l-munita qabel il-logħba*

logħob, iżda l-Maltin resqu darbtejn oħra lejn il-lasti u xutt ta' Nicholl ġie salvat minn Engelmeier, filwaqt li Demanuele tefa' barra. Madankollu, wara biss 16-il minuta, l-Awstrija marru fil-vantaġġ b'autogoal sfortunat meta Joe Cilia u Ġużi Bonnici daħlu f'xulxin u Bonnici tefa' fil-lasti tiegħu stess. Minkejja din l-isfortuna l-Maltin baqgħu jilagħbu tajjeb u kienu ferm viċin li jiskurjaw f'żewġ okkażjonijiet permezz ta' Borg. Il-goalkeeper Scerri kien ferm attent bejn il-lasti u għamel xi saves sbieħ.



*Theodor Wagner jiskorja t-tieni goal tal-Awstrija*

Fit-tieni taqsima l-Maltin fetħu tajjeb, iżda mal-ħin l-Awstrijaċi reġgħu bdew resqin lejn il-lasti ta' Scerri. Infatti l-Awstrijaċi żiedu tnejn oħra, minn Wagner fit-72 minuta b'xutt qawwi minn barra l-kaxxa u minn Haummer b'daqqa ta' ras fit-80 minuta. Tlieta minn taħt it-tim Malti ma qatax qalbu, u b'inċitament kontinwu mis-supporters, il-Maltin għamlu reazzjoni finali. Għajta kbira waslet fis-87 minuta, meta Nicholl għadda lejn Cauchi, li ħataf iċ-ċans u tefa' l-ballun fix-xibka. Il-Maltin bdew joħolqu attakk wara l-ieħor. Minuta mit-tmiem il-Maltin rebħu free kick. Jones għadda lil Cini u dan kompla lejn Nicholl, li qabeż lil Stotz u għeleb lil Englemeier għat-tieni darba. Ma' dan il-goal l-istadium sploda bl-għajta ta' "GOAL!" U min jaf x'kien jiġri li kieku l-Maltin kellhom iġibu l-goal tad-draw qabel is-suffara finali.



*Il-players ta' Malta u l-Awstrija wara l-logħba*

Fi tmiem il-logħba l-players Maltin intrefgħu fuq l-ispallejn sad-dressing rooms. L-uffiċjali Awstrijaċi ferħu lill-Maltin għall-wirja eċċellenti li taw, u saħansitra qalu li 'l-istudent irnexxielu jilħaq lill-għalliem'.

**Jitkellem Victor Scerri wara 60 sena**

Victor Scerri kien il-goalkeeper ta' Malta f'dik il-logħba storika. Il-goalkeeper Slimiż iddebutta uffiċjalment ma' Malta naturalment fl-24 ta' Frar 1957, u wara ddefenda l-lasti Maltin f'żewġ okkażjonijiet oħra. Forsi d-dilettanti iktar jiftakruh bħala coach nazzjonali. Infatti Victor Scerri kien coach ta' Malta għal perjodu qasir bejn Settembru u Novembru 1973, u reġa' ġie fdat bit-tim nazzjonali bejn Ottubru 1978 u Diċembru 1983, bl-aħħar logħba tiegħu tkun it-telfa diżastruża ta' 12-1 kontra Spanja.

F'intervista ma' ġurnal lokali bl-Ingliż, Victor Scerri beda biex qal li l-preparamenti għal-logħba kienu saru b'mod regolari, fl-Empire Stadium tal-Gżira, fuq l-istess ramel. Dak iż-żmien kienu jintgħażlu 14-il player. Tant ma kienu għamlu xejn speċjali li dakinhar tal-logħba ltaqgħu fis-2.00 p.m. fejn il-bieb tal-uffiċċju tal-ground '*u dħalna għal-logħba*'. Scerri sostna li f'dak il-perjodu kien hawn tliet goalkeepers oħra tajbin, u '*dakinhar għażlu lili*'.

Victor Scerri jkompli jgħid: '*Il-logħba setgħet tefgħetna l-baħar, eh, għax bdejna b'autogoal. Niftakar jiena, il-ballun tlabthulhom; kien ballun mejjet, Cilia ħallieh għalija u Ġużi Bonnici spara ġox-xibka. Għedna, "Hawn aħna, ser nibdew!" Però r-rimonta li għamilna fit-tieni half kienet xi ħaġa inkredibbli, ta… u stajna ġibna anki d-draw… Innies apprezzawha, għax spiċċajna l-logħba fuq l-ispallejn; dħalna fid-dressing room fuq l-ispallejn*.'



*Il-logo uffiċjali li ġie mniedi mill-MFA fl-okkażjoni tas-60 anniversarju*

**Wara din il-logħba**

Wara d-debutt internazzjonali t-tim nazzjonali Malti kompla jilgħab xi partiti ta' ħbiberija. Il-pass li kien imiss kien li Malta ssir membru fl-organi tal-FIFA u tal-UEFA. Fil-fatt il-Malta Football Association ingħaqdet mal-FIFA fl-1959 u mal-UEFA fl-1960. Dan wassal biex Malta setgħet tibda tilgħab ukoll logħob kompetittiv. Malta ħadet sehem għall-ewwel darba fil-kwalifikazzjonijiet tal-UEFA European Nations Cup fit-28 ta' Ġunju 1962, b'telfa kbira ta' 6-1 kontra d-Danimarka, u fil-kwalifikazzjonijiet għall-FIFA World Cup fl-14 ta' Novembru 1971 b'telfa ta' 2-0 kontra l-Ungerija fl-Empire Stadium. Minn dak iż-żmien Malta baqgħet tieħu sehem b'mod regolari fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA u tal-FIFA.

Iż-żmien għadda, għaddew 60 sena. Minn dakinhar Malta lagħbet kważi 380 partita. Għal nazzjon żgħir bħalma hu tagħna kien hemm iktar diżappunti milli suċċessi. Iżda l-mumenti sbieħ ma naqsux ukoll. Bla dubju ta' xejn dik l-ewwel logħba bejn Malta u l-Awstrija hija waħda minn dawk il-mumenti memorabbli li baqgħu mnaqqxa fil-qlub ta' kull dilettant tal-futbol Malti.

sounds good
Mob:- 9947 3237
sound | light | vision
EQUIPMENT HIRE



# L-Imġarr fi żmien il-gwerra



**Kitba ta' Max Farrugia**
*Dip.Lis.*

Bħal kull belt u raħal ieħor, għalkemm 'il bogħod miċ-ċentru ta' fejn kienu qed jiġu kkonċentrati l-attakki mill-ajru mill-ajruplani Taljani u Ġermaniżi, minħabba li kien hemm jew l-ajruporti, il-portijiet jew inkella t-tarzna, l-Imġarr ukoll ta s-sehem tiegħu sabiex finalment il-gżejjer Maltin ma jiġux maħkuma mill-għedewwa.

Waħda mill-akbar kontribuzzjonijiet li r-raħal ta kienet bla dubju ta' xejn li laqa' fi ħdanu numru kbir ta' refuġjati minn bliet u rħula min-naħa ta' isfel ta' Malta, b'mod speċjali mill-Kottonera. Skont dokumentazzjoni tal-perjodu tal-gwerra nsibu li madwar seba' mitt ruħ irħewlha lejn dan ir-raħal. Għalkemm l-Imġarr ma kienx għadu żviluppat kif huwa llum, u nistaw ngħidu kien hemm problemi ta' akkonodazzjoni anki għall-istess residenti, il-qalb ħanina tal-Maltin laqgħet lil dawn ir-refuġjati ġewwa djarhom, u ġew akkomodati kif setgħu. Il-problema prinċipali, b'mod speċjali fl-ewwel xhur tal-gwerra, nistgħu ngħidu li kienet is-sigurtà tar-residenti u anki tar-refuġjati. Is-sigurtà tar-raħal bdiet ġejja għan-normal ftit tax-xhur wara li bdiet il-gwerra, meta fil-qalba tar-raħal bdew jinbnew, jitħaffru fil-blat, sa kmamar fejn wieħed ikun jista' jistkenn mill-bombi. Il-biċċa l-kbira ta' dawn ix-xelters inbnew fil-qalba tar-raħal, fejn kien hemm konċentrazzjoni kbira ta' nies. B'kollox tħaffru madwar 30 xelter. Xi whud minn dawn ix-xelters illum ma għadhomx jeżistu, oħrajn jinsabu mirduma imma għad hemm



*Maskla tal-gass li kienet tintuża għat-trabi*



*Xelter ta' żmien il-gwerra. Dan jista' jiġi aċċessat mingħand Il-Barri Restaurant.*

xelter li wieħed jista' jarah u anki jżuru. Dan jinsab taħt wieħed mill-ħwienet tal-ikel li hemm fil-pjazza. Familji Mġarrin u xi refuġjati li kienu joqogħdu fil-periferija tar-raħal, meta kien ikun hemm xi attakk mill-għadu, kienu jistkennu ġo xi għerien li kien hemm fl-inħawi. Anzjan Imġarri li kellu r-raba' tiegħu lejn Binġemma qalli li mhux darba u tnejn kienu jistkennu fl-oqbra Rumani li hemm fil-viċinanza sakemm jgħaddi l-periklu.

Il-Kunsill tal-Gvern flimkien mal-awtoritajiet militari bdew iħejju għal li jista' jinqala' nistgħu ngħidu f'kull belt u raħal. Ġie mwaqqaf il-kumitat magħruf bħal Air Raid Precaution, sabiex jara l-bżonnijiet ta' kull raħal. Dan il-kumitat waħda mill-ewwel affarijiet li għamel kienet li rreġistra lil kull min ġie minn barra r-raħal. Malli faqqgħet il-gwerra parti mill-iskola ttieħdet mill-Militar, u fiha waqqfu l-isptar għal kull eventwalità li setgħet tinqala', u aktar 'il quddiem ittieħdet l-iskola kollha. Xi kmamar mill-iskola l-RMAC, li kienu responsabbli mill-post, ramawhom għall-emerġenzi biss. Hawn wieħed allura bilfors isaqsi x'ġara mit-tfal. Ma bdewx jattendu skola? Nafu li l-iskola kienet baqgħet tiffunzjona normali ftit qabel il-gwerra. Il-klassijiet ma kinux ta' kuljum imma tliet darbiet fil-ġimgħa, sabiex b'hekk it-tfal kollha jkunu jistgħu jieħdu ftit edukazzjoni. Aktar 'il quddiem, meta l-iskola ġiet okkupata kollha minn dawk responsabbli mis-sigurtà tar-raħal, it-tfal bdew jieħdu l-lezzjonijiet tagħhom fil-knisja jew inkella fis-sala li kien hemm taħtha. It-tfal tar-refuġjati u dawk Imġarrin, bħal tfal oħra, għal sentejn sħaħ kellhom jikkuntentaw b'sistema li ġiet addottata.



*Il-maskla li kienet tintuża mit-tfal*



*Maskla tal-gass li kienet titqassam lil ħafna familji*

Bħala prekawzjoni minn xi attakk jew invażjoni mill-baħar, minbarra t-torrijiet tal-Kavallieri li nsibu f'dawn l-inħawi l-Militar Ingliż bena numru ta' pillboxes, u batteriji militari ġew mibnija għal kull eventwalità li setgħet tinqala'. Xi whud minn dawn wieħed għadu jsibhom madwar il-kosta ta' dawn l-inħawi.

Id-dokumenti tal-ARP juru li kien ġie mwaqqaf kumitat sabiex jieħu ħsieb il-bżonnijiet tar-residenti. Fost dawn kien hemm il-bini ta' xelters, taħriġ lir-residenti kif jintużaw maskri tal-gass f'każ ta' xi attakk, u anki tqassmu numru konsiderevoli ta' maskri kemm għall-kbar kif ukoll għat-tfal. Il-maskri tat-tfal żgħar kienu totalment differenti minn dawk tal-kbar. Dawn mhux biss kienu jgħattu parti mill-wiċċ, b'mod speċjali l-ħalq u l-imnieħer, imma kienu jintlibsu kważi mal-ġisem kollu tat-tfal. Kien hemm żewġ qisien ta' dawn il-maskri: għat-tfal li jkunu rqaq u oħrajn għat-tfal ħoxnin. Sakemm ġew introdotti s-sireni sabiex iħabbru xi attakk mill-ajru t-twissija kienet tingħata billi jiġu sparati xi tiri ta' twissija u daqq tal-qniepen.

Nistgħu ngħidu li l-Imġarr beda jħoss l-effetti tal-gwerra propju tliet xhur wara, meta fl-inħawi tal-Kastell Zammitellu twaqqa' l-ewwel ajruplan Taljan tal-għadu. Il-pilota rnexxielu jsalva bi ftit tal-ġrieħi biss. Xi Mġarrin li kienu raw dak li ġara jgħidu li ajruplan deher fil-baxx ħafna.

Ma kinux jafu jekk dan kienx ajruplan tal-għadu jew le, imma fi ftit ħin dan l-ajruplan deher jitlef il-kontroll, u għalkemm deher li se jibqa' ħiereġ lejn il-baħar, f'daqqa waħda dar lura u spiċċa fl-għelieqi, u fl-istess ħin instemgħet splużjoni kbira u dehret vampa nar. Mill-ewwel fuq il-post marru t-Tabib Pullicino, li kien reponsabbli minn dawn l-inħawi, u individwi oħra tal-ARP, għax ħasbu li jista' jkun li weġġa' xi residenti fl-inħawi. B'xorti tajba ma miet ħadd f'dan l-inċident, u l-pilota kien instab b'qatgħa kbira taħt ħajt tas-sejjieħ. Huwa ngħata l-ewwel kura u wara ttieħed l-isptar. Meta dan l-ajruplan ġie eżaminat instab li kien imtertaq bil-bulits li ġew sparati mid-difiża Maltija.

Insibu li matul l-1941, b'mod speċjali meta minbarra l-attakki mit-Taljani l-gżejjer Maltin bdew jiġu attakkati wkoll mill-Ġermaniżi, fuq l-Imġarr kien hemm diversi attakki, u anki waqgħu numru ta' bombi. F'din is-sena kien hemm xejn inqas minn seba' attakki diretti fuq l-Imġarr u l-madwar. Matul Marzu kien hemm żewġ attakki, wieħed viċin Skorba, li fih ħadd ma weġġa' u lanqas saret ħsara, filwaqt li f'attakk ieħor viċin ħafna tal-knisja parrokkjali għalkemm ma weġġa' ħadd kien hemm xi ħsarat f'xi djar. Matul April l-Imġarr sofra minn tliet attakki.

L-ewwel wieħed kien propju fil-Ġimgħa l-Kbira. F'dan l-attakk ġarrbu l-ħsara xejn anqas minn 13-il dar, u kienu mietu tliet persuni, żewġ nisa u raġel. Barra dawn korrew diversi individwi oħra. Dawn il-bombi waqgħu fi Triq Fisher. Kien hemm operazzjoni sħiħa sabiex jgħinu lil dawn l-individwi, fosthom il-kappillan, it-tabib, Imġarrin u xi refuġjati. Fl-istess lejl sar attakk ieħor li matulu waqgħu xi bombi viċin il-Kastell Zammitellu, imma ma weġġa' ħadd u ftit li xejn saret ħsara. Propju l-għada tal-Għid fl-inħawi ta' Binġemma sar attakk ieħor, imma għal darba oħra ma kienx hemm nies feruti, għalkemm saret xi ħsara lil xi razzett. Attakk ieħor lejn l-aħħar ta' April sar fl-inħawi tal-Abbatija, fejn intefgħu xi bombi li xi wħud splodew fl-ajru u b'riżultat ta' hekk is-16-il familja li kien hemm fl-inħawi ma weġġa' ħadd minnhom.

Matul Ġunju tal-1941 kien sar attakk kbir fuq l-inħawi taż-Żebbiegħ u Tas-Salib, fejn intefgħu xejn inqas minn 26 bomba. L-attakki kienu waranofsinhar. L-attakk fl-inħawi Tas-Salib sar minħabba li f'dawn l-inħawi kien hemm battaljun stazzjonat. Għal darba oħra ħadd ma weġġa'.



*Triq Fisher fl-Imġarr kif tidher illum*

Kien hemm attakki oħra matul Awwissu u Settembru, li minħabba li l-ajruplani ġew interċettati mill-forzi tal-art Maltin, dawn ftit li xejn tefgħu bombi f'din iz-zona.

Tajjeb wieħed jgħid li l-bdiewa Mġarrin komplew bil-


ħidma tagħhom matul il-gwerra. Kollha pproduċew biżżejjed prodotti kemm għall-familjari tagħhom u anki għar-refuġjati. Dawn il-prodotti kienu jinbiegħu bi prezzijiet normali u mhux bil-black market, u b'hekk, flimkien mar-razzjon tal-ikel u prodotti mogħtija mill-Victory Kitchen, kulħadd seta' jgħix ftit aħjar minn irħula oħra. Semmejt il-Victory Kitchen; ħafna kienu jgergru li l-ammont li kienu jingħataw, wara li kont tkun trid tistenna ħin twil, ma kienx wieħed sodisfaċenti. Dokumenti li hemm fl-Arkivju Nazzjonali jindikaw li l-ikel prinċipalment kien jikkonsisti fi mqarrun biz-zalza tat-tadam, minestra, balbuljata u xi stuffat tal-laħam.

Kienu jingħataw xi prodotti oħra meta jidħol xi konvoj, fosthom laħam tal-bott, xi galletti, trab tal-bajd, fażola u piżelli. L-Imġarrin u r-refuġjati allura kienu jużaw prodotti oħra li jkunu xtraw, minħabba li l-ammont ta' ikel mogħti kien wieħed limitat. Għalkemm il-ħajja baqgħet għaddejja, insibu li f'dawn iż-żminijiet kien ikun hawn ħafna mard, mhux l-Imġarr biss imma kullimkien.

Kif qed naraw, l-ikel ma kienx wieħed sustanzjuż u bilanċjat. Ħafna mill-mard kien mard tal-ġilda, li n-nuqqas ta' nutrimenti, it-tensjoni u l-iffullar fix-xelters kienu jġibu magħhom. In-nuqqas ta' mistrieħ kien kawża oħra li kienet tikkaġuna l-mard.

Ma nistax nagħlaq dan l-artiklu mingħajr ma nsemmi lill-uffiċjali u l-ħaddiema tal-Protection Office, l-RAMC, id-DOM u l-istaff tiegħu, il-pulizija u l-Militar, li ħadmu flimkien mal-voluntiera sabiex jgħinu lill-Imġarrin u lir-refuġjati. L-aħħar imma mhux l-inqas, ix-xogħol kbir f'kull settur tal-ħajja li kien għamel il-Kappillan tal-Imġarr Dun Edgar Salomone, li kont issibu kullimkien u f'kull bżonn li kien hemm.



# Meta Grognet qabżitlu




**Kitba ta' Joe Quattromani**

Drama qasira li nkitbet u nħadmet bħala parti miċ-ċerimonja ta' Jum il-Mosta 2004

Għal min qatt ma sema' bih jew ma jafx min hu, forsi jistaqsi 'Min hu Grognet?'

Giorgio Grognet de Vasse kien l-arkitett u inġinier li ħażżeż il-pjanti u kien responsabbli għall-bini tal-knisja rotunda tal-Mosta.

Grognet twieled il-Belt Valletta fl-1714 minn nisel Franċiż. Minn età żgħira kellu x-xewqa u beda jistudja biex jilħaq qassis, iżda f'żgħożitu biddel fehmtu u daħal fil-militar. Wara karriera militari beda jistudja u jipprattika l-arkitettura. Fl-1834 iżżewweġ lis-Sinjura Orsetta delle Girasole Paleologo u baqa' joqgħod il-Belt. Waqt il-bini tar-rotunda għex f'dar privata propjetà tan-Nutar Francesco Chetcuti. Illum l-istess dar, bl-isem Villa Grognet, fi Triq il-Kbira, il-Mosta, biswit l-istatwa ta' San Ġużepp, għadha tinsab fi stat tajjeb ħafna. Giorgio Grognet miet fl-1862 u kif kien xieraq indifen fir-rotunda li bena.



*Bust ta' Grognet li jinsab il-Mosta*



*Villa Grognet*

Narratur: Il-Mosta kienet ilha magħquda mal-matriċi tan-Naxxar għal 172 sena. Meta fl-1608 l-Isqof Tumas Gargallo ġie jagħmel żjara pastorali, insibu li kiteb dan li ġej.

Gargallo: Billi l-esperjenza twila sal-lum turina li l-kappillan tan-Naxxar ma jistax jilħaq mat-tqassim tas-sagramenti minħabba l-bogħod, u billi din l-imsemmija knisja parrokkjali għandha 1,100 parruċċan li minnhom 800 jqerru u jitqarbnu, u wara li wieħed qies il-bogħod ta' madwar 3 mili mill-Mosta, li għandha 180 dar b'900 ruħ u t-triq li hija ħażina u kollha ħaġar, skont kap 4 tal-Konċilju ta' Trentu *De Reforn* fuq il-bini tal-knejjes, bir-rieda tal-Imqaddes Pawlu V u tas-Sede Appostolika nifirdu u nagħżlu mill-knisja tan-Naxxar l-imsemmi raħal tal-Mosta. Din il-firda għandha sseħħ nhar is-16 ta' Settembru 1608. Nagħmlu u nqiegħdu li l-knisja ewlenija tar-raħal tal-Mosta bħala parroċċa tkun iddedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, bid-drittijiet, l-unuri u l-piżijiet u d-dħul kollu li huma soltu jimxu ma' knisja parrokkjali.

Tomasu, Isqof ta' Malta

Narratur: Madankollu, għalkemm b'dan id-digriet, sakemm il-kappillan tan-Naxxar kien għadu ħaj id-drittijiet ewlenin ma seta' jmisshomlu ħadd. Kien wara ħafna tgergir u korrispondenza mill-Mostin mal-Isqof Gargallo, u wara l-mewt tal-kappillan Naxxari, li fis-27 ta' Lulju 1610 l-Mosta ngħatat l-artijiet u d-deċenni tas-soltu. Fl-10 ta' Novembru 1610 l-isqof ħatar lil Dun Ġwann Bezzina biex ikun l-ewwel kappillan tar-raħal. Insibu li dak iż-żmien fil-knisja kellna knisja mdaqqsa ġmielha li kienet taqdi l-bżonnijiet tal-abitanti. Iżda hekk kif ir-raħal sar parroċċa, il-bini tad-djar kif ukoll l-għadd ta' nies bdew jiżdiedu tant li wara biss 37 sena d-djar telgħu għal 344 u l-popolazzjoni għal 1579 ruħ. Iż-żmien għadda u l-knisja l-qadima saret żgħira wisq biex tilqa' n-nies kollha tar-raħal. Barra minn hekk xi partijiet mill-knisja l-qadima kienu ġa bdew jiġġarrfu.

Kien fl-1815, fi żmien il-Kappillan Dun Felič Calleja, li kien għadu kemm irritorna Malta wara l-ewwel quddiesa tiegħu fil-Pantheon ta' Ruma, li kompla kattar u seddaq iktar ix-xewqa kbira tal-Mostin għal knisja ġdida ikbar u isbaħ.

Iżda bħal dejjem fost il-poplu kien hemm opinjonijiet differenti. Min ried li titwaqqa' l-qadima u titla' oħra minflokha, waqt li oħrajn riedu li l-knisja l-ġdida titwaqqaf band'oħra, biex ma jkunx hemm il-bżonn li tinħatt il-qadima.



*Ir-Rotunda tal-Mosta - il-kapulavur ta' Grognet*

Sadattant ħafna periti bdew iħożżu knisja ġdida. L-arkitett u inġinier Ġorġ Grognet de Vasse kien sema' b'dak li nqala' fuq il-knisja l-qadima tal-Mosta, u mill-ewwel ġieh il-ħsieb ta' knisja tonda li fiha tilqa' l-qadima sa ma titlesta l-ġdida. B'hekk il-Mostin ma jibqgħux mingħajr knisja. Bħall-periti l-oħra lesta d-disinn u bagħtu biex jarawh. Kellu perit li tintgħażel tiegħu u wieġħdu li ma jeħdux ħlas ta' xogħolhom.

Hekk kif id-disinn ta' Grognet ġie f'idejn il-Kappillan Calleja, dan mill ewwel issaħħar fuqu. Sejjaħ kumitat u saret l-ewwel laqgħa fil-5 ta' Awwissu 1832. Hemm intbagħat rikors lill-isqof:

Calleja: Eċċelenza Reverendissima,

Dun Felič Calleja, Kappillan tal-knisja tal-Mosta u l-kappillan kuġitur tiegħu Dun Ġanmarì Schembri, suddití l-iktar fidili u servi tal-Eċċellenza tiegħek Reverendissima, bl-ikbar rispett jgħarrfuk illi biex iwettqu r-rieda tiegħek, Eċċellenza, għall-bini ta' knisja parrokkjali, nhar il-Ħadd, 5 ta' Awwissu għajtu l-ewwel laqgħa tal-kleru, tal-prokuraturi u l-aqwa nies tar-raħal. F'din il-laqgħa ġew magħżula bil-ftehim u r-rieda ta' kulħadd il-ministri tal-fabbrika l-ġdida. Għaldaqstant, sabiex il-ministri jkunu jistgħu jagħtu ruħhom għax-xogħol ta' opra hekk qaddisa, nitolbu bl-umiltà kollha li inti twettaq din l-għażla, jekk l-Eċċellenza Tiegħek Rev. ma jogħġobhiex mod ieħor. U ta' dan jibqgħu dejjem jafuhulek.

Narratur: Fit-13 ta' Ottubru tal-istess sena mill-Palazz Arċiveskovili tal-Belt, taħt il-fehma ta' Franġisku Saverju, Isqof ta' Malta, ħareġ dan id-digriet:

Calleja: Inwettqu l-għażla tas-Sinjuri Ministri u nwiddbu bl-ikbar ħila lil kull wieħed minnhom biex jagħmel kulma jista' biex jitkattar it-twemmin illi n-nies tal-Mosta ħassew minn qabel meta għamlu l-għażla tagħhom.

Narratur: Kienet għadha ma waslitx it-tweġiba mingħand l-Isqof li l-istess Kappillan Mosti u l-kuġitur tiegħu kitbu rikors lill-Gvernatur ta' Malta. Bi ftit taħbit ir-rikors għadda u l-permessi biex jiġu esproprijati xi artijiet ingħata wkoll. Iżda l-polemiċi ma naqsux. Kien hemm min qal li knisja bħalma ħażżeż Grognet qatt ma tasal biex tinbena f'raħal żgħir bħall-Mosta. Jingħad li kien l-Isqof Caruana stess li oppona għall-pjanta ta' knisja tonda. Twaqqfu l-partiti, wieħed favur u l-ieħor kontra. Iżda l-poplu Mosti ngħaqad flimkien mal-Kappillan u insista għar-rotunda. Ix-xogħol fuq ir-rotunda beda kif ippjanat. Fis-16 t'April tal-1833 Ġorġ Grognet kiteb hekk:

Grognet: Lill-Onorevoli Sinjuri Deputati tal-Mosta:

Ġorġ Grognet, arkitett inġinier, juri bil-qima kollha illi għad li huwa qal mill-bidu nett quddiem id-dinja kollha li huwa lest iqiegħed ħinu kollu u jagħmel kulma jista' għall-bini tal-knisja l-ġdida, illum qiegħed jitlob biss 10 irbajja', li huma suffiċjenti biss għall-għajxien ta' kuljum.

Huwa jista' jgħid li jinsab onorat ħafna bl-għażla tad-disinn tiegħu, u iktar u iktar talli ġiet imħollija lilu difna ta' qima fil-knisja l-ġdida. Imma billi l-bniedem ma jgħixx biss bil-ħobż, hekk huwa ċar illi l-glorja waħedha mhux biżżejjed biex bniedem jirnexxielu biex jgħix, mhux fil-ħela iżda f'dak li ma jgħaddix mingħajru. Dan qed nagħmlu mingħajr ma nitlob dak li jistħoqqli għax-xogħlijiet li diġà għamilt mingħajr waqfien għat-tempju l-ġdid.

Kieku kont għani, jew tal-anqas mhux daqshekk magħfus, jew mhux daqshekk batut, lanqas dan ma kont nitlob. Il-maħbub arkitett tagħkomillum qed iġib dan quddiemkom. Il-bżonn… u bir-raġun ikolli noqgħod intella' u nniżżel, Onorevoli Deputati, dak li nħoss jekk ikolli nitlaq opra li diġà bdiet tant tajjeb. Kif tafu intom, jiena saħansitra tlaqt id-dar tiegħi tal-Belt, u biex inkun dejjem magħkom f'kulma jinqala' ġejt noqgħod fir-raħal għażiż tagħkom.

Il-qaddej fidil tagħkom, l-iktar baxx, devot u maħbub.

Ġorġ Grognet

Narratur: Id-deputati laqgħu t-talba ta' Grognet li kulma kien qed jitlob kemm jgħix ħażin ħażin. Wara li sar it-tħaffir għall-pedamenti, nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju sar it-tqegħid tal-ewwel ġebla.

L-Isqof Caruana ħatar lil Dun Salv Lanzon, għaref tas-Sagra Teoloġija, Arċidjaknu u Vigarju tal-Knisja u l-Katidral ta' Malta, biex floku jassisti għat-tqegħid tal-ewwel ġebla. Huwa ġie fil-pjazza tal-Mosta, fejn in-nies ta' dan ir-raħal b'ħerqa kbira jridu jibnu knisja ġdida taħt l-isem tal-Beata Marija Verġni. F'dak il-post huwa poġġa salib tal-injam.



*Sir Frederick Cavendish Ponsonby*

Din il-biċċa li l-Isqof Caruana bagħat lill-Vigarju tiegħu għall-funzjoni flok ġie hu għal biċċa xogħol hekk kbira ma daqqet xejn tajjeb man-nies tar-raħal. Għall-kuntrarju, kemm ferħu meta l-Gvernatur Frederick Cavendish Ponsonby għamlilhom żjajjar ta' spiss biex personalment jara kif sejjer ix-xogħol. Jingħad li Ponsonby saħansitra tahom għodod u armar li kienu jeħtieġu.

Għedna diġà li Grognet ġie joqgħod fostna, iżda mhux l-ewwel darba kien jeħtieġlu jmur il-Belt, kemm biex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu kif ukoll għall-ħtiġijiet tal-knisja. Jekk ikollu bżonn iwarrab, ħadd ma seta' joħroġ barra mill-Mosta dawk id-disinni kollha li jkun ħażżeż. Għaldaqstant, biex jiġu evitati aktar polemiċi, għax il-polemiċi ma naqsu qatt, saru arranġamenti li l-arkitett ma setax iħalli l-Mosta għal iktar minn ġimgħa fix-xahar.

Biex niġu għas-suġġett tagħna, mela, nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu 1834 insibu li Grognet kiteb hekk:

Grognet: Meqjumin Sinjuri Deputati:

Billi kif tafu intom jien kelli mmur il-Belt Valletta għal disat ijiem minħabba xi ħwejjeġ ta' interess li ma stajtx inħalli għal tul ta' żmien, u billi rġajt lura lbieraħ filgħaxija, kelli nara xi ftit filati tal-koxox tal-bieb il-kbir tal-knisja l-ġdida mibnijin fuq profil l-iktar ikrah u ta' gost l-aktar imħassar – ħaġa li ma kontx nistenna u li ttini għali. Dak li jgħaġġibni l-iżjed huwa meta naf li qabel tlaqt għall-Belt jien ħallejtilkom żewġ profili ta' gost aktar safi, biex intom tkunu tistgħu tagħżlu minnhom. Qatt ma kont nemmen li għall-veru ġmiel jew għall-mibegħda ħażina tal-arti intom kellkom tħallu li minflokhom isir żball bħal dan.

Jekk qatt tgħiduli li intom għandkom id-dritt u l-jedd li tagħmlu kulma jogħġobkom fil-knisja l-ġdida tagħkom, mingħajr ħadd ma jista' jindaħlilkom, jien ma ngħidilkomx li mhux hekk, ħalli jkun kif tgħidu intom, iżda jekk intom għandkom il-jedd li ttebbgħu opra li diġà għamlet lir-raħal tagħkom imsemmi ma' kullimkien, jiena ma nibqax responsabbli tax-xogħol tal-imsemmija knisja, u lanqas kemm indum nieħu ħsieb jien ma nista' nħalli xi bennej jew bniedem ieħor li ma jafx dik is-safja teorija tal-arkittetura jħassar edifiċju hekk sabiħ u li jiswa l-flus.

Jien għaldaqstant irrid infehemkom li jekk ma tneħħux dik il-koxxa falza li bnejtu fil-bieb il-kbir, bil-qilla kollha mil-lum 'il quddiem ma jista' jkollu l-ebda qawwa l-kuntratt li għamilna bejnietna, u għalhekk jiena nkun meħlus u maħlul minn kull rabta. B'hekk tkunu tistgħu tkomplu tibnuha kif jogħġob lilkom, l-għaliex wara kollox intom is-sidien ta' dak li hu tagħkom.

Dan qed ngħidhulkom bħala ħbieb. Bil-kelma t-tajba wrejtkom li jien ma noqgħodx għal dan. Sa tlett ijiem żmien nistenna kelma sewwa u ta' sodisfazzjon, biex fuq it-tweġiba tagħkom jien inkun nista' nara x'għandi nagħmel.

Bl-unur nerġa' ntenni,
Is-serv devot tagħkom,
Ġorġ Grognet

Narratur: It-tweġiba ħarġet waħedha. Il-koxox tal-bieb il-kbir inħattew malajr u minflokhom tqiegħdu oħrajn fuq id-disinn ta' Grognet.

# Orrizzonti Ġodda għat-Tempji ta' Żmien il-Ħaġar



**Kitba ta' Mario Vassallo**

## Daħla

Ftit ilu resaq turist fuqi u staqsieni kif jasal sat-tempji Neolitiċi Ta' Ħaġrat. Urejtu u fehemtu minn fejn għandu jgħaddi sakemm isib it-triq ta' quddiem l-iskola primarja tal-gvern u jinżel magħha. Fejn tispiċċa t-triq jew tagħlaq hemm is-sit neolitiku Ta' Ħaġrat.

Illum meta wieħed jiddeċiedi li jmur f'dawn is-siti jaqbad it-triq u bl-għajnuna tal-mistoqsija, tal-mappa jew bl-użu tat-teknoloġija tal-GPS jasal sas-sit preistoriku. Il-kurjuża hija li xi siti ssibhom f'nofs xi belt jew raħal bħal Ħal Tarxien u oħrajn f'tarf xi raħal, bħal ngħidu aħna Ta' Ħaġrat fl-Imġarr u l-Ġgantija fix-Xagħra, Għawdex. Hemm siti oħra li ssibhom f'nofs il-kampanja, bħal Ħaġar Qim u l-Imnajdra fil-Qrendi.

Meta wieħed jieqaf jaħseb ftit jibdew ġejjin sensiela ta' mistoqsijiet dwar dawn is-siti Neolitiċi mxerrdin mal-gżejjer Maltin. Tgħid għaliex intgħażlu dawk is-siti? Fejn kienu joqogħdu n-nies li bnew it-tempji megalitiċi? Tgħid x'wassal biex jintgħażlu dawk il-postijiet għall-bini tat-tempju ladarba dak iż-żmien ma kienx hawn bliet u rħula, toroq u tabelli, awtoritajiet tal-ippjanar u permessi tal-bini? Tgħid kienu jeżistu xi linji gwida għall-għażla tal-post fejn riedu jtellgħu dawk il-binjiet monumentali? Kulma kien hawn kampanja u natura biss. Pereżempju għaliex Ta' Ħaġrat jinsab fejn jinsab u mhux f'nofs il-wied jew wara l-knisja parrokkjali? Dan l-artiklu nkiteb bil-ħsieb li juri xi riżultati minn riċerka li kont għamilt għaxar snin ilu dwar dan is-suġġett.[1]

## L-Ewwel Komunitajiet

Naħseb ħafna minna jafu li biex il-bniedem jgħammar f'xi post partikolari jkun jeħtieġ l-ilma, li jservi kemm għax-xorb kif ukoll biex jisqi l-annimali u jkabbar il-frott u l-ħxejjex, u xi forma ta' saqaf fuq rasu fejn ikun jista' jistkenn mill-kesħa u l-maltemp tax-xitwa kif ukoll mix-xemx u s-sħana qawwija tas-sajf. Għalhekk saret osservazzjoni fuq 24 sit Neolitiku madwar Malta u Għawdex, biex nara jekk għadhomx jinstabu għerien u nixxigħat tal-ilma madwar is-siti.



*Għerien viċin is-sit Neolitiku f'Tal-Lippija*

L-osservazzjonijiet urew li fi 18-il sit kien hemm preżenza ta' għerien f'inqas minn 750 metru dawramejt. Kien hemm 4 siti b'għerien ta' bejn 750 u 1000 metru, u kien hemm 2 siti fejn ma rnexxilix insib għerien fl-inħawi. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa li fuq medda ta'



*Nixxiegħa tal-ilma ġieri*

7,000 sena mill-ewwel komunitajiet sallum min jaf kemm saru tibdiliet kemm naturali kif ukoll mill-bniedem fuq wiċċ l-art.

Fl-istess studju ġiet innutata wkoll il-preżenza tan-nixxigħat tal-ilma ġieri. Instab li f'19-il sit minn 24 kien hemm nixxiegħa tal-ilma sa 750 metru dawramejt. Kien hemm 4 siti oħra li fihom teżisti nixxiegħa ta' bejn 750 u 1,000 metru bogħod mis-sit, u kien hemm sit wieħed fejn l-eqreb nixxiegħa għalih kien ta' ftit iżjed minn 1,000 metru. Barra minn hekk ġie nnutat ukoll li l-ismijiet ta' rqajja' ta' artijiet li jinsabu maġenb l-istess siti jirriflettu l-preżenza tal-ilma. Hekk pereżempju maġenb Ta' Ħaġrat fl-Imġarr nsibu Tal-Għajn, maġenb il-Ġgantija hemm Tal-Għejun, Għajn Riħana mhux bogħod wisq minn Tal-Qadi fis-Salina, Għajn Dwieli maġenb it-tempji ta' Kordin. Insemmu wkoll Wied Żembaq u Wied Dalam fuq iż-żewġ naħat ta' Borġ in-Nadur f'Birżebbuġa, Wied Qannotta u Wied il-Għasel maġenb Tal-Qadi kif ukoll Wied Ħanżira maġenb ir-Rotunda tax-Xewkija, fejn kien hemm sit preistoriku ieħor.

Mill-istudju tas-siti sirna nafu li dawn in-nies ta' Żmien il-Ħaġar kienu ilhom joqogħdu f'dawn il-postijiet għal mijiet ta' snin qabel ma twebblu jibnu binjiet monumentali għal skop ta' qima. Wieħed jista' jobsor x'tagħrif laħqu ġabru dwar l-inħawi fejn kienu jgħammru. U mhux biss, imma anke sax-xefaq li kien idawwarhom. Draw bl-amment il-pożizzjoni ta' kull għolja u wita u baħar li kienu jidhru fuq ix-xefaq, jiġifieri fejn l-art u l-baħar imissu mas-smewwiet. U la semmejna s-smewwiet ma rridux ninsew l-interess qawwi li kellhom dawn in-nies fiċ-ċaqliq tax-xemx li trieġi l-jum u l-qamar u l-kwiekeb li jrieġu l-lejl. Dan ifisser li l-bennejja tat-tempji kienu jafu fejn tfiġġ u tgħib ix-xemx fuq ix-xefaq matul il-jiem kollha tas-sena minn kull parti tal-gżejjer Maltin.

### Ix-Xefaq

Matul dawn l-aħħar snin jien ukoll bdejt nagħti kas ta' fejn iseħħ tlugħ u nżul ix-xemx matul is-sena. Bdejt ninnota li partikolarment mis-siti Ta' Ħaġrat u Skorba, it-tlugħ u l-inżul tax-xemx bdew iseħħu ma' partijiet interessanti fuq ix-xefaq. Tgħid il-bennejja tat-tempji kienu attenti għal dawn is-sinjali u użawhom bħala linji għall-għażla tal-post fejn seta' jinbena t-tempju? Mir-riċerka li kont għamilt irriżulta li din iċ-ċiviltà tal-qedem setgħet użat il-pożizzjonijiet ta' tlugħ u nżul ix-xemx fuq ix-xefaq biex iservu ta' linji gwida għall-għażla tal-post.



*Inżul ix-xemx tax-xitwa kif jidher minn Ta' Ħaġrat*

**Linji Gwida**

Wara ħafna osservazzjonijiet beda jiġi nnotat li dawn in-nies kienu joqogħdu attenti ħafna għal kull tibdil li jidher fuq ix-xefaq, jiġifieri bejn wita u bidu ta' xi għolja u bil-kontra, il-punt baxx li jinħoloq bejn żewġ għoljiet u anke fejn l-art tmiss mal-baħar, kif jidher fuq ix-xefaq. Milli jidher, għal xi raġuni jew oħra, dawn il-punti kienu importanti ħafna għal dawn in-nies, tant li l-post għall-bini ta' tempju beda jingħażel minn fejn tara tlugħ jew inżul ix-xemx fil-bidu ta' kull staġun iseħħ f'dawn il-punti fuq ix-xefaq. Issa jekk ikollok sinjal ma' tlugħ ix-xemx filgħodu u sinjal ieħor filgħaxija ma' nżulha, jinħoloq punt wieħed biss minn fejn tista' tara dawn iż-żewġ punti. Dan kien il-post waħdieni magħżul fejn jinbena t-tempju.

Mill-osservazzjonijiet irriżulta li minn 16 mill-24 sit studjat, tlugħ ix-xemx tax-xitwa jseħħ fejn tibda xi għolja fuq ix-xefaq jew l-eqreb għolja lejn in-Nofsinhar tat-tempju. Fl-istess ġranet ukoll ix-xemx dehret tielgħa fuq ix-xefaq fejn il-baħar imiss mal-art f'ħames siti oħra. B'hekk f'21 minn 24 sit insibu tempju Neolitiku mibni fejn tlugħ ix-xemx tax-xitwa jseħħ mas-sinjali li semmejna.



*Tlugħ ix-xemx tax-xitwa kif jidher mill-Imnajdra*

Fl-istess ġranet imma filgħaxija ġie osservat li hemm 13-il sit fejn tidher ix-xemx nieżla mat-tarf ta' xi għolja fuq ix-xefaq, u kien hemm 3 siti oħra minn fejn ix-xemx tidher nieżla fuq ix-xefaq bejn art u baħar. Dan iġib it-total ta' 16-il sit minn 24 fejn inżul ix-xemx tax-xitwa jseħħ f'dawn il-punti msemmija aktar qabel.

Kien hemm ferm inqas minn dawn is-sinjali ma' tlugħ jew inżul ix-xemx fl-ekwinozju tar-rebbiegħa jew il-ħarifa. Fil-fatt kien hemm żewġ siti fejn ix-xemx tiġġ mal-bidu ta' xi għolja, filwaqt li kien hemm sit ieħor fejn ix-xemx tiġġ fejn l-art u l-baħar jiltaqgħu fuq ix-xefaq. Fl-istess jum imma filgħaxija nstab li kien hemm sit waħdani, l-Imnajdra, fejn ix-xemx tinżel fuq ix-xefaq bejn art u baħar.

L-osservazzjonijiet urew ukoll li t-tlugħ u l-inżul tax-xemx fis-sajf milli jidher ma tantx kienu mfittxija, għax għal filgħodu ma nstabu ebda punti partikolari fuq ix-xefaq filwaqt li għal filgħaxija kien hemm żewġ siti fejn ix-xemx tinżel mat-tarf ta' għolja filwaqt li sit wieħed fejn ix-xemx tinżel bejn art u baħar fuq ix-xefaq.



*Inżul ix-xemx tax-xitwa kif jidher minn Skorba*

Il-possibilità li dawn is-sinjali setgħu ntużaw biex jingħażel il-post eżatt għall-bini ta' tempju tista' tiġi nnutata f'dawn iż-żewġ eżempji. Mis-sit Ta' Skorba tlugħ ix-xemx tax-xitwa jseħħ mal-bidu tal-għolja tad-Dwejra, filwaqt li fl-istess ġranet filgħaxija nżul ix-xemx jidher

iseħħ f'punt baxx li jinħoloq bejn l-għoljiet tas-Santi u l-Kunċizzjoni u l-istess għolja Ta' Skorba. Jekk timmarka dawn iż-żewġ sinjali tinduna li dawn jaqsmu lil xulxin f'punt wieħed biss: it-tempju monumentali Ta' Skorba. Eżempju ieħor interessanti huwa s-sit Tal-Pellegrin. Dan is-sit jinsab f'nofs biċċa art xagħri li meta tkun hemm bilfors tistaqsi l-għaliex intgħażel dak il-post minn daqstant wisa'. Ġie osservat li huwa dak il-punt biss minn fejn tara x-xemx tax-xitwa tielgħa mal-bidu tal-għolja tal-fortizza ta' Binġemma, u fl-istess ġranet taraha nieżla fejn jiltaqgħu l-baħar ta' Fomm ir-Riħ mal-għolja Tal-Pellegrin stess

## Konklużjoni

Filwaqt li jeħtieġ li jsiru ħafna aktar studji dwar dan is-suġġett, dawn ir-riżultati jistgħu juru almenu raġuni waħda l-għaliex il-binjiet Neolitiċi jinsabu fejn jinsabu mxerrdin mal-gżejjer Maltin. Meta wieħed jara u jaħseb fuq dawn l-affarijiet, jasal biex jibda jifhem kemm din iċ-ċiviltà kienet ġabret tagħrif minn dak kollu li kienet imdawra bih, jiġifieri n-natura. Dawn ir-riżultati, li ma naħsibx li huma kumbinazzjonijiet, juru biċ-ċar kif il-bennejja tat-tempji Neolitiċi użaw il-mixja tax-xemx f'ċerti punti fuq ix-xefaq biex iservu ta' linji gwida fejn setgħu jibnu l-postijiet sagri tagħhom. Dan meta diġà nafu kif l-istess pjanta ta' xi tempji setgħet kienet affettwata mill-pożizzjoni u l-mixja tax-xemx fis-smewwiet, kemm f'dik li hi direzzjoni, għoli tal-bieb ewlieni u tul tat-tempju. Matul l-eluf ta' snin li għaddew minn fuq dawn is-siti, numru minnhom baqgħu jgawdu xefaq naturali bi tlugħ u nżul ix-xemx ma' xi punt partikolari, iżda oħrajn ġew imdawrin minn bini għoli li jtellef għalkollox ir-rabta bejn it-tempju u x-xefaq ta' madwaru.



*Tlugħ ix-xemx tax-xitwa kif jidher mis-sit Tal-Pellegrin u...*



*Inżul ix-xemx fl-istess ġranet kif jidher mill-istess post*

© Mario Vassallo 2017

**Referenza**

[1] Din ir-riċerka kienet ġiet ippubblikata fil-ġurnal *Sunday Times of Malta* tas-26 t'Awwissu 2007, paġni 44, 45, 46.



# Meta sirt ħabib ma' President Amerikan

## *li kunjomu sillaba waħda u jibda bl-ittra T*

**minn Louis J. VELLA**
*Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta*
*f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika*

SANTA MARIJA. Waslet il-festa tant għażiża ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema ġewwa l-Imġarr, *Parvus et Magnanimus*, ir-raħal *Żgħir b'Qalb Kbira*.

Filwaqt li nsellem b'tant għożża lill-Imġarrin kollha u lil dawk li b'xi mod jew ieħor huma konnessi ma' dan ir-raħal ta' "ħidma qalb dar-raba'", nibgħat l-isbaħ xewqat mill-belt maestuża ta' San Francisco fl-istat ta' Kalifornja ġewwa l-Amerika.

Il-jiem tal-festa huma jiem speċjali, huma jiem ta' ferħ u ta' ċelebrazzjoni, ta' tbaħrid, dwal u ħsejjes, però huma b'mod speċjali jiem ta' ġabra, ta' talb u ta' manifestazzjoni reliġjuża, hekk kif kien mill-qedem u kif tixtieq is-Sultana fuq is-slaten, l-Assunta Verġni.



*Il-knisja tal-Imġarr mixgħula fil-festa*

Għalina l-Imġarrin li noqogħdu f'artijiet imbiegħda l-jiem tal-festa huma jiem ta' nostalġija u ta' tifkiriet tal-imgħoddi. Bis-saħħa u grazzi għat-teknoloġija moderna llum ħafna minna jkunu jistgħu jsegwu xi ftit dak li jkun qed jiġri fl-Imġarr f'dawn il-jiem, għalkemm dan qatt ma jista' jieħu post il-preżenza fuq iz-zuntier imponenti tal-knisja elissi tal-Imġarr, hi u ħierġa l-vara imprezzabbli u tant għażiża tagħna.

Nieħu l-okkażjoni biex nifraħ ukoll lis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-progress ġgantesk li għamlet fl-ewwel hames snin tal-istorja sabiħa tagħha.

Din id-darba ddeċidejt li nikteb dwar ħabib ġdid tiegħi, li għalkemm ilu mejjet minn ħafna qabel tlesta l-bini tal-knisja tal-Imġarr, però xorta waħda f'dan il-bniedem sibt ċerti kwalitajiet sbieħ u interessanti li għoġbuni. Barra minn hekk, dan kien raġel ħabib ta' Malta, u min hu ħabib ta' Malta hu ħabib tiegħi. Nispera li l-qarrejja, minbarra li jieħdu pjaċir jaqraw din il-kitba, isiru jafu aħjar u japprezzaw dan il-president Amerikan ħabib tiegħi. Mela…

-o-o-o-o-o-

Ħafna huma dawk il-persunaġġi fl-istorja, kemm riċenti kif ukoll dik tal-passat, li fuqhom jinkitbu artikli, poeżiji, kotba jew rumanzi li jiddeskrivu ammirazzjoni jew disprezz lejhom, jew sempliċiment għax huma ta' interess għall-awtur jew il-qarrej. Hekk insibu kitba dwar karattri jew individwi meqjusa bħala eroj, missjunarji, qaddisin jew nies krudili, kapijiet ta' pajjiżi jew kumpaniji kbar tan-negozju, papiet, rejiet, politiċi, għorrief, artisti, eċċ. eċċ.

Ma jonqosx li fost dawn insibu ħafna prim ministri, presidenti, monarki, nies fil-militar

oħrajn. L-ammirazzjoni lejn nies li għamlu isem, li laħqu ċertu livell jew pożizzjoni fil-ħajja jew inkella li wettqu xi għemil mhux tas-soltu, minn dejjem kienet taffaxxina lil ħafna, speċjalment f'din l-era tal-midja soċjali u l-komunikazzjoni immedjata u f'idejn il-massa.


Bla dubju li fl-2017 wieħed mill-bnedmin l-iktar li ssemmew u li għadu kontinwament jissemma, u li fuqu nkitbu patafluni ta' materjal – tajjeb, ħażin jew indifferenti – hu l-President attwali tal-Istati Uniti tal-Amerika, is-Sur Donald J. Trump. Ħobbu jew obogħdu, favurih jew kontrih, tajjeb jew le, il-fatt jibqa' li l-President Trump hu persunaġġ li hu fuq fomm nies minn kull rokna tad-dinja u ma tgħaddix ġurnata li ma toħroġx xi aħbar dwaru, minnu jew fuqu.



*Il-President attwali Donald John Trump (1946-)*

Ma neħodhiex bi kbira jekk min qed jaqra dan l-artiklu, l-ewwel ħsieb ovvju li jiġih ikun li l-artiklu ser jittratta fuq il-President Amerikan fil-preżent, Donald Trump. Wara kollox għandu kunjom b'sillaba waħda u jibda bl-ittra T. Barra minn hekk naħseb li fuq is-Sur Trump hemm ħafna u ħafna fuq xiex wieħed jista' jikteb, għax għall-opinjonijiet varjati fuqu, Alla jbierek, m'aħniex neqsin. Barra minn hekk tista' tgħid li kważi kullimkien ser issib lil xi ġurnalist, artikolist jew opinjonist lest biex jiddeskrivi jew jikkritika xi ħaġa li tkun għadha kif daret dawra mad-dinja wara li tkun ħarġet mis-Sur Trump. U allura hija ħaġa minn ewl id-dinja li l-ittra T tista' faċilment tkun meqjusa bħala l-ewwel ittra tal-kunjom Trump. Nistħajjel nisma' bħal karba ħierġa minn fuq fomm il-qarrej, li tinstema' tgħid… "Issa xi nqala'? X'reġa' qal Trump?" Jew "Dan Trump biex ħiereġ issa?"

Għalkemm konklużjoni loġika u forsi wkoll prattika, però tkun konklużjoni mhux biss żbaljata, imma saħansitra tant 'il bogħod li lanqas biss hemm l-iċken paragun. Differenti iktar min-nar u l-ilma, jew il-lejl u l-jum, jew kif inhu f'dan il-każ, president u ieħor. Il-kunjom b'sillaba waħda u li jibda bl-ittra T mhux ta' Trump, u dan l-artiklu m'għandu x'jaqsam xejn mal-President Amerikan Trump!



*Il-President George Washington (1732-1799)*

Tajjeb. Issa li ċċarajna dan il-punt tista' tgħidilna ftit min hu dan l-imbierek President Amerikan li kunjomu jibda wkoll bl-ittra T, għax issa l-kurżità bdiet tagħmel tagħha? U x'inhi r-raġuni li qiegħed tikteb fuqu? X'għamel dan? Jaqaw xi opra kbira li d-dinja għadha ma għarfitx? X'ħalla warajh dan il-president li jixraqlu li niktbu dwaru f'dan l-artiklu? X'kellu x'jaqsam, jew x'konnessjoni hemm ma' Malta jew il-Maltin, li jimmeritah spazju f'dan l-annwal?

Minn mindu l-Istati Uniti tal-Amerika rebħet l-indipendenza tagħha, u għażlet lill-Ġeneral George Washington bħala l-ewwel president tagħha f'April tal-1789, l-Amerika kellha ħamsa u erbgħin bniedem li okkupa l-kariga ta' president.

Mela ġara li ftit xhur ilu, bl-għajnuna ta' ħabib tiegħi, irċievejt informazzjoni li f'ċertu rkant rinomat ta' oġġetti u teżori antiki, il-katalgu ta' dan l-istess irkant internazzjonali kien juri deskrizzjoni ta' ċertu oġġett li l-ħabib tiegħi kien persważ li jien kelli interess partikolari fih. Dan kien dokument, oriġinali u awtentiku, li għandu 'l fuq minn mitt sena, u li jġib fuqu s-siġill uffiċjali tal-Presidenza Amerikana, kif ukoll il-firma oriġinali tal-President u s-Segretarju tal-Istat tal-Amerika ta' dak

iż-żmien. Ma kellix l-iċken dubju f'moħħi li dan id-dokument, akkost ta' kollox, ridt li nakkwistah.


X'inhu u x'jirrappreżenta dan id-dokument hekk partikolari u li llum jinsab imdendel fuq ħajt tal-uffiċċju tiegħi f'Kalifornja? Skont riċerka, u minn dak li nista' nifhem, dan id-dokument jinkorpora fih l-ewwel, jew wieħed minn tal-ewwel, appuntament politiku li għamel president Amerikan biex jitrawmu u jissaħħu r-relazzjonijiet diplomatiċi u kummerċjali bejn l-Amerika u Malta.

Id-dokument, li jġib id-data tal-10 ta' Jannar 1910, għandu l-firma oriġinali tal-President **William Howard Taft**, kif ukoll il-firma tas-Segretarju tal-Istat Amerikan is-Sur **Philander C. Knox**.



*Il-President William Howard Taft (1857-1930)*





The President of the United States of America

To all who shall see these presents, Greeting

*Id-dokument, li hu miżmum b'għożża fl-uffiċċju tal-awtur, jinkorpora fih l-ewwel, jew wieħed minn tal-ewwel, appuntament politiku li għamel President Amerikan biex jitrawmu u jissaħħu r-relazzjonijiet diplomatiċi u kummerċjali bejn l-Amerika u Malta.*

B'dan id-dokument uffiċjali ċertu **James Verner Long**, mill-istat ta' Pennsylvania, li kien bniedem kapaċi, ta' fiduċja u integrità, f'Jannar tal-1910 ġie maħtur konslu għal Malta u l-gżejjer Maltin kif ukoll il-pajjiżi viċini li kienu għadhom mhumiex fid-dekasteru ta' konslu ieħor. Kif jaf kulħadd, f'Jannar tal-1910 Malta kien għad baqgħalha aktar minn 54 sena biex tikseb l-indipendenza tagħha, però anki f'dawk iż-żminijiet bikrija nsibu taħditiet, interess u sforzi diplomatiċi biex l-Amerika tibqa' dejjem tikkultiva relazzjonijiet tajbin ma' Malta.




*Is-Segretarju tal-Istat Amerikan Philander Chase Knox (1853-1921)*

Id-dokument jindirizza anki lill-uffiċjali tar-Renju Ingliż biex dawn jirrispettaw, jgħinu u jipproteġu l-Konslu Amerikan Long, sew fil-ħatra tiegħu kif ukoll fil-qadi tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu. Wara li akkwistajt dan id-dokument, li tant hu għal qalbi, bla ma trid tibda tfittex u tistudja aktar fil-fond il-protagonisti ta' dan id-dokument, u b'hekk trawmet u kibret bħal ħbiberija mal-President Amerikan William Taft, li issa ilu mejjet 'il fuq minn 87 sena.

William Howard Taft twieled fil-15 ta' Settembru 1857 f'Cincinnati, Ohio. Fi tfulitu kien iħobb ħafna l-isport u kien jipprometti, għalkemm il-piż pjuttost żejjed tiegħu ma kienx wisq


ta' għajnuna għalih fl-isports li kien jipprattika. Wara li għadda l-iskola sekondarja b'marki għoljin ħafna, Taft kompla l-istudji terzjarji tiegħu fl-Università ta' Yale fil-belt ta' New Haven, Connecticut, fejn spiċċa wkoll wieħed minn tal-ewwel fil-klassi. Missier William Taft, Alphonse, kien avukat u impjegat mal-Gvern Federali, fejn għal xi żmien okkupa pożizzjoni fil-kabinett tal-President Ulysses Grant. Mhux ta' b'xejn li ż-żagħżugħ William Taft, bħal missieru, kompla l-istudji tiegħu fl-iskola tal-Liġi f'Cincinnati, Ohio, fejn insibu li ggradwa u beda jaħdem ta' avukat.



*Il-President Ulysses S. Grant (1822-1885)*


William Taft iżżewweġ lil Helen 'Nellie' Herron u kellhom żewġt itfal. Is-Sinjura Taft, minħabba li missierha kien jaf sewwa lill-President Rutherford Hayes, kienet diġà midħla tal-White House u l-presidenza tal-Amerika. Jingħad li Nellie Herron rat li ż-żwieġ tagħha ma' William Taft seta' xi darba jwassalha biex hi wkoll tidħol u tgħix fil-famuża White House. Fil-fatt xi snin wara tabilħaqq hekk ġara.

William Taft avvanza ħafna fil-karriera tiegħu bħala avukat, fejn laħaq ukoll imħallef, u taħt il-President William McKinley, Taft ġie maħtur Gvernatur tal-gżejjer Filippini. Wara xi snin f'din il-kariga, li kienet għal qalbu ħafna, il-President Theodore Roosevelt bagħat għalih u fdalu s-segretarjat tal-gwerer, u b'hekk sar membru tal-kabinett. Roosevelt kien president popolari, però ma setax jerġa' jikkontesta l-elezzjoni presidenzjali peress li kien diġà kellu żewġ termini bħala president.



*Il-President Rutherford B. Hayes (1822-1893)*

Fl-1908, bl-appoġġ sħiħ u bl-għajnuna fejjieda tal-ħabib tiegħu l-President Theodore Roosevelt, ma kinitx tant sorpriża li William Howard Taft rebaħ in-nomina tal-partit tiegħu, u ftit wara rebaħ ukoll l-elezzjoni presidenzjali tal-Amerika li saret f'Novembru tal-1908. Ftit ġimgħat wara William Taft ħa l-ħatra bħala s-27 persuna li okkupa din il-kariga tant importanti ta' wieħed mill-aktar pajjiżi potenti fid-dinja. Avolja qabel rebaħ l-elezzjoni presidenzjali William Taft kellu f'idejh is-segretarjat tal-gwerer, Taft kien bniedem li jħobb il-paċi u kien kontra l-gwerer. Tant hu hekk li fl-indirizz inawgurali tiegħu, wara li ħa l-ġurament tal-ħatra ta' President tal-Amerika, William Howard Taft qal hekk: "*Our international policy is always to promote peace. We shall enter into any war with a full consciousness of the awful consequences that it always entails…and we, of course, shall make every effort consistent with national honour and the highest national interest to avoid a resort to arms…*"



*Il-President William McKinley (1843-1901)*

Il-presidenza ta' William Taft ma kinitx xi waħda ħażina, però lanqas ma kienet xi waħda brillanti. Tant hu hekk li wara l-ewwel snin bħala president Taft beda jitlef is-sapport tal-ħabib tiegħu Theodore Roosevelt, fejn dan tal-aħħar ma appoġġjahx fl-elezzjoni ta' 4 snin wara. U Taft spiċċa biex tilef kontra l-kandidat Woodrow Wilson, u kellu jċedi l-presidenza lill-partit


ta' kontra. Ta' min isemmi hawn li ftit iżjed minn sena wara li Woodrow Wilson ħa l-ġurament ta' President tal-Amerika, faqqgħet l-ewwel gwerra dinjija.

Ħafna politiċi għandhom ambizzjoni li jilħqu l-ogħla pożizzjonijiet possibbli. Però l-ikbar ambizzjoni li kellu fil-ħajja tiegħu William Taft ma kinitx dik li jilħaq president tal-Amerika, avolja din bla dubju hi l-ogħla pożizzjoni li politiku jista' qatt jaspira għaliha. Fil-fatt l-ikbar ambizzjoni tiegħu kienet li jservi bħala Chief Justice fuq l-ogħla Qorti Amerikana.




*Il-President Theodore Roosevelt (1858-1919)*

Naraw li fl-1921 William Howard Taft laħaq ukoll din l-akbar ambizzjoni tiegħu, meta fi żmien il-presidenza ta' Warren Harding ħa postu bħala Chief Justice fuq il-Qorti Suprema tal-Amerika. Taft serva b'distinzjoni f'din il-kariga, fejn kien ferħan ħafna u x'aktarx li għamel l-aqwa xogħol tiegħu. Jingħad li waqt li kien iservi bħala Chief Justice, meta ġie mistoqsi, William Taft wieġeb: "Lanqas biss niftakar meta kont President tal-Amerika!"



*Il-President Thomas Woodrow Wilson (1856-1924)*


Baqa' fil-kariga ta' Chief Justice sal-1928, sa ftit qabel ma miet. B'hekk il-ħabib tagħna William Howard Taft sar u għadu l-unika persuna fl-istorja Amerikana li laħqet l-ogħla kariga eżekuttiva kif ukoll l-ogħla kariga fil-ġudikatura ta' pajjiżu.




*Il-President Warren G. Harding (1865-1923)*

William Taft, il-president li sar ħabib tiegħi minn mindu skoprejt li fl-1910 kien iffirma n-nomina ta' James Verner Long bħala konslu Amerikan għal Malta, miet nhar is-Sibt, 8 ta' Marzu 1930 fil-belt adottiva tiegħu Washington, DC. Hu midfun fiċ-ċimiterju ta' Arlington, Virginia.

Nispera li kull min jaqra dan l-artiklu jsir jaf xi ftit u japprezza lill-ħabib tiegħi William Howard Taft, il-president Amerikan li kunjomu sillaba waħda u jibda bl-ittra T!




*Id-dokument, li jġib id-data tal-10 ta' Jannar 1910, kien mibgħut lil James Verner Long, minn Pennsylvania, li kien maħtur Konslu għal Malta u l-pajjiżi viċin li kien għad ma kellhomx Konsolat, għandu l-firma oriġinali tal-President, William Howard Taft, u tas-Segretarju tal-Istat Amerikan, Philander C. Knox.*

# Leli Cini u n-Niċċa ta' Santa Marija fl-Imġarr



**Kitba ta' Joseph Caruana**

Emanuel Cini, magħruf bħala Leli l-iskultur, twieled fiż-Żebbuġ, Għawdex fit-30 ta' Diċembru tal-1951. Meta Leli kellu 18-il sena, hu u missieru Carmelo ġew fdati biex jagħmlu diversi xogħlijiet ta' restawr u skultura fil-knisja arċipretali tal-Mellieħa. Insibu li damu madwar 13-il sena jaħdmu f'din il-knisja. Peress li kienu Għawdxin, il-Kappillan ta' dakinhar Dun Ġużepp Schembri kien offrielhom post fejn joqogħdu u kien jipprovdilhom l-ikel. Leli u missieru kien jmorru Għawdex biss għal-weekend. Mela kif ġa għedna, minbarra fejn joqogħdu l-kappillan kien għamel arranġamenti mal-ħanut Morning Star Bar, li kien biswit il-każin tal-Banda La Vittoria, biex Leli u missieru jmorru jieklu xi ħaġa minn hemm. Kien propju dan l-arranġament li sewa ta' ħuttab għal Leli, li wara ftit żmien beda jinnamra mat-tifla tas-sid, Miriam, li llum hi l-mara tiegħu.

L-ewwel biċċa xogħol li għamel Leli kienet però propju f'raħal twelidu, iż-Żebbuġ, Għawdex. Fl-1969 Leli kien mar jitħarreġ fid-disinn għand is-Sur Carmelo Tonna tal-Imdina. Lura għax-xogħol li wettaq fil-knisja arċipretali tal-Mellieħa. Fil-bidu l-Kappillan kien qabbad lil Leli u lil missieru biex jagħmlu xogħol ta' restawr fit-twieqi, qabel din il-knisja tinżebagħ. Kienu propju Leli u missieru li kkonvinċew lill-Kappillan Schembri biex minflok tinżebagħ il-knisja ssir fuq il-fil. Hu ta' sodisfazzjon kbir għal Leli li kien irnexxielhom jikkonvinċu lill-Kappillan, u fil-fatt dan it-tempju għadu sal-lum jitgawda fuq il-fil. Il-ġebla tal-knisja arċipretali tal-Mellieħa hi waħda partikolari u magħrufa



*F'dan ir-ritratt jidher Leli flimkien ma' missieru fl-1970 meta kienu qed jaħdmu fil-knisja arċipretali tal-Mellieħa*



*Waqt xogħol ta' restawr fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa*



*Dan ir-ritratt ġie meħud fl-1966 u jidher Leli flimkien ma' missieru jagħmlu xogħol fil-knisja taż-Żebbuġ, Għawdex. Din kienet l-ewwel biċċa xogħol ta' Leli*

sew għall-bjuda tagħha. Dan għaliex hi ġebla tal-ġir. Ix-xogħol biex il-knisja ssir fuq il-fil għamluh Leli u missieru. Damu jagħmlu dan ix-xogħol madwar 13-il sena. Minbarra dan ix-xogħol huma għamlu wkoll xogħol ta' skultura u restawr ieħor li nqala' max-xogħol. Fl-1972 Leli kien ġie fdat bit-tqegħid tal-istatwi ta' Mosè u Elija, li qegħdin fil-faċċata tal-knisja tal-Mellieħa. Kien ukoll f'dan il-perjodu li Leli akkwista garaxx fi Triq Etna, il-Mellieħa, fejn kien jagħmel xi xogħol ta' disinji u skultura fil-ġebel u dekorazzjonijiet oħra għal diversi entitajiet, każini u knejjes. Hu kien jagħmel dan biex jaqla' dik ix-xi ħaġa tal-flus extra biex ikun jista' jibda, u iktar 'il quddiem imantni, il-familja tiegħu. Leli u missieru kienu jgawdu anke l-fiduċja tal-kappillani li ġew wara Dun Ġużepp Schembri, tant li kien baqgħu għaddejjin bix-xogħlijiet.



*Leli jagħmel xogħol ta' restawr fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa*

Però Leli ma ħadimx biss fil-Mellieħa. Insibu li l-ewwel biċċa xogħol li għamel f'Malta flimkien ma missieru, kienet propju dik tal-frontispizju replika li jinsab fuq wara tar-Rotunda tal-Mosta. Għamel ukoll diversi xogħlijiet fil-knisja tan-Nazzarenu f'Tas-Sliema. F'din il-knisja, li għandha l-koppla tal-konkos, hu bena koppla oħra ġo fiha b'qoxra ħoxna tal-franka. M'għandniex xi ngħidu, minbarra d-disinn ta' dan il-kapulavur Cini ħadem ukoll l-iskultura u għamel ix-xogħol ta' superviżjoni tal-proġett. L-istil ta' dan ix-xogħol hu Unique. Fuq dan ix-xogħol Leli kien imur jaħdem jumejn fil-ġimgħa, u dam għaddej 18-il sena sħaħ.




*Leli qed jaħdem fuq wieħed mid-disinji tiegħu*

Xogħol ieħor li għamel Leli nsibuh fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Gżira. Hawn hu għamel id-disinn u l-iskultura fuq is-saqaf kollu, għajr xi xogħlijiet żgħar fil-kor, fejn hu ħadem skultura fuq disinn li kien ġa lest. Dan ix-xogħol kien sar fuq stedina tal-Kappillan Dun Karm Tonna, u nbeda fl-2006. Dan il-proġett ġie inawgurat fit-2 ta' Lulju 2016, waqt quddiesa ta' ringrazzjament għax-xogħol li sar. Il-quddiesa kienet ikkonċelebrata mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna.

Leli ħadem ukoll fil-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Fuq stedina tal-Kappillan Dun Alfred Camilleri Cini għamel xogħol ta' restawr fil-koppla u partijiet oħra ta' dan it-tempju maestuż. Hu ħadem ukoll fuq iż-żewġ kampnari li hemm fil-faċċata.

